OTTUBRU 2005

# Qim

## Rivista Liturgika

Ħarġa nru 9

Segretarjat għal-Liturġija
Kurja ta' l-Arċisqof | Floriana
Tel: 2590 6145 | Email: manicaro@onvol.net
Editur: Fr Jesmond Manicaro



F'DIN IL-ĦARĠA

Editorjal 02 Il-Knisja tagħmel l-Ewkaristija u l-Ewkaristija tagħmel il-Knisja 04 Ħsibijiet dwar l-Ewkaristija 20 L-Innu fit-tradizzjoni Biblika 23
It-tifsira tal-Quddiesa 36 Il-Messaġġ tal-Papa Benedittu XVI 46 Il-Messaġġ ta' Monsinjur Arċisqof 47

## EDITORJAL



*Resqin lejn tmiem is-sena ta' l-Ewkaristija. Din se tagħlaq fix-xahar ta' Ot-tubru bis-Sinodu ta' l-Isqfijiet li sejjer isir ġewwa Ruma.*

Għalkemm forsi għadu kmieni rridu naraw ftit kif morna. Ma kienx mistenni minna li nwettqu affarijiet straordinarji. Fi kliem il-Papa Benedittu XVI, fil-messaġġ li bagħat lilna l-maltin fl-okkażjoni ta' l-għeluq tal-Kungress Ewkaristiku, tul din is-sena ridna nġeddu "id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija" u nixorbu "dejjem aktar mill-għajn tal-grazzja li tagħti l-ħajja sagramentali tal-Knisja".

Din il-ħarġa hi kważi kollha kemm hi ddedikata lill-Kungress Ewkaristiku Nazzjonali li sar f'Malta f'Ġunju li għadda.

Qegħdin nipproduċu taħdita bit-Taljan u bil-Malti li ta Monsinjur Maurizio Barba. Għalkemm il-policy tal-Bord Editorjali hi li ma nġibux artikli twal, ħassejna li hawnhekk għandna nagħmlu eċċezzjoni. L-artiklu ta' Barba minbarra li hu xogħol ta' professur tal-liturġija, joffri test li nistgħu neħduh bħala meditazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija. Għandna artiklu li b'mod ċar jagħtina l-bażi tal-ħajja ta' kull nisrani:
*In-nisrani ma jistax jieqaf biss għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, imma jrid isir Ewkaristija flimkien mal-Mulej Ġesù. Xi jfisser għall-ħajja tagħna ta' kuljum? Li noffru ġisimna: dak kollu li jżommna ħajjin: iż-żmien, is-saħħa, l-enerġija, il-ħila, l-għożża, forsi xi tbissima, il-ferħ... Li noffru demmna: li noffru mewtna (mhux neċessarjament dik fiżika); ifisser mewt dak kollu li ġewwa fina minn issa iħejji jew jantiċipa l-mewt, it-tkasbir, in-nuqqas ta' suċċess, il-mard, l-uġigħ, in-nuqqas ta' ftehim, dak kollu li jġegħelna nbatu… Hawn qiegħed is-sens ta' kliem San Pawl li fakkarna: "Nitlobkom ħuti, għall-ħniena ta' Alla, offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj, qaddis u li jogħġob lil Alla, jiġifieri l-qima spiritwali tagħkom".*

In-numru kbir ta' lajċi u reliġjużi nisa li attendew għal-laqgħat tal-Kungress Ewkaristiku urew apprezzament kbir għat-taħdita ta' Monsinjur Charles J. Scicluna.

Permezz ta' *powerpoint presentation* Scicluna tkellem dwar l-Ewkaristija fil-ħajja tal-Beati Maltin. Din il-preżentazzjoni tista' tinkiseb minn fuq il-website tal-Arċidjoċesi *www.maltachurch.org.mt*. F'din il-ħarġa qegħdin nistampaw xi sentenzi biex jinqraw fil-knejjes fix-xahar ta' Ottubru. M'hemmx għalfejn ngħidu li dawn il-ħsibijiet jistgħu jintużaw ukoll għar-riflessjoni personali.

Is-Segretarjat għal-Liturġija flimkien mas-Segretarjat Komunikazzjoni Soċjali fil-jiem tal-Kungress ħareġ ukoll *powerpoint presentation* dwar il-Quddiesa. L-iskop kien li ssir katakeżi sempliċi dwar il-Quddiesa fl-għaqdiet u fil-knejjes. F'din il-ħarġa nsibu t-test komplut ta' din il-katakeżi, u għalhekk għandna ġabra ta' tagħlim bażiku dwar il-Quddiesa. Qegħdin nippruvaw li fi ftit ġimgħat oħra npoġġu din il-presentation fuq il-website tas-segretarjat.

Fl-aħħar insibu wkoll artiklu dwar L-Innu fit-tradizzjoni Biblika. Kif għidna fl-aħħar ħarġa, il-Kummisjoni Liturġika Nazzjonali xtaqet tistampa ktejjeb bl-innijiet tal-Brevjar, b'xi noti u artikli. Diversi diffikultajiet tekniċi fixklu dan il-ħsieb. Illum qed nippreżentaw l-aħħar artiklu li kellu jidher f'dan il-proġett li għalissa qed jitħalla fuq l-ixkaffa. L-Innu fit-tradizzjoni Biblika nkiteb minn Patri Joe Agius, dumnikan u professur ta' l-Iskrittura Mqaddsa. Agius bl-istil metodiku tiegħu jifli fid-dettal il-kliem li jintuża fil-Bibbja għal innu. Imbagħad jibda biex jidentifika dawn l-innijiet u jitkellem dwar il-binja, jew aħjar l-elementi li jsawruhom. Interessanti ħafna l-parti li tittratta l-kant tal-innijiet fil-liturġija u l-interpretazzjoni ta' l-innijiet tat-Testment il-Qadim min-nisrani llum fid-dawl ta' tagħlim aġġornat. Il-Bord Editorjali jieħu l-okkażjoni biex jifraħ lil Fr. Joe Agius li għadu kemm ġie maħtur rettur tal-Universita' Pontifiċja Angelicum ta' Ruma.

Is-suppliment f'din il-ħarġa fih l-istruzzjoni *Redemptionis Sacramentum*. Ma rridux inħarsu lejn dan id-dokument bħala sarima. *Redemptionis Sacramentum* iħeġġeġ fuq kollox lis-saċerdoti biex jaqbdu f'idejhom il-Missal u jesploraw mill-ġdid il-potenzjal qawwi ritwali u testwali li hemm fih. Ma jistax dan id-dokument (u aħna naqblu miegħu) ma jikkundannax l-aġir ħażin u mhux floku fejn is-saċerdot b'mod bla sens jimproviża ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa. Din l-attitudni bl-ebda mod ma tista' tissejjaħ *ars celebrandi* u peress li tfaqqar iċ-ċelebrazzjoni qatt ma twassal għall-parteċipazzjoni attiva u vera. Tista' toħloq ftit emozzjoni jew storbju fil-ġemgħa liturġika, iżda dan ma jwassalx lil dawk miġbura biex jidħlu fil-qalba tal-vera ċelebrazzjoni liturġika.



MONS. MAURIZIO BARBA

# IL-KNISJA TAGĦMEL L-EWKARISTIJA U L-EWKARISTIJA TAGĦMEL IL-KNISJA

*Huwa tassew providenzjali, il-lejla, li nieqfu ftit u flimkien nirreflettu fuq suġġett partikulari tal-fidi nisranija tagħna, speċjalment f'din is-sena ddedikata lill-Ewkaristija.*

Fuq it-tagħlim mdawwal li l-mibki Papa Ġwanni Pawlu II ħalla lill-Knisja l-għada tal-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000 bl-Ittra Apostolika *Novo millenio ineunte*, fejn stieden lil kulħadd biex jagħmel mill-kontemplazzjoni tal-Wiċċ ta'Kristu iċ-ċentru ta' l-impenn ekkleżjali, u proprju fid-dawl ta' dik il-parti ta' l-istedina biex l-Ewkaristija tkun ir-ruħ tal-ħajja tal-Knisja, nirreflettu aħna wkoll fuq il-misteru kbir ta' l-imħabba ta' Kristu magħluq fl-Ewkaristija u mogħti bħal ġid prezzjuż lill-Knisja l-għarusa tiegħu.

Fl-Enċiklika *Ecclesia de Eucharistia*, fin-n.21, il-Papa filwaqt li jfakkar fir-rabta intima u reċiproka bejn il-Knisja u l-Ewkaristija, jisħaq:

"Il-Konċilju Vatikan II fakkar li ċ-ċelebrazzjoni ewkaristika hija fiċ-ċentru tal-proċess ta' tkabbir tal-Knisja. Fil-fatt, wara li qal li 'Il-Knisja, jew aħjar, is-saltna ta' Kristu diġa' preżenti f'misteru, tikber viżibilment fid-dinja minħabba l-qawwa ta' Alla', bħallikieku biex iwieġeb għall-mistoqsija 'Kif qed tikber?' il-Koncilju zied jgħid: 'Kull darba li s-sagrifiċċju tas-Salib, li

# LA CHIESA FA L'EUCARISTIA E L'EUCARISTIA FA LA CHIESA

*È quanto mai provvidenziale fermarci questa sera per riflettere insieme su un particolare tema della nostra fede cristiana, specialmente in questo particolare anno dedicato all'Eucaristia.*

*Sulla scia degli orientamenti che il compianto Papa Giovanni Paolo II ha offerto alla Chiesa all'indomani del Grande Giubileo del 2000 con la Lettera Apostolica* Novo millennio ineunte, *nella quale ha invitato a porre al centro dell'impegno ecclesiale la contemplazione del volto di Cristo, e nel solco dell'invito a fare dell'Eucaristia il cuore della vita della Chiesa vogliamo riflettere anche noi sul grande mistero dell'amore di Cristo racchiuso nell'Eucaristia e donato come bene prezioso alla Chiesa sua sposa.*

*Al n. 21 dell'Enciclica Ecclesia de Eucharistia il Papa, ricordando che tra Chiesa ed Eucaristia vi è un rapporto intimo e reciproco, afferma che:*

*Il Concilio Vaticano II ha ricordato che la celebrazione eucaristica è al centro del processo di crescita della Chiesa. Infatti, dopo aver detto che "la Chiesa, ossia il regno di Cristo già presente in mistero, per la potenza di Dio cresce visibilmente nel mondo", quasi volendo rispondere alla domanda "Come cresce?", aggiunge: Ogni volta che il sacrificio*

fih Kristu l-ħaruf ta' l-Għid tagħna hu maqtul, ikun iċċelebrat fuq l-altar, tiġġedded il-fidwa tagħna. Fl-istess ħin bis-sagrament tal-ħobż ewkaristiku, tintwera u sseħħ l-għaqda bejn il-fidili, li jagħmlu ġisem wieħed fi Kristu."

Veru li l-Knisja tagħmel l-Ewkaristija, li tistabbilixxi kif għandu jkun ċċelebrat is-sagrifiċċju divin, tagħżel it-talb u l-qari, toħloq ir-riti biex il-misteru tal-fidwa tagħna ikun ċċelebrat u mgħajjex mill-poplu nisrani, iżda huwa veru wkoll li hija l-Ewkaristija li tagħmel il-Knisja. Fil-Knisja, l-Ewkaristija m'hijiex xi ħaġa aċċidentali, imma element ta'qawwa, prinċipju vitali, oriġinarju u li jikkostitwixxi dak li hu tabilħaqq. Fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, il-Knisja tinbidel b'mod sħiħ f'dak li hi, jiġifieri l-Ġisem ta' Kristu. L-Ewkaristija hija l-mera 'l fejn trid tħares il-Knisja biex tikseb mill-ġdid il-fisjonomija u l-identita' tagħha. "Is-saltna tas-smewwiet tixbah lil ftit ħmira li waħda mara tkun qabdet u ħaltet ma' tliet sigħan dqiq..."(Mt 13,33): l-Ewkaristija hija l-ħmira tassew li Kristu qiegħed f'nofs il-massa li hi l-Knisja biex tiffermenta u ssir ħobż bħalu!

B'ħafna modi l-Ewkaristija tagħmel il-Knisja, hemm diversi modi kif tista' sseħħ din il-bidla tal-Knisja f'Ewkaristija, jew aħjar fil-Ġisem ta' Kristu. Madankollu l-lejla ser niġbdu l-attenzjoni fuq tlieta biss: il-konsagrazzjoni, it-tqarbin u l-imitazzjoni.

## 1.L-EWKARISTIJA TAGĦMEL IL-KNISJA PERMEZZ TAL-KONSAGRAZZJONI

San Pawl, kiteb fost l-oħrajn lir-Rumani: "Nitlobkom ħuti, għall-ħniena ta' Alla,offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj, qaddis u li jogħġob lil Alla, jiġifieri il-qima spiritwali tagħkom." (Rum 12,1)

Dan il-kliem ifakkarna fil-kliem li Ġesù lissen fl-aħħar ikla: "Ħudu u kulu, dan hu ġismi li jingħata għalikom", "Ħudu u ixorbu dan hu demmi li jixxerred għalikom". Meta San Pawl qal "offru ġisimkom b'sagrifiċċju" fi kliem sempliċi qisu qal: "Agħmlu intom ukoll dak li għamel il-Mulej, siru intom ukoll ewkaristija."
Iżda, qabel San Pawl, kien Kristu

*della croce col quale Cristo, nostro agnello pasquale, è stato immolato! Viene celebrato sull'altare, si effettua l'opera della nostra redenzione. E insieme, col sacramento del pane eucaristico, viene rappresentata e prodotta l'unità dei fedeli, che costituiscono un solo corpo in Cristo.*

*È vero che è la Chiesa a fare l'Eucaristia, a stabilire i modi per celebrare il divino sacrificio, a fissare i testi e a creare i riti perché il mistero della nostra redenzione sia celebrato e vissuto dal popolo cristiano, ma è altrettanto vero che è l'Eucaristia a fare la Chiesa. Nella Chiesa l'Eucaristia non è qualcosa di accidentale, ma è l'elemento forza, il principio vitale, originario e costitutivo del suo essere tale; nella celebrazione eucaristica la Chiesa diventa pienamente ciò che è, ovvero il Corpo di Cristo. L'Eucaristia è lo specchio nel quale la Chiesa deve specchiarsi per ritrovare la sua fisionomia, la sua identità.*
*«Il Regno dei cieli è simile al lievito che una donna nasconde in tre staia di farina» (Mt 13, 33): l'Eucaristia è il vero lievito che Cristo ha posto nella massa che è la Chiesa perché fermenti e diventi un pane come lui!*
*In diversi modi l'Eucaristia fa la Chiesa, vi sono differenti maniere perché avvenga questa trasformazione della Chiesa in Eucaristia, ovvero in Corpo di Cristo, ma vogliamo questa sera fermare la nostra attenzione solo su tre di esse: la consacrazione, la comunione e l'imitazione.*

## *1. L'EUCARISTIA FA LA CHIESA MEDIANTE LA CONSACRAZIONE*

*San Paolo scrivendo agli abitanti di Roma così si esprime:*

*Vi esorto, fratelli, per la misericordia di Dio, ad offrire i vostri corpi come sacrificio vivente, santo e gradito a Dio, questo è il vostro culto spirituale (Rm 12, 1).*
*Queste parole richiamano alla mente le parole pronunciate da Gesù nell'ultima cena: "Prendete e mangiate, questo è il mio corpo offerto in sacrificio per voi", "Prendete e bevete, questo è il mio sangue versato per voi". Ora, quando Paolo dice "offrite i vostri corpi in sacrificio", è come se dicesse in parole semplici: "Fate anche voi ciò che ha fatto il Signore, diventate anche voi eucaristia".*

*Ma prima di Paolo è Gesù stesso a ricordarlo ai suoi discepoli quella stessa sera dell'ultima cena: "Fate*

stess li fakkar dan lid-dixxipli tiegħu dak inhar ta' l-aħħar ċena: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi". Ġesù ma jgħidx biss biex jagħmlu eżattament dak li għamel hu, ir-rit li għamel hu, imma wkoll fir-rigward tal-kontenut u tas-sustanza ta' għemilu; agħmlu ma' l-oħrajn l-istess bħalma jien għamilt magħkom, agħtu, agħtu kollox lil xulxin: "Jien tajtkom eżempju: biex kif għamilt jien magħkom, hekk tagħmlu intom ukoll".(Ġw 13,15) Lid-dixxipli mħassba għax m'għandhomx ħobż biżżejjed biex itaffi l-ġuħ ta' ħamest elef ruħ, Ġesù qalilhom: "Agħtuhom jieklu intom stess".

Fi kliem Ġesù hemm xi ħaġa iktar qawwija: skond it-terminoloġija ta' San Pawl, profonda u mimlija sinifikat, aħna l-ġisem ta' Kristu, il-membri tiegħu, qisu Ġesù qed jgħidilna: "Ħalluni noffri lill-Missier l-istess ġisem tiegħi li huwa intom".

L-Ewkaristija tagħmel il-Knisja permezz tal-konsagrazzjoni! Ejjew niflu bir-reqqa dan il-mument partikulari taċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, biex aħna wkoll ikollna l-ħila nwettqu dak li Ġesù wettaq fl-aħħar ċena, mhux bil-ġesti biss imma fuq kollox billi ngħixu ħajjitna b'mod awtentiku.

QASAM IL-ĦOBŻ: għalkemm ġest sempliċi, jfisser ħafna tant li anki l-istess ċelebrazzjoni ewkaristika ħadet dan l-isem *fractio panis* (il-qsim tal-ħobż). Ftakru ftit biss biss f'dawk id-disinji antiki li hemm fil-katakombi! Ġesù qasam il-ħobż mhux biss f'sens li jkun jista'jaqsam ma' kulħadd u jagħti biċċa lil kull wieħed mid-dixxipli, iżda jfisser ferm iktar minn hekk: huwa s-sinjal tas-sagrifiċċju, sagrifiċċju bla qies. Bil-qsim tal-ħobż, Ġesù juri minn qabel dak li kien se jiġri minn ħajtu stess. L-ikla ta' Ħamis ix-Xirka tfakkarna fil-Ġimgħa bħalha l-konsegwenza naturali tagħha: dak il-ħobż maqsum huwa ġisem Kristu imdendel fuq is-salib biex ta ħajtu għall-fidwa tal-bniedem, hija l-istess ħajja tiegħu mogħtija biex iseħħu mill-ġdid il-patt u l-ħbiberija ma' Alla, li tkissru minħabba fid-dnub. Huwa att ta' ubbidjenza bla tarf fil-Missier, sal-mewt, l-għotja sħiħa ta' ħajtu biex iseħħ il-pjan tal-fidwa li Alla sa mill-eternita' kien fassal għall-bnedmin. F'Ġesù, iseħħ kliem l-Iskrittura: "Sagrifiċċji u offerta int ma ridtx... għad-dnubiet. Jien mbagħad għedt: hawn jien ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek."(Lhud 10 5,9) Il-ħobż li Ġesù jaqsam mad-dixxipli tiegħu huwa l-ħobż ta' l-ubbidjenza u ta' l-imħabba tiegħu lejn il-Missier.

*questo in memoria di me". Gesù non dice solo di compiere esattamente i gesti che lui ha fatto, il rito che lui ha compiuto, ma di fare il contenuto e la sostanza di quelle azioni; fate agli altri la stessa cosa che io ho fatto per voi, datevi, spendetevi gli uni per gli altri; "Vi ho dato l'esempio, perché come ho fatto io , così facciate anche voi" (Gv 13, 15). Ai discepoli preoccupati di non avere pane sufficiente per sfamare cinquemila persone, Gesù esorta: "Date loro voi stessi da mangiare".*

*Ma c'è qualcosa di più profondo in queste parole del Signore: secondo la terminologia paolina, profonda e pregnante di significato, noi siamo il corpo di Cristo, le sue membra, per cui è come se Gesù dicesse: "Permettete che io offra al Padre il mio stesso corpo che siete voi".*

*L'Eucaristia fa la Chiesa attraverso la consacrazione! Proviamo dunque a zumare questo particolare momento della celebrazione eucaristica, perché possiamo essere capaci anche noi di fare quello che fece Gesù in quell'ultima cena non solo nella verità dei segni, ma nell'autenticità della nostra vita.*

*SPEZZÒ IL PANE: questo gesto, così semplice e pregno di significato ha addirittura dato il nome alla stessa celebrazione eucaristica (*fractio panis*). Pensate alle antiche raffigurazioni presenti nelle catacombe!*
*Gesù spezzò il pane non solo in segno di condivisione per darne un pezzo a ciascuno dei suoi discepoli, ma è un gesto carico di un significato più profondo: è segno del sacrificio, dell'immolazione! Nel gesto dello spezzare il pane, Gesù anticipa nei segni ciò che farà poi con la sua stessa vita. La cena del giovedì santo rimanda al venerdì come al suo naturale evento: quel pane spezzato è il corpo di Gesù appeso alla croce che dona la sua vita per la salvezza degli uomini, è la sua stessa vita offerta per ristabilire l'alleanza e l'amicizia con Dio infranta dalla disobbedienza del peccato. È un atto di totale obbedienza al Padre che si spinge fino alla morte e al dono di sé, pur di compiere il disegno di salvezza che Dio sin dall'eternità ha avuto nei confronti dell'uomo. In Gesù si attuano le parole della Scrittura: "Tu non hai gradito né olocausti, né sacrifici per il peccato: allora ho detto: Ecco io vengo o Dio a fare la tua volontà" (Eb 10, 5-9). Quel pane che Gesù dona ai suoi discepoli è il pane della sua obbedienza e del suo amore*



Il-Papa fl-Ittra Apostolika *Mane nobiscum Domine*, fin-n.25 ifisser kif l-Ewkaristija "li minn Ġesù tgħaddi għand in-nisrani, u permezz tax-xiehda tiegħu tħares 'il quddiem biex tinfirex dejjem iktar qalb is-soċjeta' u l-kultura. Biex jiġri dan kull nisrani jrid jagħmel tiegħu, bil-meditazzjoni persunali u komunitarja, il-valuri li joħorġu mill-Ewkaristija, l-imġiba li tnebbaħ, il-proposti ta' ħajja li tqanqal." Fin-n.26: "F'Ġesù, fis-sagrifiċċju tiegħu, fl-iva mingħajr kundizzjoni għar-rieda tal-Missier, hemm l-iva, il-grazzi u l-Amen tal-ġens uman. Il-Knisja msejħa biex tfakkar ta'sikwit lill-bnedmin b'din il-verita'. Jenħtieġ li dan isir urġentement propju minħabba l-kultura sekularizzata ta' żmienna, li filwaqt li tgħix billi twarrab il-ħsieb ta' Alla temmen fl-awtosuffiċjenza fiergħa tal-bniedem. Il-proġett ewkaristija jrid isir ħaġa waħda mal-ħajja ta' kuljum, fuq ix-xogħol u fejn ngħixu - fi ħdan il-familja, fl-iskola, fil-fabbrika f'kull kundizzjoni tal-ħajja, ifisser fost l-oħrajn, tagħti xiehda li r-realta' umana titlef kull ġustifikazzjoni jekk ma jsirx riferiment għall-Ħallieq: Il-ħlejqa, mingħajr il-ħallieq, tispiċċa fix-xejn."

Mela allura xi jfisser il-kmand ta' Ġesù: Agħmlu dan b'tifkira tiegħi? Ifisser li rridu nagħmlu dak li għamel hu, meta ta lilu nnifsu billi ma nkunux ebsin quddiem Alla, ma nħallux il-loġika tad-dinja tirbaħna (=nintlewa, imma le nitkisser!), inwarrbu kull ebusija tal-qalb ma' Alla u ma' l-aħwa, ma nitkabbrux u nirrepetu b'għemilna il-kliem "hawn jien, Mulej, ġejt nagħmel ir-rieda tiegħek " jiġifieri "Int, ja Mulejja, ma tridx wisq affarijiet minni, ħaġa waħda biss titlobni dik li nsir ħaġa waħda miegħek." Issir Ewkaristija ifisser li tintelaq fi ħdan Alla.

Dan huwa meta ngħidu tieħu sehem fl-Ewkaristija! Darba konna ngħidu: "Ħa mmur nisma'l-quddiesa!" Le! Irridu ngħidu ħa mmur ħa 'nipparteċipa' fl-Ewkaristija, nieħu sehem fiha, u nitgħallem jiena wkoll, biex bħal Ġesù nkun il-ħobż maqsum għall-oħrajn, nitgħallem tassew, bħalma jgħid San Pawl irrawwem fija l-istess sentimenti ta' Ġesù Kristu u ngħix bħalu. Jekk iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa bħal kull ċelebrazzjoni sagramentali, ma tbiddillix ħajti, ifisser li ma nkunx ħadt sehem bis-serjeta', nkun biss lissint ħsejjes b'fommi, iżda ma nkunx ipparteċipajt fil-misteru li ġie ċċelebrat, għaliex dan ibiddilli tassew ħajti! Minn dan kien tassew konvint San Girgor Nazjanżenu per il Padre.

*Il Papa nella Lettera Apostolica* Mane nobiscum Domine *al n. 25 ricorda che l'Eucaristia «è un modo di essere, che da Gesù passa nel cristiano e, attraverso la sua testimonianza mira ad irradiarsi nella società e nella cultura. Perché ciò avvenga, è necessario che ogni fedeli assimili, nella meditazione personale e comunitaria, i valori che l'Eucaristia esprime, gli atteggiamenti che essa ispira, i propositi di vita che suscita». Ed ancora al n. 26 afferma: «In Gesù, nel suo sacrificio, nel suo "sì" incondizionato alla volontà del Padre, c'è il "sì", il "grazie" e l'"amen" dell'umanità intera. La Chiesa è chiamata a ricordare agli uomini questa grande verità. È urgente che ciò venga fatto soprattutto nella nostra cultura secolarizzata, che respira l'oblio di Dio e coltiva la vana autosufficienza dell'uomo. Incarnare il progetto eucaristico nella vita quotidiana, là dove si lavora e si vive - in famiglia, a scuola, nella fabbrica, nelle più diverse condizioni di vita - significa, tra l'altro, testimoniare che la realtà umana non si giustifica senza il riferimento al Creatore: "La creatura, senza il Creatore, svanisce"».*

*Qual è, dunque il senso del comando di Gesù: fate questo in memoria di me? Significa fare quello che Gesù ha fatto, spezzare se stesso, deporre ogni rigidezza davanti a Dio, non lasciarsi sopraffare dalla logica del mondo ("mi piego, ma non mi spezzo!"), abbandonare ogni rigidezza e durezza di cuore verso Dio e verso i fratelli, frantumare il mio orgoglio, ripetere con la propria vita le parole "ecco, io vengo o Signore, a fare la tua volontà", cioè "tu, o Signore, non vuoi tante cose da me, una sola mi chiedi, quella di entrare in sintonia con te". Diventare Eucaristia significa, allora, abbandonarsi alla volontà di Dio. Questo è partecipare all'Eucaristia! Una volta si diceva: "vado a vedere la Messa"! No! Dobbiamo dire vado a "partecipare" all'Eucaristia, a prenderne parte, a imparare anche io, come Gesù, a diventare pane spezzato per gli altri, a imparare veramente come dice Paolo ad avere in sé gli stessi sentimenti che furono in Cristo Gesù e a imitarne lo stile. Se la celebrazione della Messa, come ogni celebrazione sacramentale, non mi cambia la vita, allora non avrò veramente partecipato; avrò emesso dei suoni con la bocca, ma non avrò preso parte al mistero celebrato,*

meta staqsa lilu nnifsu: "Peress li naf li ħadd ma jistħoqqlu l-kobor ta' Alla, tal-vittma u tas-Saċerdot, jekk ma jkunx offra lilu nnifsu bħala sagrifiċċju ħaj u qaddis...jekk ma jkunx offra lil Alla sagrifiċċju ta' tifħir u nidem, kif nista' jien nagħtih l-offerta li tidher ta' fuq l-altar, l-offerta li tirrapreżenta il-misteri l-kbar?"

L-offerta tal-Ġisem ta' Kristu trid tkun akkumpanjata mill-offerta ta'ġisimna, ta' ħajjitna! Fuq l-altar hemm żewġ offerti, żewġ doni: dak li jrid jinbidel fil-ġisem u fid-demm ta' Kristu (il-ħobż u l-inbid) u dak li jrid jinbidel fil-Ġisem Mistiku ta' Kristu (il-Knisja u dawk kollha li jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni). Sakemm fuq l-altar hemm żewġ doni, hemm ukoll żewġt epikleżijiet, żewġ talbiet lill-Ispirtu s-Santu: 1) "Għalhekk, Mulej, ġejna quddiemek b'dawn l-offerti, biex ikunu kkonsagrati lilek: miċ-ċokon tagħna nitolbuk, qaddishom bl-Ispirtu tiegħek biex isiru l-Ġisem u d-Demm ta' Ibnek Ġesù Kristu Sidna."; 2) "Agħmel li aħna nimtlew bl-Ispirtu Qaddis tiegħu, u nkunu ġisem wieħed u ruħ waħda fi Kristu. Nitolbuk li hu jagħmel minnha offerta li tibqa' għal dejjem quddiemek."

Mela, in-nisrani, ma jistax jieqaf biss għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, imma jrid isir Ewkaristija flimkien mal-Mulej Ġesù. Xi jfisser għall-ħajja tagħna ta' kuljum? Xi jfissru l-ġisem u d-demm, il-kliem li nisimgħu waqt il-konsagrazzjoni? Sewwa sew x'ried jagħtina Ġesù, meta waqt l-aħħar ċena qal: Dan hu ġismi! u Dan hu demmi?

Fil-Kotba Mqaddsa, il-kelma ġisem ma tfissirx biss parti iżda l-bniedem sħiħ, ħajtu kollha; meta waqqaf l-Ewkaristija, Ġesù ħallielna ħajtu, anzi dan sar mill-bidu meta l-Verb sar bniedem sa mewtu. Il-kelma demm, dejjem fil-Kotba mqaddsa mhijiex biss parti tal-ġisem, iżda tindika ġrajja, dik tal-mewt. Jekk id-demm ifisser ħajja, it-tixrid tiegħu ifisser mewt. Għaldaqstant, Ġesù, minbarra li ta ħajtu għalina, tana l-iktar ħaġa prezzjuża tal-ħajja, il-mewt. Niftakru ftit fi kliem l-Evanġelista: "Hu li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja,ħabbhom għall-aħħar."(Ġw 13,1) L-Ewkaristija

*perché questo mi cambia la vita! Di questo era convinto San Gregorio Nazianzeno, quando si chiedeva:*

*"Sapendo che nessuno è degno della grandezza di Dio, della Vittima e del Sacerdote, se non si è prima offerto lui stesso come sacrificio vivente e santo... se non ha offerto a Dio un sacrificio di lode e uno spirito contrito, come oserò offrirgli l'offerta esteriore sull'altare, quella che è la rappresentazione dei grandi misteri?"*

*L'offerta del Corpo di Cristo deve essere accompagnata dall'offerta del proprio corpo, della propria vita! Sull'altare ci sono due offerte, due doni: quello che deve diventare il corpo e il sangue di Cristo (pane e vino) e quello che deve diventare il corpo mistico di Cristo (la Chiesa, tutti coloro che partecipano alla celebrazione). Poiché ci sono due doni sull'altare, vi sono anche due epiclesi, due invocazioni dello Spirito Santo: 1) "manda il tuo Spirito a santificare i doni che ti offriamo perché diventino il Corpo e il Sangue di Cristo"; 2) "dona la pienezza dello Spirito Santo perché diventiamo in Cristo un solo corpo e un solo spirito. Egli faccia di noi un sacrificio perenne a te gradito".*
*Il cristiano, allora, non può limitarsi a celebrare l'Eucaristia, ma deve essere Eucaristia insieme al Signore Gesù.*

*Quali sono, allora, le conseguenze per la nostra vita quotidiana?*
*Cosa significano le parole corpo e sangue che sentiamo durante la consacrazione?*
*Cosa intendeva donarci Gesù, dicendo, nell'ultima cena "Questo è il mio corpo"; "Questo è il mio sangue"?*

*Nella Bibbia il termine corpo non indica solo una parte ma tutto l'uomo, tutta la sua vita; istituendo l'Eucaristia Gesù ci ha lasciato in dono tutta la sua vita, dall'inizio avvenuto con l'incarnazione fino all'ultimo momento; il termine sangue nella Bibbia non indica una parte del corpo, ma designa un evento, quello della morte. Se il sangue è la sede della vita, il suo spargimento è segno della morte. Per cui oltre a donarci la sua vita, Gesù ci dona anche la parte più preziosa di essa, la morte. Ricordiamo le parole del Vangelo: "Dopo aver amato i suoi che erano nel mondo, li amò sino alla fine" (Gv 13, 1). L'Eucaristia è il mistero del corpo e del sangue del Signore, cioè della vita e della morte del Signore.*

*Noi siamo chiamati a fare e ad essere Eucaristia, a offrire il nostro corpo e*

hija l-misteru tal-ġisem u tad-demm tal-Mulej, jiġifieri l-ħajja u l-mewt tal-Mulej.

Aħna msejħin biex nagħmlu u nsiru Ewkaristija, biex noffru l-ġisem u d-demm tagħna, ħajjitna u l-mewt tagħna. Xi jfisser dan kollu? Li noffru ġisimna: dak kollu li jżommna ħajjin: iż-żmien, is-saħħa, l-enerġija, il-ħila, l-għożża, forsi xi tbissima, il-ferħ... Li noffru demmna: li noffru mewtna (mhux neċessarjament dik fiżika); ifisser mewt dak kollu li ġewwa fina min issa iħejji jew jantiċipa l-mewt, it-tkasbir, in-nuqqas ta' suċċess, il-mard, l-uġigħ, in-nuqqas ta' ftehim, dak kollu li jġegħelna nbatu; dawn huma l-aħjar affarijiet li Alla jirriserva lil min iktar għandu bżonn. Hawn qiegħed is-sens ta' kliem San Pawl li fakkarna fil-bidu: "Nitlobkom ħuti, għall-ħniena ta' Alla, offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj, qaddis u li jogħġob lil Alla, jiġifieri l-qima spiritwali tagħkom." (Rum 12,1).

Nissejħu nsara skond kemm għandna l-ħila ngħixu tassew dak li nkunu ċċelebrajna fuq l-altar; skond kemm għandna l-ħila nixbħu lil Kristu. Dment li ħajjitna tkun kontinwament imfassla u konformi ma' dik ta' Kristu, m'għandniex għalfejn nibżgħu nirrepetu kliem Ġesù: "Ħudu u kulu, dan hu ġismi; ħudu u ixorbu, dan hu demmi.. "

- meta l-affarijiet ma jmorrux kif nixtiequ…
- meta l-persuni u ċ-ċirkustanzi joħonqu lilhom infushom…
- meta ċerti għażliet ma jintlaqgħux minn kulħadd…
- meta r-rieda t'Alla ma tkunx fuq l-istess linji tar-rieda tagħna…

Dan ifissru l-kliem tal-konsagrazzjoni fil-ħajja ta' kull nisrani; dan is-sigriet ta' servizz, meta jseħħ b'mod nisrani awtentiku; dawn huma l-valuri u s-sinifikat ta' l-espressjoni li l-Ewkaristija tagħmel il-Knisja permezz tal-konsagrazzjoni.

### 2.L-EWKARISTIJA TAGĦMEL IL-KNISJA PERMEZZ TAT-TQARBIN

Filosofu ateu qal li "il-bniedem huwa dak li jiekol!" Forsi tista' tidher stramba iżda dan l-ateu mingħajr ma ried ta l-aħjar spjegazzjoni ta' dan il-misteru nisrani. Bis-saħħa ta' l-Ewkaristija in-nisrani huwa tassew dak li jiekol, huwa msejjaħ biex jum wara l-ieħor isir Ewkaristija. San Ljun il-Kbir ħafna żmien ilu kiteb: "Is-sehem tagħna fil-Ġisem u fid-Demm ta' Kristu, iwassalna biex insiru dak li nieklu." Missirijiet il-Knisja biex ifissru dan il-misteru ukoll isservew bl-eżempju ta'l-ikel. Aħna nafu li

*il nostro sangue, la nostra vita e la nostra morte. Cosa significa tutto questo? Offrire il nostro corpo: donare tutto ciò che costituisce la nostra vita: il tempo, la salute, le energie, le capacità, l'affetto, magari un sorriso, le gioie...*
*Offrire il nostro sangue: donare la nostra morte (non necessariamente quella fisica); è morte tutto ciò che in noi fin da ora prepara e anticipa la morte, le umiliazioni, gli insuccessi, la malattia, le sofferenze, le incomprensioni, tutto ciò che ci "mortifica": esse sono la parte migliore che Dio destina a chi ha più bisogno.*

*Ecco, dunque, il senso di quelle parole di Paolo ricordate all'inizio: "Vi esorto, fratelli, per la misericordia di Dio, ad offrire i vostri corpi come sacrificio vivente, santo e gradito a Dio, questo è il vostro culto spirituale (Rm 12, 1)".*

*Si è cristiani nella misura in cui si ha la forza di tradurre in gesti concreti di vita quanto si celebra sull'altare; si è cristiani nella misura in cui si ha la forza di essere come Cristo; si è cristiani nella misura in cui ogni momento della nostra vita è modulata e modellata su quella di Cristo: non abbiamo paura di ripetere queste parole di Gesù: "Prendete e mangiate, questo è il mio corpo; prendete e bevete, questo è il mio sangue..."*

- *quando le cose non vanno come si vorrebbe...*
- *quando le persone e le situazioni non lasciano spazio per se stessi...*
- *quando certe scelte non sono comprese da tutti...*
- *quando la volontà di Dio non viaggia sui binari della nostra volontà...*

*Questo è il senso delle parole della consacrazione riprodotte nella vita di ogni cristiano; questo è il segreto di un servizio compiuto in maniera autenticamente cristiana; in questo consiste il valore e il significato dell'espressione che l'Eucaristia fa la Chiesa attraverso la consacrazione.*

### *2. L'EUCARISTIA FA LA CHIESA MEDIANTE LA COMUNIONE.*

*Un filosofo ateo ha detto che «l'uomo è ciò che mangia»! Sembrerà strano, ma questo ateo ha dato, senza saperlo la migliore formulazione a un mistero cristiano. Grazie all'Eucaristia, il cristiano è veramente ciò che mangia, è chiamato giorno dopo giorno a diventare Eucaristia. San Leone Magno scriveva tanto tempo fa che «La nostra*

l-bniedem issoltu jitrejjaq b'ikel materjali, fil-ġisem ta' l-istess bniedem isseħħ it-trasformazzjoni ta' l-ikel li l-bniedem ikun ħa, huwa l-organiżmu tiegħu li jassimila l-ikel kollu; meta iżda, nersqu lejn l-altar biex nirċievu l-Ewkaristija isir il-kontra, jiġifieri huwa l-ikel spiritwali, il-ħobż ikkonsagrat li jbiddel il-bniedem, hija l-Ewkaristija li tassimila il-bniedem fil-misteru tal-komunjoni ma' Alla u ma' l-aħwa, hija l-Ewkaristija li tittrasforma lill-bniedem, u ġġiegħlu jsir jixbaħ dejjem iktar lil Kristu.

Darba waħda, Santu Wistin waqt li kien riesaq għat-Tqarbin, sema' bħal leħen li ħawdu mhux ftit: "Jiena l-ikel tal-qawwija: ikber u tkun tista' tiekol minni; ma tkunx inti li ġġegħelni nsir bħalek li tagħmilni ħaġa waħda miegħek bħalma jiġri meta titma' lilek innifsek, imma se nkun jiena li nassorbik fija." Meta ngħidu li Ġesù fit-Tqarbin jassorbina fih, ifisser ċar u tond li huwa jagħmel is-sentimenti tagħna indaqs ma' tiegħu, xewqatna jkunu bħal tiegħu, il-mod kif aħna nħarsu u niġġudikaw l-affarijiet, il-ġrajjiet u l-persuni bħalu. Jiġifieri jġegħelna nħossu, bħalma jgħid San Pawl, l-istess sentimenti li kienu ta'



*partecipazione al Corpo e al Sangue di Cristo non tende altro che a farci diventare quello che mangiamo».*

*I Padri della Chiesa hanno illustrato questo mistero servendosi dell'esempio dell'alimentazione fisica: normalmente sappiamo che il nutrimento materiale è assunto dall'uomo, è l'uomo che trasforma gli alimenti nel suo corpo, è il suo organismo che assimila quanto assunto come cibo; quando, però, ci accostiamo all'altare per nutrirci dell'Eucaristia avviene il contrario, cioè è il nutrimento spirituale, il pane consacrato a trasformare l'uomo, è l'Eucaristia ad assimilare l'uomo nel mistero di comunione con Dio e con i fratelli, è l'Eucaristia a trasformare l'uomo, rendendolo sempre più simile a Cristo.*

*Un giorno sant'Agostino, accostandosi alla comunione, sentì una voce che sconvolse la sua vita: «Io sono il cibo dei forti: cresci e ti ciberai di me; non sarai tu a trasformarmi in te, ad assimilare me a te come fai con il nutrimento per il corpo, ma sarò io che assimilerò te a me».*

*Dire che Gesù, nella comunione si assimila a sé, significa dire in concreto che egli rende simili i nostri sentimenti ai suoi, i nostri desideri ai suoi, il nostro modo di vedere e giudicare le cose, gli avvenimenti e le persone al suo, cioè ci fa avere, come dice san Paolo, gli stessi sentimenti che furono in Cristo Gesù (Fil 2,5). Ricordiamo le parole di Gesù: «Chi mangia la mia carne e beve il mio sangue, dimora in me e io in lui» (Gv 6,56).*

Kristu (Fil 2,5).

Ejjew niftakru fi kliem Ġesù: "Min jiekol ġismi u jixrob demmi, jibqa' fija u jiena fih." (Ġw 6, 56). L-Ewkaristija twassal għall-komunjoni tal-bniedem mal-Mulej! F'din is-sena partikulari l-Papa jfakkarna: "Meta d-dixxipli ta' Emmaus talbuh biex jibqa' magħhom, Ġesù wieġeb b'rigal ferm akbar u permezz tas-sagrament ta' l-Ewkaristija sab mezz kif jibqa' jgħix fihom. Meta nirċievu l-Ewkaristija ifisser tissieħeb f'komunjoni sħiħa ma' Ġesù. "Ibqgħu fija u jiena fikom." (Ġw 15,4) Din ir-relazzjoni ta' intimita' u permanenza reċiproka, twassalna biex b'xi mod nantiċipaw il-ġenna fid-dinja. Mhijiex din forsi l-akbar xewqa tal-bniedem? M'huwiex forsi dan li Alla ppropona sa minn qabel fit-tfassil tal-pjan tal-fidwa? Huwa kien li nissel f'qalb il-bniedem il-kilba għall-Kelma tiegħu, kilba li tinqata' biss fl-għaqda sħiħa miegħu. It-tqarbina ewkaristika nirċevuha biex naqtgħu l-ġuħ ta' Alla fuq din l-art, sakemm niksbu l-milja sħiħa fis-sema."(MND 19).

Fil-famużi katekeżi mistagoġiċi li aktarx inkitbu minn San Ċirillu ta' Ġerusalemm hemm: "Taħt l-ispeċi tal-ħobż jingħatalek il-ġisem u taħt l-ispeċi ta'l-inbid id-demm, biex filwaqt li tkun tagħmel parti mill-ġisem u mid-demm ta' Kristu issir ħaġa waħda mill-ġisem u mid-demm tiegħu." Ġesù stess jitkellem fuq din il-komunjoni profonda li tinħoloq miegħu, meta jirreferi għad-dielja u l-friegħi tagħha. Hija għaqda vitali: id-dielja u l-friegħi jaqsmu bejniethom l-istess ħajja; mqaċċta mid-dielja l-fergħa tmut. Din il-komunjoni vertikali ma' Alla, mal-Mulej, li kull nisrani jgħix sagramentalment fl-Ewkaristija, tfakkar fil-komunjoni orizzontali. Hija komunjoni li kull wieħed minna imsejjaħ biex jgħix ta' kuljum ma' l-aħwa.

Il-Papa saħaq dwar dan meta sostna li "l-intimita' speċjali li sseħħ bil-komunjoni ewkaristika, ma tistax tiftiehem tajjeb jew tiġi mgħajxa b'mod sħiħ jekk ma sseħħx ukoll il-komunjoni ekkleżjali. Huwa fuq dan li sħaqt għal iktar minn darba fl-Enċiklika *Ecclesia de Eucharistia*. Il-Knisja hija l-ġisem ta' Kristu: nimxu ma' Kristu dment li hemm relazzjoni mal-ġisem tiegħu. Din l-għaqda ma' Kristu tinħoloq u tikber bit-tiswib ta' l-Ispirtu s-Santu. Fl-istess ħin huwa wkoll ma jiqafx imexxiha 'l quddiem, permezz tal-preżenza tiegħu fl-Ewkaristija. Effettivament, il-ħobż ewkaristiku biss jagħmilna ġisem wieħed.

*L'Eucaristia produce la comunione dell'uomo con il Signore! In questo particolare anno eucaristico il Papa ricorda:*

*«Alla richiesta dei discepoli di Emmaus che Egli rimanesse "con" loro, Gesù rispose con un dono molto più grande: mediante il sacramento dell'Eucaristia trovò il modo di rimanere "in" loro. Ricevere l'Eucaristia è entrare in comunione profonda con Gesù. "Rimanete in me e io in voi" (Gv 15,4). Questo rapporto di intima e reciproca "permanenza" ci consente di anticipare, in qualche modo, il cielo sulla terra. Non è forse questo l'anelito più grande dell'uomo? Non è questo ciò che Dio si è proposto, realizzando nella storia il suo disegno di salvezza? Egli ha messo nel cuore dell'uomo la "fame" della sua Parola, una fame che si appagherà solo nell'unione piena con Lui. La comunione eucaristica ci è data per "saziarci" di Dio su questa terra, in attesa dell'appagamento pieno del cielo» (MND 19).*

*Nelle famose catechesi mistagogiche attribuite a san Cirillo di Gerusalemme si legge: «Sotto la specie del pane ti è dato il corpo e sotto quella del vino il sangue, affinché, reso partecipe del corpo e del sangue di Cristo, tu divenga concorporeo e consanguineo con lui». Gesù stesso parla di questa profonda comunione che si crea con lui, attraverso l'esempio della vite e dei tralci. È una unione vitale: vite e tralcio condividono la stessa linfa, la stessa vita; staccato dalla vite il tralcio muore.*

*Ma questa comunione verticale con Dio, con il Signore, che il cristiano vive sacramentalmente nell'Eucaristia, richiama quella orizzontale. È una comunione che ognuno è chiamato a vivere quotidianamente con i fratelli.*

*Il Papa lo ribadisce, affermando che la «speciale intimità che si realizza nella comunione eucaristica non può essere adeguatamente compresa né pienamente vissuta al di fuori della comunione ecclesiale. È quanto ho ripetutamente sottolineato nell'Enciclica* Ecclesia de Eucaristia. *La Chiesa è il corpo di Cristo: si cammina con Cristo nella misura in cui si è in rapporto con il suo corpo. A creare e fomentare questa unità Cristo provvede con l'effusione dello Spirito Santo. E lui stesso non cessa*

Hekk jgħid ukoll San Pawl: "Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda." (1 Kor 10,17) Fil-misteru ewkaristiku, Ġesù jibni l-Knisja bħala komunjoni, imfassla fuq il-mudell ewlieni tat-talba saċerdotali: "Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni." (Ġw 17,21)" (MND 20)

Għedna li fuq l-altar hemm żewġ doni, żewġ offerti: il-ġisem u d-demm ta' Kristu (il-ħobż u l-inbid) u l-ġisem mistiku (il-Knisja, l-aħwa). L-Ewkaristija twassalna biex nifhmu kif il-Knisja, il-Ġisem Mistiku ta' Kristu, tinħema fix-xebh mal-ħobż u l-inbid. Skond San Ġwann Kriżostmu: "Kif, fil-fatt, il-ħobż huwa magħmul minn ħafna żrieragħ tal-qamħ u l-inbid mill-għeneb ta' l-għanqud, u meta jsiru ħaġa waħda d-differenza bejniethom ma tidhirx, hekk jiġri wkoll meta aħna nkunu magħqudin bejnietna u ma' Kristu."

Id-Didake' huwa ktieb li wasslilna l-eqdem deskrizzjoni taċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, joffrilna fost l-oħrajn talba antika sabiħa ħafna li tgħid hekk: "Bħalma dan il-ħobż maqsum kien imxerred 'l hawn u 'l hinn fuq l-għoljiet u miġbur flimkien sar ħaġa waħda, hekk ukoll il-Knisja tiegħek ħa tinġabar f'saltnatek sa minn truf l-art."

Dak li s-sinjal tal-ħobż u ta'l-inbid jesprimu fid-deher (l-għaqda ta' ħafna żrieragħ tal-qamħ u dik ta' ħafna għenbiet mill-għeniqed) fis-sagrament ta' l-Ewkaristija, iseħħ sagramentalment b'mod iktar profond, jiġifieri fl-għaqda bejn dawk kollha li jitrejjqu mill-istess ġisem u mill-istess demm tal-Mulej. L-Ewkaristija tqarribna jekk inkunu 'l bogħod, jekk barranin tagħmilna sħab. Din il-kelma jekk tittieħed fis-sens ta' "kumpan" (sħab=kompanji) etimoloġikament tfisser ħafna iktar: cum panis = il-ħobż għad-disposizzjoni ta' kulħadd, dawk biss li jaqsmu l-ħobż bejniethom, li

*di promuoverla attraverso la sua presenza eucaristica. In effetti, è proprio l'unico Pane eucaristico che ci rende un corpo solo. Lo afferma l'apostolo Paolo: "Poiché c'è un solo pane, noi, pur essendo molti, siamo un corpo solo: tutti, infatti, partecipiamo dell'unico pane" (1 Cor 10,17). Nel mistero eucaristico Gesù edifica la Chiesa come comunione, secondo il supremo modello evocato della preghiera sacerdotale: "Come tu, Padre, sei in me e io in te, siano anch'essi in noi una cosa sola, perché il mondo creda che tu mi hai mandato" (Gv 17,21)» (MND 20).*

*Abbiamo detto che sull'altare ci sono due doni, due offerte: il corpo e il sangue di Cristo (il pane e il vino) e il suo corpo mistico (la Chiesa, i fratelli). L'Eucaristia ci porta a comprendere come la Chiesa, il Corpo mistico di Cristo si forma a somiglianza del pane e del vino.*

*San Giovanni Crisostomo afferma: «Come, infatti, il pane, costituito da molti chicchi di grano e il vino da molti acini d'uva, e nell'unione non si manifesta più alcuna differenza, così anche noi siamo uniti tra di noi e con Cristo».*

*La Didachè, un testo che ci tramanda la descrizione più antica della celebrazione eucaristica, ci offre una bellissima preghiera antica che così recita: «Come questo pane spezzato era sparso qua e là sopra i colli e raccolto insieme divenne una cosa sola, così si raccolga la tua Chiesa nel tuo regno dai confini della terra».*

*Quello che i segni del pane e del vino esprimono visibilmente (l'unità di più chicchi di grano e la fusione di tanti acini d'uva), il sacramento dell'Eucaristia lo realizza in maniera più profonda e sacramentale, ovvero l'unità di tutti coloro che si cibano del medesimo corpo e sangue del Signore. L'Eucaristia da lontani ci fa diventare vicini, da estranei ci fa diventare compagni. Il termine "compagno" è denso di significato se lo comprendiamo nel suo significato etimologico (cum panis, è il pane messo in comune); compagni solo coloro che mettono insieme lo stesso pane, che condividono lo stesso nutrimento.*

*San Giovanni fa un'affermazione giusta quando dice: «Chi dice di amare Dio che non vede e poi odia il proprio fratello che vede è un*

jaqsmu l-istess ikel.

San Ġwann jgħid sewwa: "Min jgħid li jħobb lil Alla li ma jarax, imbagħad jobgħod lil ħuħ li jgħix miegħu, huwa giddieb". L-imħabba lejn Alla sseħħ permezz ta'l-imħabba lejn l-aħwa. Il-komunjoni orizzontali hija tassew il-bank tal-prova ta' kemm hija awtentika l-komunjoni vertikali. Jekk tassew l-Ewkaristija hija sinjal u espressjoni ta' komunjoni, huwa minnu wkoll li ċ-ċelebrazzjoni tkun falza meta m'hemmx komunjoni. Interessanti ħafna kif San Mark jidentifika l-mument tat-talb mal-maħfra: "U meta  tkunu weqfin titolbu, jekk ikolkom xi ħaġa kontra xi ħadd, aħfru, biex ukoll Missierkom li hu fis-smewwiet jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom." (Mk 11,25) Santu Wistin waqt katekeżi lil dawk imsejħa "kompetenti" (dawk li jkunu qed jitħejjew biex jirċievu s-sagramenti tal-bidu għall-ħajja nisranija) dwar it-talba tal-Missierna, jiġbed l-attenzjoni fuq l-importanza u l-piż tat-talbiet li jsiru lil Alla f'din it-talba u jitlobhom biex ikunu awtentiċi u ġenwini fir-relazzjonijiet tagħhom ma' Alla u ma' l-aħwa, billi jżommu f'moħħhom u f'qalbhom il-kliem li jingħad (għid il-kliem kollu tal-Missierna, iżda meta tasal biex titlob lil Alla l-maħfra tad-dnubiet, ieqaf jekk mbagħad m'intix kapaċi taħfer lil ħutek fil-ħajja ta' kuljum).

B'ħarsa lejn il-komunita' ekkleżjali sħiħa mxerrda mad-dinja kollha u b'qalb mimlija bil-grazzja tal-ministeru Petrin, il-Papa jgħid: "L-Ewkaristija m'hijiex biss espressjoni ta' komunjoni fil-ħajja tal-Knisja; hija wkoll proġett ta' solidarjetà mal-ġens uman kollu. Il-Knisja permezz taċ-ċelebrazzjoni ewkaristika tiġġedded kontinwament, konxja li hija 'sinjal u strument' mhux biss ta' l-għaqda intima ma' Alla, imma wkoll l-għaqda tal-ġens uman kollu. Kull Quddiesa anki jekk ċċelebrata bil-moħbi jew f'xi post imwarrab fid-dinja, iġġorr dejjem magħha is-sinjal ta' l-universalita'. In-nisrani li jieħu sehem fl-Ewkaristija jitgħallem kif għandu jmexxi 'l quddiem il-komunjoni, il-paċi, is-solidarjeta' fiċ-ċirkustanzi kollha tal-ħajja. Id-dehra mbiċċra tad-dinja tagħna li bdiet il-Millenju l-ġdid taħt il-fantażma tat-terroriżmu u t-traġedja tal-gwerra, tħeġġeġ iktar minn qabel l-insara biex jgħixu l-Ewkaristija bħala skola kbira tal-paċi, fejn jitrawmu rġiel u nisa min kull strata ta' responsabilta' soċjali, kulturali, politika u joħolqu djalogu u komunjoni." (MND 27)

*bugiardo», perché l'amore verso Dio passa attraverso l'amore verso i fratelli. La comunione orizzontale è il vero banco di prova dell'autenticità della comunione verticale. Se è vero che l'Eucaristia è segno ed espressione di comunione, è vero anche che la sua celebrazione è falsata là dove comunione non c'è. Interessante è l'identificazione che Marco fa della preghiera con il momento del perdono: "Quando vi mettete a pregare, se avete qualcosa contro qualcuno, perdonate, perchè anche il Padre vostro che è nei cieli perdoni a voi i vostri peccati" (Mc 11, 25). Agostino in una catechesi rivolta ai "competenti" (quelli che si preparavano a ricevere i sacramenti dell'iniziazione cristiana) sull'orazione domenicale (Padre Nostro) fa notare l'importanza e la gravosità delle richieste fatte a Dio con questa preghiera ed esorta ad essere autentici e veri nel rapporto con il Signore e con i fratelli tenendo bene in mente e nel cuore le parole che si proferiscono (pronuncia tutte le parole del Padre Nostro, ma quando arriva il momento di chiedere a Dio il perdono dei peccati, non pronunciarlo se poi non sei capace di farlo nei confronti dei tuoi fratelli nella vita quotidiana).*
*Con lo sguardo rivolto all'intera comunità ecclesiale sparsa nel mondo intero e con il cuore dilatato dalla grazia del ministero petrino il Papa dice che:*

*«L'Eucaristia non è solo espressione di comunione nella vita della Chiesa; essa è anche progetto di solidarietà per l'intera umanità. La Chiesa rinnova continuamente nella celebrazione eucaristica la sua coscienza di essere "segno e strumento" non solo dell'intima unione con Dio, anche dell'unità di tutto il genere umano. Ogni Messa, anche quando è celebrata nel nascondimento e in una regione sperduta della terra, porta sempre il segno dell'universalità. Il cristiano che partecipa all'Eucaristia apprende da essa a farsi promotore di comunione, di pace, di solidarietà, in tutte le circostanze della vita. L'immagine lacerata del nostro mondo, che ha iniziato il nuovo Millennio con lo spettro del terrorismo e la tragedia della guerra, chiama più che mai i cristiani a vivere l'Eucaristia come una grande scuola di pace, dove si formano uomini e donne che, a vari livelli di responsabilità nella vita sociale, culturale, politica, si fanno tessitori di dialogo e di comunione» (MND 27).*

Minn dan nifhmu li ma nistgħux ma nagħtux kas tal-proxxmu meta nkunu se nersqu għat-Tqarbin. Il-komunjoni ekkleżjali ġejja mill-komunjoni ewkaristika, u l-komunjoni ewkaristika titma' u tkabbar il-komunjoni ekkleżjali. Santu Wistin kien tant konvint li jħeġġeg lill-fidili biex jirċievu l-Ewkaristija li hija r-rabta ta' l-għaqda u biex jibqgħu flimkien, biex jitrejqu bil-ġisem tal-Mulej ħalli ma jinfirdux minn xulxin. Hekk kienu jgħixu l-ewwel insara, hekk kienet titkattar il-komunita' nisranija tal-bidu: billi jkunu magħqudin fil-qsim tal-ħobż, magħqudin billi jaqsmu ma' xulxin. Il-Papa fl-Ittra Apostolika Mane nobiscum Domine, n.22, jgħid: "F'kull Quddiesa aħna msejħa biex inqabblu l-idejal tal-komunjoni ma' dak li hemm miktub fil-Ktieb ta'l-Atti ta' l-Appostli fejn hemm imfassal il-mudell ta' Knisja dejjiema. Hija l-Knisja miġbura madwar l-Appostli, imsaħħa mill-Kelma ta' Alla, kapaċi taqsam mhux biss dak li għandu x'jaqsam mal-ġid spiritwali, imma wkoll l-istess ġid materjali."

Il-parteċipazzjoni liturġika ta' l-Ewkaristija mhijiex ibbażata daqstant fuq ir-rabta bejn l-aħwa u l-ħbiberija li teżisti bejn il-parteċipanti, iżda iktar fuq li nsiru ħaġa waħda u niffurmaw ħaġa waħda fi Kristu: "Min jiekol ġismi u jixrob demmi, jgħix fija u jiena fih." (Ġw 6,56).

Dan ifisser l-*Amen* li ngħidu fil-mument tat-Tqarbin, meta tingħatalna l-ostja konsagrata. Ngħidu *Amen* lill-Ġisem Imqaddes ta'Ġesù, mwieled minn Marija u li miet għalina, imma ngħidu wkoll *Amen* lill-ġisem mistiku tiegħu li hija l-Knisja, li timmanifesta ruħha konkretament fl-aħwa ta' madwarna. Mhux problema ngħidu *Amen* lil min iħobbna; iżda ngħidu *Amen* lil min iġegħelna nbatu, lil min jikkrittikana huwa iktar diffiċli, iżda f'dan il-każ l-*Amen* għandu grazzja speċjali. Kull meta nixtiequ komunjoni iktar profonda u sħiħa fil-Mulej, jew neħtieġu maħfra jew inkella xi grazzja partikulari mingħandu, dan huwa l-aħjar mod, meta nilqgħu lill-Mulej fil-

*Tutto questo ci fa capire allora che non posso disinteressarmi del prossimo quando mi accosto alla comunione. La comunione ecclesiale proviene dalla comunione eucaristica e la comunione eucaristica nutre e fa crescere quella ecclesiale. Di questo era fortemente convinto sant'Agostino quando esorta i suoi fedeli a mangiare l'Eucaristia che è vincolo di unità per non disgregarsi, a nutrirsi del corpo del Signore per non separarsi gli uni dagli altri.*
*Così vivevano i primi cristiani, così cresceva la primitiva comunità cristiana: uniti nella frazione del pane, uniti nella condivisione. Il Papa nella Lettera Apostolica* Mane nobiscum Domine *afferma: «In ogni santa Messa siamo chiamati a misurarci con l'ideale di comunione che il libro degli Atti degli Apostoli tratteggia come modello per la Chiesa di sempre. È la Chiesa raccolta attorno agli Apostoli, convocata dalla Parola di Dio, capace di una condivisione che non riguarda solo i beni spirituali, ma gli stessi beni materiali» (n. 22).*
*La partecipazione liturgica all'Eucaristia trova il suo fondamento non tanto nei vincoli di fraternità o di amicizia esistenti tra i partecipanti, quanto piuttosto nella incorporazione e conformazione a Cristo: «chi mangia la mia carne e beve il mio sangue dimora in me ed io in lui» (Gv 6, 56).*

*Questo significa l'*Amen *che diciamo al momento della comunione, quando ci viene presentata l'ostia consacrata. Diciamo* Amen *al Corpo Santissimo di Gesù, nato da Maria e morto per noi, ma diciamo* Amen *anche al suo corpo mistico che è la Chiesa, concretamente visibile nei fratelli che ci stanno accanto. Non ci costa nulla dire* Amen *ai fratelli che ci vogliono bene; dire* Amen *a chi ci fa soffrire, a chi ci critica, è più difficile, ma in questo caso quell'*Amen *nasconde una grazia speciale. Quando vogliamo realizzare una comunione più profonda e piena con il Signore, o abbiamo bisogno di un perdono o di una grazia particolare da Lui, questo è il modo per ottenerlo, accogliere il Signore nella comunione insieme a questi fratelli.*

*Vi rendo partecipi di un bellissimo brano di San Giovanni Crisostomo che mette bene in luce la comunione con Cristo e con i fratelli:*

komunjoni ma' dawn l-aħwa.

Ħa naqralkhom silta sabiħa ħafna ta' San Ġwann Kriżostmu li tfisser tajjeb il-komunjoni ma' Kristu u ma' l-aħwa: "Trid tagħti ġieħ lill-ġisem ta' Kristu? Ara li ma jkunx disprezzat fost il-membri jiġifieri fil-fqar li ma għandhomx ħwejjeġ x'jilbsu, tagħtihx ġieħ hawn fil-knisja bi ħwejjeġ tal-ħarir, u barra tagħtih il-ġenb meta jkun għeri u jħoss il-bard...X'jiswa' lil Kristu, jekk il-mejda tas-sagrifiċċju tkun mimlija važuni tad-deheb, meta mbagħad barra jmut bil-ġuħ fil-persuna tal-fqir? L-ewwel itma' lil min hu bil-ġuħ, u wara b'dak li jibqa' żejjen l-altar. Toffrilu kalċi tad-deheb u ma tagħtihx tazza ilma? Għalfejn iżżejjen l-altar tiegħu b'veli tad-deheb mill-ifjen la ma tagħtihx il-ħwejjeġ meħtieġa?...Għalhekk waqt li qed iżżejjen il-post tal-kult, ħenn għal ħuk li qed ibati. Dan huwa tempju ħaj iktar prezzjuż mill-ieħor."(Omilija 50, 3-4)

Din hija stedina biex npoġġu flimkien il-kult u l-ħajja, il-liturġija u l-imġiba, iċ-ċelebrazzjoni u l-eżistenza, b'tali mod li l-liturgija tkun ħaġa ħajja u l-ħajja tinbidel f'kult li jogħġob lil Alla.

### 3. L-EWKARISTIJA TAGĦMEL IL-KNISJA BL-IMITAZZJONI

Fl-Ittra Apostolika *Mane nobiscum Domine*, il-Papa kiteb:
"Għad fadal punt ieħor li nixtieq niġbed l-attenzjoni dwaru, għax minnu tiddependi ħafna l-awtentiċita' tal-parteċipazzjoni fl-Ewkaristija ċċelebrata fil-komunita': minnu jiddependi biex permezz



*Vuoi onorare il corpo di Cristo? Non permettere che sia oggetto di disprezzo nelle sue membra, cioè nei poveri, privi di panni per coprirsi. Non onorarlo qui in chiesa con stoffe di seta, mentre fuori lo trascuri quando soffre il freddo e la nudità... Che vantaggio può avere Cristo, se la mensa del sacrificio è piena di vasi d'oro, mentre poi muore di fame nella persona del povero? Prima sazia l'affamato, e solo in seguito orna l'altare con quello che rimane. Gli offrirai un calice d'oro e non gli darai un bicchiere d'acqua? Che bisogno c'è di adornare con veli d'oro il suo altare, se poi non gli offri il vestito necessario?... Perciò, mentre adorni l'ambiente del culto, non chiudere il tuo cuore al fratello che soffre. Questo è un tempio vivo più prezioso di quello. (Omelia 50, 3-4)*

*È l'invito a coniugare insieme culto e vita, liturgia e atteggiamenti, celebrazione ed esistenza, in modo tale che la liturgia diventi vita e la vita un culto gradito a Dio.*

### *3. L'EUCARISTIA FA LA CHIESA MEDIANTE L'IMITAZIONE.*

*Nella Lettera Apostolica* Mane nobiscum Domine, *il Papa dice: "C'è ancora un punto sul quale vorrei richiamare l'attenzione, perché su di esso si gioca in notevole misura l'autenticità della partecipazione all'Eucaristia, celebrata nella comunità: è la spinta che essa ne trae per un impegno fattivo nell'edificazione di una società più equa e fraterna. Nell'Eucaristia il nostro Dio ha manifestato la forma estrema dell'amore, rovesciando tutti i criteri di dominio che reggono*

tagħha jinkiseb l-impenn serju għall-bini ta'soċjeta iktar ekwa u fraterna. Fl-Ewkaristija l-Mulej uriena l-forma estrema ta'l-imħabba. Qaleb ta' taħt fuq kull kriterju setgħan li spiss jirregola r-relazzjonijiet bejn il-bnedmin u mpona b'mod radikali l-kriterju ta' servizz: "Min irid ikun l-ewwel, ħa jiġi l-aħħar u jkun ta' servizz għal kulħadd. "(Mk 9,35) Mhux ta' b'xejn fil-Vanġelu ta' San Ġwann m'hemmx ir-rakkont tat-twaqqif ta'l-Ewakaristija, imma dak dwar il-'ħasil tar-riġlejn'. Meta tbaxxa biex jaħsel saqajn id-dixxipli, Ġesu spjega b'mod inekwivokabbli xi tfisser l-Ewkaristija. San Pawl min-naħa l-oħra jisħaq bil-qawwa kollha li mhux sewwa li ssir ċelebrazzjoni ewkaristika li fiha ma tispikkax l-imħabba, li tissarraf fil-qsim konkret ma' min hu l-ifqar. Għalhekk din is-sena ta'l-Ewkaristija trid tinbidel fi żmien li fih il-komunitajiet djoċesani u parrokkjali jimpenjaw ruħhom b'mod speċjali biex jippruvaw jgħinu b'ħidma ta' l-aħwa u jtaffu xi ftit mill-faqar li hawn fid-dinja. Qed naħseb fuq il-problema tal-ġuħ li qed jifni mijiet ta' miljuni ta' bnedmin, qed naħseb fuq il-mard li qed jolqot lill-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, fuq is-solitudni ta' l-anzjani,  il-kefrija ta' min hu bla xogħol, it-tbatija ta' l-immigranti. Dawn huma sitwazzjonijiet li jweġġgħu u jħallu s-sinjal, f'miżura differenti, anki f'dawk il-pajjiżi fejn hemm il-ġid. Ma nistgħux nidħku bina nfusna: bl-imħabba lejn xulxin u b'mod partikulari bl-għajnuna li nagħtu lil min hu fil-bżonn nuru li aħna tassew dixxipli ta' Kristu. Dan hu l-kriterju li fuqu hija bbażata u b'hekk tkun ippruvata l-awtentiċita' taċ-ċelebrazzjonijiet ewkaristiċi li nieħdu sehem fihom." (MND 28)

Fir-rakkont ta' l-Aħħar ċena kif imniżżel f'San Luqa u San Pawl insibu l-kmand ta' Ġesù: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi"; f'San Ġwann, Ġesù jgħabbi lid-dixxipli b'responsabbilta' u jordnalhom: "Jiena tajtkom l-eżempju, biex dak li jiena għamilt magħkom tagħmluh intom ukoll." Żewġ ordnijiet jixxiebhu u f'relazzjoni bejniethom, iżda b'differenza: fl-ewwel jgħidilna biex nagħmlu tifkira, ħaġa li bħal għandha x'taqsam maċ-ċelebrazzjoni, mal-liturġija; fit-tieni jindika xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-ħajja. Żewġ elementi li għandhom iħeġġu lin-nisrani biex progressivament mit-tifkira jgħaddi għall-azzjoni, mill-kontemplazzjoni għall-imitazzjoni, miċ-ċelebrazzjoni għall-ħajja.

*troppo spesso i rapporti umani ed affermando in modo radicale il criterio del servizio: "Se uno vuol essere il primo, sia l'ultimo di tutti e il servo di tutti" (Mc 9, 35). Non a caso, nel Vangelo di Giovanni non troviamo il racconto dell'istituzione eucaristica, ma quello della "lavanda dei piedi": chinandosi a lavare i piedi dei suoi discepoli, Gesù spiega in modo inequivocabile il senso dell'Eucaristia. San Paolo a sua colta ribadisce con vigore che non è lecita una celebrazione eucaristica nella quale non risplenda la carità testimoniata dalla concreta condivisione con i più poveri. Perché, dunque, non fare di questo Anno dell'Eucaristia un periodo in cui le comunità diocesane e parrocchiali si impegnano in modo speciale ad andare incontro con fraterna operosità a qualcuna delle tante povertà del nostro mondo? Penso al dramma della fame che tormenta centinaia di milioni di esseri umani, penso alle malattie che flagellano i Paesi in via di sviluppo, alla solitudine degli anziani, ai disagi dei disoccupati, alle traversie degli immigrati. Sono mali, questi, che segnano - seppur in misura diversa - anche le regioni più opulente. Non possiamo illuderci: dall'amore vicendevole e, in particolare, dalla sollecitudine per chi è nel bisogno saremo riconosciuti come veri discepoli di Cristo. È questo il criterio in base al quale sarà comprovata l'autenticità delle nostre celebrazioni eucaristiche» (MND 28).*

*Nel racconto dell'ultima cena lasciatoci da Luca e da Paolo troviamo il comando di Gesù: "Fate questo in memoria di me"; nel racconto di Giovanni, Gesù lascia ai suoi discepoli un impegno, comandando loro: "Io vi ho dato l'esempio, perché come ho fatto io così facciate anche voi".*
*Due comandi quasi uguali e in rapporto tra loro, ma che presentano una differenza: il primo ci dice di fare memoria, rimandando a qualcosa che ha a che fare con la celebrazione, con la liturgia; il secondo indica qualcosa che si riferisce alla vita.*
*Sono due elementi che spronano ogni cristiano a passare progressivamente dalla memoria all'azione, dalla contemplazione all'imitazione, dalla celebrazione alla vita.*
*L'episodio della lavanda dei piedi narrato dall'evangelista Giovanni presenta delle affinità con il testo di san Paolo con il quale esorta gli abitanti di Filippi a imitare Gesù: "Abbiate gli*

L-episodju tal-ħasil tar-riġlejn kif rakkontat mill-evanġelista San Ġwann jaqbel ħafna ma' dak li kiteb San Pawl huwa u jħeġġeġ lill-Filippin biex jimitaw lil Ġesù: "Aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesù: hu li għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir." San Ġwann jirrakkonta li Ġesù neża' l-mantar, tħażżem b'fardal, il-libsa ta' l-ilsir, u ħasel riġlejn id-dixxipli. F'dan il-ġest tal-ħasil tar-riġlejn Ġesù ried jiġbor is-sens kollu ta' ħajtu: ħajja ta' ubbidjenza lejn il-Missier, ħajja ta'servizz għall-oħrajn, ħajja mibdula f'ħobż maqsum għal kulħadd. B'dan l-aġir Ġesù għalkemm fiċ-ċokon jagħtina żewġ tagħlimiet kbar: żgħar fis-sempliċita' ta' kif saru u kbar minħabba l-qawwa tas-sinifikat tagħhom. Ġesù jgħallimna nżewġu żewġ verbi f'ħajjitna li jagħtu sura u valur lill-fatt li aħna nsara: nitbaxxew u nagħtu lilna nfusna.

NITBAXXEW: Ġesù meta tbaxxa f'riġlejn l-appostli għamel att elokwenti ta' servizz, ta' interess fl-oħrajn. Għaliex proprju r-riġlejn? Għaliex ifissru t-tbatija,fil-mixi, fl-isforzi ta' l-istess ħajja tal-bniedem. Fir-riġlejn hemm is-sinjali tat-triq li mexa l-bniedem; triq ta' ġenerożita' u mħabba, bħal dik tad-dixxiplu Ġwanni; triq ta' tradiment, bħal dik ta'Ġuda, triq ta' ċaħda u tnikkir bħal dik ta' Pietru. Is-saqajn ta' kull wieħed jirrakkontaw storja unika u li ma tirrepetix ruħha, triq ta' tbatija u sofferenza, ta' fallimenti, ta'suċċessi, ta' glorja u ta' waqgħat. Ġesu tbaxxa biex jaħsel riġlejn id-dixxipli, jitbaxxa fuq il-miżerji, it-tbatijiet, l-uġigħ tal-bniedem biex jagħtih ħajja mill-ġdid, u jippurifikah, biex jerġa jġib ħajjet il-bniedem għall-bjuda tal-bidu. Din hi l-akbar tagħlima: tkun ta' servizz ta' min jinsab fil-bżonn, li titbaxxa għall-ħajja ta' l-oħrajn u ssib li s-sinjali tat-tbatija u ta' l-uġigħ ta' l-oħrajn huma akbar minn dawk persunali.

TAGĦTI LILEK INNIFSEK: il-ħajja kollha ta' Ġesù tinsab f'dan l-att ta' mħabba, ta servizz u ta' għotja. F'dik il-mejda, f'dak il-buqar, f'dik il-bieqja hemm is-sens kollu ta' l-eżistenza. B'dawn il-ġesti ta' l-aħħar tibqa'mdawla ħajtu kollha, bħalma spiss jiġri mal-bnedmin: mill-mod ta' kif wieħed imut insiru nafu kif għex!

Meta ordna lid-dixxipli: Agħmlu kif għamilt jien, Ġesù ried iqiegħed fiċ-ċentru tal-Knisja li qed tikber is-servizz, liġi fundamentali li tiddistingwi min tassew huma id-dixxipli. Illum kulħadd jitkellem fuq servizz, kulħadd qed jagħti servizz: in-neguzjant jaqdi lill-klijenti, il-wajter iservi l-ikel, kull min jagħmel

*stessi sentimenti che furono in Cristo Gesù il quale pur essendo di natura divina non considerò un tesoro geloso la sua uguaglianza con Dio, ma spogliò se stesso assumendo la condizione di servo". Giovanni narra che Gesù si spoglia delle sue vesti, si cinge di un grembiule, che è la veste del servo, e si mette a lavare i piedi dei suoi discepoli. Nel gesto della lavanda dei piedi Gesù ha voluto quasi riassumere il senso di tutta la sua vita: una vita di obbedienza al Padre, una vita di servizio, spesa per gli altri, una vita fatta pane spezzato per tutti.*
*Con tale gesto Gesù ci insegna due piccole grandi cose: piccole per la semplicità con la quale sono compiute e grandi per l'intensità del loro significato. Gesù ci insegna a coniugare nella nostra vita due verbi che danno forma e valore al nostro essere cristiani: chinarsi e donarsi.*

*CHINARSI: Gesù, chinandosi sui piedi dei discepoli compie un gesto eloquente di servizio, di premura. Perché proprio i piedi? I piedi sono il segno della fatica, del cammino, degli sforzi, della vita stessa dell'uomo. Nei piedi è scritta la strada che l'uomo ha percorso; una strada di generosità e di amore, come quella percorsa dal discepolo Giovanni; una strada di tradimento, come quella di Giuda, una strada di rinnegamento e di titubanza, come quella di Pietro.*
*I piedi di ognuno raccontano una storia unica e irripetibile, una strada di fatiche e di sofferenze, di fallimenti e di successi, di arrampicate e di cadute.*
*Gesù si china sui piedi dei discepoli per lavarli, si china sulle miserie, sulle fatiche, sulle sofferenze dell'uomo per rigenerarlo, per purificarlo, per riportare la vita di ognuno al candore originario.*
*Ecco il grande insegnamento: mettersi a servizio dei bisogni dei nostri fratelli, chinarsi sulla vita degli altri e scoprire che i segni della fatica e delle sofferenze altrui sono più grandi di quelli personali.*

*DONARSI: tutta la vita di Gesù è racchiusa in questo gesto di amore, di servizio e di donazione. A quella mensa, a quella brocca e a quel catino è consegnato il senso della sua esistenza. Da quei gesti finali resta illuminata tutta la sua vita, come spesso succede con le persone: dal modo con cui si muore si capisce come si è vissuti! Comandando ai suoi discepoli: "Fate anche voi come ho fatto io", Gesù ha inteso porre al centro della crescita della sua Chiesa il SERVIZIO come legge fondamentale che deve contraddistinguere i veri discepoli. Tutti oggi parlano di servizio, tutti si dicono in servizio: il commerciante serve i clienti, il*

xi ħaġa fis-soċjeta’ jitqies li qed jagħti servizz. Is-servizz li dwaru jitkellem Ġesù huwa xi ħaġa iktar minn hekk: l-iktar ħaġa importanti għal Ġesù hija l-motivazzjoni, l-atteġġjament li nuru waqt li qed nagħtu servizz.

Ħa nerġa’ lura għar-rakkont tal-ħasil tar-riġlejn: b’liema spirtu u b’liema atteġġjament Ġesù ħasel riġlejn id-dixxipli? San Ġwann jgħid: “Wara li ħabb lil ta’ madwaru li kienu fid-dinja, ħabbhom għal dejjem.” Is-servizz ġej mill-imħabba, għax l-imħabba mhijiex interssata, imma tfittex l-interess ta’ l-oħrajn. L-imħabba ma tfittix iżda tagħti, l-imħabba ma titlobx ħlas iżda tgħix b’dak li jkollha. Is-servizz ġej mill-umilta’(tridu taħslu riġlejn xulxin). Il-kliem li darba qal Ġesù: “Tgħallmu minni li għandi qalb ħelwa u umli” jissarfu b’mod konkret f’dak l-att ta’ mħabba, ta’ umilta’ u ta’ servizz: Ġesù tbaxxa biex iservi!

Kemm għandna għalfejn nirriflettu fuq dan l-episodju: il-Ħallieq li jinżel għarkobbtejh quddiem il-ħlejqa! San Bernard kien jgħid lilu nnifsu: “Istħi, irmied supperv; Alla jitbaxxa u inti togħla!” B’hekk insiru nsara tassew, b’hekk tikber il-Knisja: billi timxi fuq l-eżempju tal-Mulej, isservi billi titbaxxa: “Min irid ikun il-kbir fostkom ħa jkun l-ilsir ta’ kulħadd”. Din hija it-triq privileġġjata biex insiru nixbhu iktar lill-Mulej, l-umilta’!

Santu Wistin: “Iktar ma trid li l-uffiċċju tal-qdusija jkun fil-għoli, ferm ħafna fil-fond iridu jkunu l-pedamenti ta’ l-umilta’(umilta’ hija kelma li l-għerq tagħha ġej mil-latin *humus* li jfisser trab; l-umli huwa dak li jqies lilu nnifsu trab).

Immedjatament wara li spjega lill-appostli x’kien ifisser il-ħasil tar-riġlejn, Ġesù qal: “Filwaqt li ssiru tafu dawn l-affarijiet henjin intom jekk twettquhom fil-prattika.” Aħna wkoll, għalhekk, inkunu henjin jekk ma nikkuntentawx biss li nkunu smajna jew sirna nafu dawn l-affarijiet, imma jekk inqegħduhom fil-prattika, jekk jirnexxilna nżewġu t-tagħlim mal-ħajja ta’ kuljum, bis-saħħa tal-grazzja divina.

Tassew li l-Ewkaristija mhijiex biss misteru li rridu niċċelebrawh, nikkonsagrawh, nircevuh, nikkontemplawh, nadurawh, imma misteru li rridu nimitawh u ngħixuh.

Jalla ħajjitna, ħidmietna, is-servizz li

*Ħajr lis-Sur Joseph Flask tat-traduzzjoni*

*cameriere serve a tavola, chiunque esercita una mansione nella società presta un servizio. Il servizio di cui parla Gesù ha qualcosa in più: la cosa più importante a cui Gesù richiama è la motivazione, l’atteggiamento interiore con cui il servizio è compiuto.*

*Ritorniamo al racconto della lavanda: con quale spirito e atteggiamento Gesù si muove a lavare i piedi dei suoi discepoli? Giovanni dice: “Dopo aver amato i suoi che erano nel mondo, li amò sino alla fine”. Il servizio viene dall’amore, perché l’amore non cerca il proprio interesse, ma quello degli altri, l’amore non è fatto di ricerca ma di donazione, l’amore non chiede ricompensa ma si nutre di gratuità.*

*Il servizio viene dall’umiltà, (“Dovete lavarvi i piedi gli uni gli altri”). Quelle parole pronunciate un giorno da Gesù, “Imparate da me che sono mite ed umile di cuore”, sono concretamente attuate in quel gesto di amore, di umiltà, di servizio: Gesù si è abbassato per servire! Quanto dovremmo riflettere su questo episodio giovanneo: il creatore si mette in ginocchio di fronte alla creatura! Diceva san Bernardo a se stesso: “Arrossisci, superba cenere: Dio si abbassa e tu ti innalzi!”. Così si diventa veramente cristiani, così cresce la Chiesa: imitando l’esempio del Signore, servire abbassandosi: “Chi vuol essere il più grande tra voi, sia il servo di tutti”. Ecco, dunque, la via privilegiata per assomigliare di più al Signore, l’umiltà!*
*Agostino: “Quanto più alto vuoi che sia l’edificio della santità, tanto più profonde devono essere le fondamenta dell’umiltà”. (Umiltà è una parola che ha alla sua radice un termine latino,* humus *che significa terra; l’umile è colui che si riconosce di essere terra, si essere creatura). Subito dopo aver spiegato agli apostoli il significato della lavanda dei piedi, Gesù disse loro: “Sapendo queste cose sarete beati se le metterete in pratica”. Anche noi, dunque, saremo beati se non ci accontenteremo solamente di aver ascoltato, di sapere queste cose, ma se le metteremo in pratica, se sapremmo coniugare l’insegnamento con la prassi quotidiana, sostenuti dalla grazia del Signore.*
*È proprio vero; l’Eucaristia non è solo un mistero da celebrare, da consacrare, da ricevere, da contemplare e da adorare, ma un mistero da imitare e vivere.*
*Che la nostra vita, le nostre azioni, il nostro servizio profumi di pane, profumi di Eucaristia, profumi di Cristo!*

ĠABRA MINN MONS. CHARLES J. SCICLUNA



# ĦSIBIJIET DWAR L-EWKARISTIJA

**Is-Sibt, 1 ta' Ottubru 2005**
Il-programm fl-iskola ta' Kristu huwa l-Ewkaristija li żżomm marbutin fi spirtu wieħed u f'qalb waħda l-iskulari kollha ta' Kristu, li tippreserva kull fidil saħansitra mid-dnubiet venjali wkoll.
Beatu Ġorġ Preca, *Id-Dixxipulat*

**Il-Ħadd, 2 ta' Ottubru 2005**
Oh! X'rikreazzjoni tassew utli, tassew pjaċevoli, u ħelwa kien isib Patri Franku quddiem Ġesù Sagramentat! Kien joqgħod jieħu gost ifakkru x'għadda fuqu, meta kien għadu hawn fid-dinja u x'għamel, u x'sofra, u x'qal, u kien jieqaf bil-ħsieb fuq kull pont ħafif, ħafif. Ekku mudell ta' dan l-eżerċizzju li kien jagħmel Patri Franku Karmelitan tassew devot ta' Ġesù Sagramentat u tal-Verġni mbierka Marija Santissima. Sinjur Ġesù, tiftakar, meta ġew il-maġi mill-orjent biex jadurawk, u offrewlek deheb, inċens u morr? Inti allura kellek xi sentejn. Jiena ningħaqad ma' l-ispirtu tagħhom kull darba li nadurak fis-Santissimu sagrament ta' l-artal: nadurak Alla veru minn Alla veru, u bniedem veru minn bniedem veru.
Beatu Ġorġ Preca, *Is-Sakrarju ta' l-Ispirtu ta' Kristu*

**It-Tnejn, 3 ta' Ottubru 2005**
Fil-Quddiesa Kristu huwa s-saċerdot u l-vittma, li joffri lilu nnifsu lis-Santissima Trinita' bl-idejn ta' min ikun iqaddes. Għalhekk għandna ningħaqdu ma' min ikun iqaddes, li waqt il-konsagrazzjoni jkun qiegħed jagħmel dak stess li Kristu għamel

fl-aħħar ċena.
Beatu Ġorġ Preca, *Direttorju Spiritwali*

### It-Tlieta, 4 ta' Ottubru 2005

Permezz tal-Quddiesa aħna nirringrazzjaw denjament kif jixraq lil Alla għall-benefiċċji kollha li għamlilna. Għedt jiena denjament għax Kristu vittma huwa persuna divina inkarnata: għalhekk il-Quddiesa tagħti unur infinit lil Alla.
Beatu Ġorġ Preca, *Taħdit għat-Tfal*

### L-Erbgħa, 5 ta' Ottubru 2005

Ġesù Kristu veru Alla veru Bniedem jinsab fl-Ewkaristija.
Ġesù Kristu jinsab sħiħ f'kull farka kkonsagrata.
Ġesù Kristu ma jinqasamx fil-qsim ta' l-ispeċi.
Fl-Ewkaristija hemm biss ix-xbihat tal-ħobż u ta' l-inbid.
Il-ħobż jinbidel fil-ġisem ta' Kristu ħaj. L-inbid jinbidel fid-demm ħaj ta' Kristu.
Beatu Ġorġ Preca, *L-Iskola Kattolika*

### Il-Ħamis, 6 ta' Ottubru 2005

Ġesù jgħid: "Ir-ruħ li tħobbni, li għandha l-għatx tiegħi, tiġi tfittixni fis-Sagrament ta' l-altar fejn hija, b'fidi ferma u ħajja, toqgħod mistrieħa bħal ħabib maġenb il-ħabib tal-qalb u tinfetaħ miegħu b'atti ta' mħabba u ta' ringrazzjament."
Beatu Ġorġ Preca, *Is-Sena tas-Sinjur*

### Il-Ġimgħa, 7 ta' Ottubru 2005

Għat-tqarbin ipprepara ruħek b'fidi ħajja, u b'tama kbira, b'imħabba kbira, b'umilta' profonda, u b'indiema kbira, u b'xewqa kbira li tirċievi 'l Ġesù.
Beatu Ġorġ Preca, *Direttorju Spiritwali*

### Is-Sibt, 8 ta' Ottubru 2005

Biex wieħed ma jidnibx għandu jitqarben ta' spiss.
Beatu Ġorġ Preca, *Il-Ktieb tal-Mezzi*

### Il-Ħadd, 9 ta' Ottubru 2005

Meta nkunu nisimgħu l-Quddiesa, ningħaqdu mas-saċerdot biex noffruha miegħu lil Alla, speċjalment waqt il-Konsagrazzjoni naħsbu fis-sagrifiċċju tas-salib ta' Kristu, jiġifieri fil-passjoni u fil-mewt tiegħu. Inġibu 'l Kristu fl-aħħar ċena quddiemna bil-ħobż u bl-inbid f'idejh.
Beatu Ġorġ Preca, *Direttorju Spiritwali*

### It-Tnejn, 10 ta' Ottubru 2005

Min jagħraf lil Ġesù impossibli li ma jkunx irid jingħaqad miegħu permezz tas-Santissimu Sagrament ta' l-altar.
Beatu Ġorġ Preca, *Direttorju Spiritwali*

### It-Tlieta, 11 ta' Ottubru 2005

Niżra fil-Ġnien (ta' qalbi) pjanta tal-Ward aħmar ... Jikbru l-ward billi r-ruħ tisma' l-Quddiesa u titqarben, filwaqt li tagħmel atti ta' mħabba u toffri lilha nfisha flimkien ma' atti ta' fidi u ta' tama li hija twettaq biex tqim lis-Sinjur tagħha.
Beata Marija Adeodata Pisani osb, *Ġnien tar-Ruħ kollha Mħabba*

### L-Erbgħa, 12 ta' Ottubru 2005

Nipproponi li ma nħalli qatt it-Tqarbin Imqaddes minħabba skrupli jew għal xi raġuni oħra li ma tkunx ġusta; iżda nilqa' lill-Mulej bl-imħabba kollha, bl-umilta' u bl-ubbidjenza.
Beata Marija Adeodata Pisani osb, *Ġnien tar-Ruħ kollha Mħabba*

### Il-Ħamis, 13 ta' Ottubru 2005

Biex wieħed ikun perfett għandu jersaq bl-ikbar ġabra kemm jista' għat-Tqarbin Imqaddes, u kuljum jekk jista' jkun.
Beatu Ġorġ Preca, *Il-Ktieb tal-Mezzi*

### Il-Ġimgħa, 14 ta' Ottubru 2005

Ġesù Kristu ma jinżilx mis-sema, iżda mill-ħobż permezz tal-kliem isir il-ġisem tiegħu ħaj. Fil-ħobż ikkonsagrat hemm ukoll id-demm. Fl-inbid ikkonsagrat hemm ukoll il-ġisem. Ġesù Kristu huwa sħiħ kollu taħt kull speċi.
Beatu Ġorġ Preca, *L-Iskola Kattolika*

### Is-Sibt, 15 ta' Ottubru 2005

Li tqerr u li titqarben spiss mhux biżżejjed: jeħtieġ li tqerr u titqarben bid-dispożizzjonijiet neċessarji.
Beatu Ġorġ Preca, *Direttorju Spiritwali*

### Il-Ħadd, 16 ta' Ottubru 2005

Ġejt quddiem il-preżenza reali tiegħek, u għalkemm ma narakx għax moħbi taħt ix-xbieha tal-ħobż jiena iżda persważ, aktar milli kieku qed narak bl-għajnejn tal-laħam tiegħi, li Inti tinsab hawn fuq dan l-artal imqaddes verament, realment u sustanzjalment bil-ġisem innifsu, bid-demm, bir-ruħ u bid-divinita' tiegħek."
Beatu Ġorġ Preca, *Kollokju ma' Ġesù*

### It-Tnejn, 17 ta' Ottubru 2005

Il-Qrar ta' spiss u t-Tqarbin ta' spiss huma l-bastiment li jwassal ir-ruħ fil-port tas-saħħa, bastiment potenti li jissupera kull ħruxija ta' tempesti.
Beatu Ġorġ Preca, *Ristrett tat-Trattat fuq is-Salvazzjoni tar-Ruħ*

### It-Tlieta, 18 ta' Ottubru 2005

Kristu huwa wieħed: immela fl-Ewkaristija Kristu jinsab kif jinsab fis-sema fil-leminija ta' Alla l-Missier, glorjuż u mżejjen bil-ħames pjagi tiegħu. Kristu fl-Ewkaristija huwa l-istess li qiegħed fis-sema mal-

Missier u ma' l-Ispirtu s-Santu.
Beatu Ġorġ Preca, *Direttorju Spiritwali*

**L-Erbgħa, 19 ta' Ottubru 2005**

Oh! X'ġid fih is-silenzju: iqanqal 'l Alla biex jitkellem ma' min jipprattikah, iżomm kuxjenza safja, iżomm il-konkordja, u jimla l-moħħ bir-riflessjoni u bil-ġabra.
Beatu Ġorġ Preca, *L-aħħar Deċiżjoni*

**Il-Ħamis, 20 ta' Ottubru 2005**

Fid-dinja m'hawnx opra tajba bħalma hi l-Quddiesa. Biha tagħraf 'l Alla b'Sinjur u bi Kreatur, u tadurah bl-ispirtu u bil-verità; biha inti tirringrazzja 'l Alla għall-ġid li tak u li jagħtik, biha tħallas id-dejn tiegħek ma' Alla, u biha tikseb il-favuri, u l-għajnuniet tas-sema.
Beatu Ġorġ Preca, *Direttorju Spiritwali*

**Il-Ġimgħa, 21 ta' Ottubru 2005**

Tqarben kemm jista' jkun spiss, għax it-Tqarbin jikkonserva l-ħajja tar-ruħ, u jagħtiha l-forza u jġibilha grazzji u vantaġġi bla numru: u jagħtiha s-sinjal tal-ħajja ta' dejjem. Kristu qal li min ikun kiel minn dan il-Ħobż igħix għal dejjem.
Beatu Ġorġ Preca, *Direttorju Spiritwali*

**Is-Sibt, 22 ta' Ottubru 2005**

Min jagħraf lil Ġesù Kristu għandu gost kbir fl-Ewkaristija.
Beatu Ġorġ Preca, *Il-Ktieb tas-Sinjali.*

**Il-Ħadd, 23 ta' Ottubru 2005**

Jiena għandi nistħajjel li m'hawn xejn aktar fid-dinja għajr Alla u jien .. L-għana kollu tagħna qiegħed fit-talb. Min jitlob jaqla' dak li jitlob ... Id-dinja kollha ma tistax tissodisfa l-qlub tagħna, Alla biss jissodisfahom.
Beatu Nazju Falzon, *The Comfort of the Christian Soul*

**It-Tnejn, 24 ta' Ottubru 2005**

Sinjur Ġesù Kristu, jiena hawn u inti fuq l-artal Imqaddes - iva persważ li Inti hawn għax għidtu Inti u tgħallmu l-Knisja infallibli tiegħek: Inti hawn, veru Alla u veru bniedem. Inti hawn u fl-istess ħin Inti qiegħed fil-leminija ta' Alla l-Missier tiegħek - Kristu wieħed.
Beatu Ġorġ Preca, *Kollokju ma' Ġesù*

**It-Tlieta, 25 ta' Ottubru 2005**

X'jiswa li wieħed jintefa' għarkubbtejh b'wiċċu ma' l-art jadura 'l Alla, jekk il-volonta' tiegħu hija kontra Alla billi jrid id-dnub, billi ma jaħrabx l-okkażjoni prossma tad-dnub, billi ma jkunx irid ibiddel ħajtu, jikkonverti lejh?
Beatu Ġorġ Preca, *Is-Sena tas-Sinjur*

**L-Erbgħa, 26 ta' Ottubru 2005**

It-tqarbin isaħħaħ il-ħajja tar-ruħ, bħalma l-ikel dik tal-ġisem. Ma jiflaħx jikkumbatti min ma jsostnix lilu nnifsu.
Beatu Ġorġ Preca, *L-Iskola Kattolika*

**Il-Ħamis, 27 ta' Ottubru 2005**

Il-fidili jsibu għal ruħhom veru wens, veru konfort, veru delizzju, vera mediċina, veru ikel ta' għajnuna spiritwali f'dan is-Santissimu Sagrament ta' l-altar.
Beatu Ġorġ Preca, *Il-Pulptu ta' Patri Franku*

**Il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2005**

Nikkonkludi billi nħeġġiġkom li kuljum ninviżtaw lil Ġesù Sagramentat għax Hu qiegħed magħna fuq l-altari biex nieħdu mit-teżori tiegħu kull bżonn tagħna, biex niftħu qalbna miegħu u biex nitfarrġu bil-preżenza tiegħu ta' veru ħabib tagħna, ta' veru wieħed mill-aħwa tagħna. Amen.
Beatu Ġorġ Preca, *Il-Pulptu ta' Patri Franku*

**Is-Sibt, 29 ta' Ottubru 2005**

Ġesù jgħid: "Jiena ninsab verament, u realment u sustanzjalment f'dan is-Sagrament li jiena b'għaxqa kbira u b'eċċess ta' mħabba għamilt biex nieħu delizzju noqgħod ma' wlied il-bnedmin, u biex il-bnedmin isibu l-faraġ tal-ħajja fija f'dan il-wied tad-dmugħ. Ejja hawn immela spiss u ġibli n-nies biex jitqarbnu u biex iżuruni".
Beatu Ġorġ Preca, *Is-Sena tas-Sinjur*

**Il-Ħadd, 30 ta' Ottubru 2005**

L-Ewkaristija hija r-rabta ta' l-imħabba.
Fl-Ewkaristija l-bniedem isir ħaġa waħda ma' Kristu.
Fl-Ewkaristija Kristu wera li ma setax iħobb lill-bnedmin iktar milli ħabbu.
Beatu Ġorġ Preca, *L-Iskola Kattoliku*

**It-Tnejn, 31 ta' Ottubru 2005**

Jiena ġejt biex nadurak u nitħaddet miegħek fuq il-misteri ta' ħajtek, għax naf li Inti trid li niftakru fik, x'għamilt għalina l-bnedmin u x'batejt.
Beatu Ġorġ Preca, *Kollokju ma' Ġesù*

FR JOE AGIUS OP

# L-INNU FIT-TRADIZZJONI BIBLI-



*Il-kelma maltija innu ġejja mill-grieg umnos. Bil-grieg jeżistu l-verbi umneo/umneio u umnodeo li jfissru għanna b'tifħir. In-nom umnos jindika għalhekk għanja ta' tifħir, u umnesis hu għana ta' tifħir.*

## 1. It-Terminoloġija

Il-verbi u n-nomi jintużaw b'dan is-sens anki fil-verżjoni griega tat-TQ[1] u fit-TĠ.[2] Il-verzjoni tas-LXX tuża din it-terminologija biex taqleb diversi termini ta' l-ebrajk tat-TQ. Fl-ebrajk hemm diversi termini li s-sens ewlieni tagħhom hu tifħir u oħrajn li s-sens ewlieni tagħhom hu għanja. Is-LXX jużaw din it-terminoloġija fejn ħassew li t-tifħir jew l-għana li jitkellem fuqu t-test hu innu.

Fl-ebrajk hemm qabel xejn il-verb *halal* li jfisser faħħar jew anki ftaħar. Minn dan il-verb ġejjin in-nomi, *hillul*, *mahlal*, u *tehillah* li jalludu għal tifħir, foħrija. Fit-TQ din it-terminoloġija spiss tintuża biex talludi għal tifħir, foħrija, jew ftaħir, li jsir b'innu.[3] Il-ktieb tas-Salmi, fejn hemm ħafna innijiet, jissejjaħ *tehillim*. Fil-bidu jew anki fit-tmiem ta' xi salmi hemm l-invitatorju hallelujah (= faħħru 'l Jah(weh)).[4] Imbagħad hemm testi fejn l-istess terminoloġija tintuża f'kuntesti fejn hemm ukoll alluzjoni għall-għana.[5]

Jeżisti wkoll il-verb *jadah* li jfisser stqarr, faħħar, radd ħajr, u minn dan il-verb ġejjin in-nomi *hujjedot* u *todah* li jindikaw stqarrija, foħrija, radd il-ħajr. Anki din it-terminoloġija tintuża fit-TQ biex talludi għal stqarrija, foħrija, jew radd ta' ħajr li jsiru b'innu.[6] Il-verb *halal* u d-derivati tiegħu jintużaw f'kuntesti li jalludu għall-innu,[7] jew fejn jingħad li l-istqarrija, il-foħrija, ir-radd ta' ħajr isir bil-kant.[8]

It-tifsira ewlenija tal-verb *kabed* hi kellu piż (għax għani), imma it-tieni tifsira tiegħu hi kien imsebbaħ, kien imweġġaħ (għax għani). Minnu ġejjin l-aġġettivi *kabid*, *kobed*, u *kabod*, u n-nomi *kabod*, *kebuddah*, u *kebedut* li jalludu jew għal piż (għana) jew għas-sebħ, għall-ġieħ ta' dak li jkun. Dawn it-termini jintużaw biex jalludu għall-innu fit-TQ, jew għax jintużaw flimkien ma' *halal* jew *jadah* u d-derivati tagħhom,[9] jew għax jintużaw f'kuntest fejn is-sebħ, il-ġieħ, jingħata bil-kant ta' innu.[10]

Il-verb *gadal* ifisser kiber (fl-istatura jew fil-ġieħ), kabbar (fis-sens ta' faħħar). Minn dan il-verb ġejjin in-nomi *godel* u *gedullah* li jfissru kobor (fl-istatura jew fil-ġieħ), *migdal* u *migdol* li jfissru bini kbir (torri), u l-aġġettiv *gadol* li jfisser kbir. Meta l-verb jintuża fis-sens ta' kabbar xi drabi jalludi għall-foħrija li tingħata b'innu.[11]

Il-verb *xabaħ* għandu s-sens ta' taffa, imma l-foħrija ttaffi l-qilla, il-korla, is-saħna ta' min għandu għalik, u għalhekk il-verb għandu wkoll s-sens ta' faħħar jew kabbar. Il-verb jintuża biex jalludi għat-tifħir li jingħata f'innu.[12]

Hemm ukoll il-verb *rum* li jfisser għola. It-tifħir jgħolli lil dak li jkun, u għalhekk in-nom *romam* ifisser tifħir. Xi testi jużaw dawn it-termini biex jalludu għat-tifħir li jingħata b'innu.[13]

It-tifsira ewlenija ta' *barak* hi niżel għarkuptejh, imma għandu wkoll it-tifsira ta' bierek, faħħar. Minnu ġejjin in-nomi *berek* (irkoppa) u *berakah* (barka). Din it-terminoloġija għandha s-sens ta' innu meta t-tberik isir b'għanja ta' tifħir. Jintuża f'kuntesti flimkien ma' termini oħra li jalludu għall-innu.[14]

Barra t-terminoloġija li talludi prinċipalment għat-tifħir li jingħata fl-innu, hemm terminoloġija oħra li talludi prinċipalment għall-għana li permezz tiegħu jingħata tifħir. It-TQ juża hekk il-verb *zamar* li jfisser għanna, għanna tifħir, daqq. Minn dan il-verb ġejjin in-nomi *zimrah*, *zamir*, u *mizmor* li għandhom is-sens ta' għanja, għanja ta' tifħir, daqq. Dawn it-termini jalludu għall-innu f'diversi siltiet tat-TQ.[15] Ħamsa u sebgħin salm jissejħu *mizmor*,[16] imma dawn it-termini jintużaw flimkien ma' u bl-istess tifsira ta' termini oħra li jalludu għall-innu.[17]

Il-verb *ranan* ifisser għajjat, għajjat bil-ferħ, u minnu ġejjin in-nomi *ron*, *renanah* u *rinnah* li jfissru għajat qawwi, għajat ta' ferħ. It-test ebrajk juża din it-terminoloġija biex jalludi għall-innu.[18] Tintuża f'xi kuntesti bl-istess tifsira ta' *halal*, *jadah*, *kabed* u d-derivati tagħhom,[19] u f'kuntesti fejn l-għajat hu għajat ta' ferħ bil-kant ta' innu.[20]

Hemm imbagħad in-nomi *xir* u *xirah* (għanja) u l-verb denominativ *xir* (għanna). Għalkemm in-nomi u l-verb jalludu b'mod ġeneriku għall-għana, f'xi testi l-għana hu ċertament għana ta' tifħir, innu.[21] It-TQ juża dawn it-termini fejn skond il-kuntest jidher li jalludu għall-innu.[22]

Barra *umneo* u d-derivati tiegħu is-LXX jużaw termini oħra biex jaqilbu t-termini li juża t-test ebrajk biex jalludi għall-innu. Hemm qabel xejn il-verb *aineo* li jfisser tkellem fuq jew qal fuq, imma jintuża wkoll fis-sens ta' tkellem b'tifħir fuq jew qal tifħir fuq. Minnu ġejjin in-nomi *ainesis* (tifħir) *ainos* (tifħir) u l-aġġettiv *ainetos* (ta' min ifaħħru). Is-LXX jużaw din it-termonologija biex jaqilbu l-verbi u d-derivati ta' *halal*,[23] *jadah*,[24] *barak*,[25] *zamar*.[26] L-istess terminoloġija tintuża fis-sens ta' innu anki fit-TĠ.[27]

Hemm imbagħad il-verb *epaineo* (ep-aineo) li għandu s-sens ta' approva, feraħ lil (xi ħadd), faħħar, u n-nom *epainos* (ep-ainos) li jfisser approvazzjoni, foħrija. Is-LXX jużaw dawn it-termini fis-sens ta' tifħir/foħrija fejn it-test ebrajk jalludi għall-innu. Jaqilbu l-verbi *halal*,[28] u *xabaħ*,[29] bid-derivati tagħhom. Anki fit-TĠ dawn it-termini jintużaw b'allużjoni għall-innu.[30]

Il-verb *eulogeo* ifisser tkellem tajjeb fuq (xi ħadd, xi ħaġa), faħħar, bierek, u minnu ġejjin in-nom *eulogia* (kliem tajjeb fuq, foħrija, barka), u l-aġġettiv *eulogetos* (mbierek). Din it-terminoloġija is-LXX jużawha biex jaqilbu l-verb u d-derivati ta' *barak*.[31] It-TĠ juża l-istess terminoloġija biex jalludi għat-tifħir li jingħata f'innu.[32]

Jeżisti mbagħad il-verb *eksomologeo* li jfisser qabel, stqarr, imma wkoll faħħar, radd ħajr. Mill-verb ġej in-nom *eksomologesis* li jfisser foħrija. Is-LXX jużaw dawn it-termini biex jaqilbu il-verbi *jadah*,[33] u *halal*.[34] It-TĠ juża din it-terminoloġija fis-sens ta' stqarrija,[35] jew radd il-ħajr,[36] imma jidher li ma jużahiex biex jalludi għall-innu.[37]

Fil-grieg hemm imbagħad il-verb *doksazo* (stima, kabbar, għolla), in-nomi *doksa* (stima, ġieħ, sebħ, glorja) u *doksasma* (stima), u l-aġġettiv *doksikos* (glorjuż). Jeżisti wkoll il-verb *doksologeo* li jfisser sebbaħ, igglorifika, faħħar. Dawn it-termini jintużaw mis-LXX biex jalludu għat-tifħir li jingħata b'innu. Jintużaw biex jaqilbu l-verbi bid-derivati tagħhom *halal*,[38] *kabed*,[39] *rum*.[40] Fit-TĠ din it-terminoloġija tintuża biex talludi għal attribut ta' xi ħadd (Alla, Kristu, eċċ.) jew fis-sens ġenerali ta' ġieħ li jingħata lil xi ħadd; tintuża biex talludi speċifikament għal ġieħ li jingħata b'innu f'Lq 2,14.

L-aġġettiv *megas* għandu s-sens ta' kbir, u minnu ġej il-verb *megaluno* li jfisser kabbar, għolla. Min ifaħħar, ikabbar, igħolli, lil dak li jkun, u għalhekk il-verb jintuża mis-LXX f'kuntesti fejn għandu s-sens ta' tifħir, anki t-tifħir li jingħata f'innu. Jużawh biex jaqilbu l-verb *gadal*.[41] Fit-TĠ jintuża f'dan is-sens fil-bidu tal-magnificat (Lq 1,47).

Fost il-verbi li jindikaw għanja

hemm il-verb *psallo* li jfisser daqq (strument tal-korda), imma anki għanna (akkumpanjat minn strument tal-korda). In-nom *psalmos* jalludi għad-daqq ta' l-istrument tal-korda jew għall-għana akkumpanjat minn strument tal-korda. L-istrument tal-korda jissejjaħ *psalterion*, imma l-istess nom jalludi għall-għana akkumpanjat minn strument tal-korda. Din it-terminologija s-LXX jużawha biex jalludu għall-istrument tal-korda, imma anki biex jalludu għall-għana. Jużawha ġeneralment biex jaqilbu *zamar* u d-derivati tiegħu.[42] Fit-TĠ l-istess terminoloġija talludi kważi dejjem[43] għall-innu.[44]

Hemm ukoll il-verb *ado* (għanna, għanna odi) u n-nomi *ode* (odi), *asma* (għanja, odi). Is-LXX jużaw dawn it-termini biex jaqilbu l-verb *xir* u d-derivati tiegħu,[45] u fejn it-terminoloġija ebrajka għandha s-sens ta' innu t-terminoloġija griega għandha l-istess tifsira. Biex jitkellem fuq l-innu anki t-TĠ juża l-verb *ado*[46] u n-nomi *ode*.[47]



## 2. L-Identifikazzjoni ta' l-Innijiet

Biex wieħed isib l-innijiet li hemm fil-Bibbja wieħed irid ifittex l-għanjiet ta' tifħir, u biex wieħed ifittex l-għanjiet ta' tifħir wieħed irid jara għal liema siltiet it-test bibliku it-TQ u t-TĠ japplikaw it-terminoloġija ta' hawn fuq. Il-biċċa l-kbira ta' l-innijiet bibliċi jinsabu fil-Ktieb tas-Salmi. Il-ktieb jissejjaħ *tehillim* bl-ebrajk u *psalmoi* bil-grieg. Imma mhux is-Salmi kollha huma innijiet, għax f'dan il-ktieb insibu għanjiet ta' tip ieħor, bħal lamentazzjonijiet,[48] għanjiet ta' fiduċja,[49] għanjiet profetiċi,[50] għanjiet sapjenzjali,[51] u meditazzjonijiet fuq ġrajjiet ta' l-istorja.[52] Fost l-għanjiet ta' tifħir tas-Salterju hemm SS 8, 19, 29, 33, 45, 46, 47, 48, 65, 67, 75, 76, 84, 87, 89, 93, 95, 96, 97, 98, 99, 100, 103, 104, 105, 108, 111, 113, 114, 117, 118, 122, 135, 145, 146, 147, 148, 149, 150. Billi fit-tradizzjoni biblika ma tantx hemm differenza bejn għanja ta' tifħir u għanja ta' radd il-ħajr ma' dawn wieħed jista' jżid is-Salmi ta' radd il-ħajr, SS 9, 34, 66, 106, 107, 116, 136, 138.

Barra l-innijiet tas-salterju fit-TQ hemm innijiet oħra. Fil-Ktieb ta' l-Eżodu hemm l-għanja ta' Mose' (15,1-18) u l-għanja ta' Mirjam (15,21). Fil-Ktieb ta' l-Imħallfin hemm l-għanja ta' Debora (5,2-30). Fl-Ewwel Ktieb ta' Samwel hemm l-għanja ta' Anna (2,1-10). Fl-Ewwel Ktieb tal-Kronaki hemm l-għanja ta' Asaf u ħutu (16,8-36) u l-għanja ta' David (29,10-13). Fil-Ktieb ta' Tobit hemm l-għanja ta' Ragħwel u niesu (8,15-17) u l-innu ta' radd il-ħajr ta' Tobit (13,1-18). Fil-Ktieb ta' Ġuditta hemm l-innu ta' Ġuditta u l-poplu ta' Iżrael (16,1-17). Fil-Ktieb

ta' Ġob hemm innu lill-għerf (28,1-28). Fil-Ktieb ta' Bin Sirak hemm għanja ta' tifħir lil Alla (39,14-35), u għanja li xxandar sebħ Alla fil-ħolqien (42,15-43,33). Fil-Ktieb ta' Isaija hemm diversi profeziji li għandhom forma ta' innu (12,1-6; 26,1-21; 42,10-12). U fil-Ktieb ta' Danjel hemm l-innu tat-tliet żgħażagħ (3,52-90).

Fit-TĠ hemm diversi innijiet. Fil-Vanġelu ta' Luqa hemm il-kantiku ta' Marija, il-Magnificat (1,46-55), il-kantiku ta' Żakkarija, il-Benedictus (1,66-79), l-innu ta' l-anġlu u l-qtajjiet tas-sema, il-*Gloria in excelsis Deo* (2,14) u l-l-kantiku ta' Xmun, in-*Nunc dimittis* (2,29-32). Diversi innijiet insibuhom anki fl-ittri ta' San Pawl. Hemm innijiet lil Alla għall-opra ta' Kristu fl-Ittri lill-Efesin (1,3-10) u Kolossin (1,12-20), u l-innjiet lil Kristu fl-Ittri lill-Filippin (2,5-11) u 1 Timotju (3,16). Fl-aħħarnett fl-Apokalissi hemm il-kantiku lil Alla ta' l-erba' u għoxrin xiħ (4,11), l-innu lill-Ħaruf (5,9-10.12.13), innu lil Alla (11,17-18), għanja ta' rebħ (12,10-12), innu tar-rebbieħa (15,3-4), u għanja oħra ta' rebħ (19,1-2.3.5.7-8).

L-innijiet tal-Bibbja huma għanjiet ta' tifħir lil Alla, lil Kristu, imma anki lis-sultan,[53] lil Ġerusalemm,[54] lill-għerf.[55] L-innijiet lil Kristu, lis-sultan, lil Ġerusalemm, u lill-għerf huma wkoll għanjiet ta' tifħir lil Alla. Skond l-innu ta' Fil 2,6-11 Kristu jistħoqqlu tifħir għax "Alla għollieh sas-smewwiet u żejnu bl-isem li hu fuq kull isem" (v. 9), u għalhekk "kull ilsien jistqarr 'Ġesù Kristu Mulej' għall-glorja ta' Alla l-Missier" (v. 11). Skond l-innu ta' Apk 5 il-Ħaruf (Kristu) jistħoqqlu ġieħ għax b'demmu kiseb "għal Alla bnedmin minn kull tribu' u lsien" (v.9), u għalhekk il-ħlejjaq kollha jagħtu glorja "lil dak li qiegħed fuq it-tron (Alla) u lill-Ħaruf (Kristu)" (v. 13). F'S 45 tingħata foħrija lis-sultan għax hu l-midluk ta' Alla (v.8) u t-tron tiegħu hu t-tron ta' Alla (v. 7). F'S 122 is-salmist ifaħħar lil Ġerusalemm u jixtiqilha l-ġid għax hi dar il-Mulej (v. 9) u hemm jitilgħu it-tribujiet tal-Mulej biex ifaħħru isem il-Mulej (v. 4). Il-għerf li hu mfaħħar f'Ġob 28 hu monopolju divin (vv. 23-27).

### 3. L-Elementi ta' l-Innu

Meta wieħed janalizza l-istruttura ta' l-innu fit-tradizzjoni biblika wieħed isib li hemm elementi li tiltaqa' magħhom fil-biċċa l-kbira ta' l-innijiet. Wieħed minn dawn l-elementi hu l-invitatorju, jiġifieri l-istedina biex wieħed jinfexx f'tifħir. L-invitatorju mhuwiex sempliċi stedina biex jitkanta innu li mbagħad jiġi wara, imma hu parti mill-innu. Il-formulazzjoni tiegħu tvarja minn innu għal innu.

Hemm diversi innijiet fejn l-invitatorju hu stedina diretta fformulata fit-tieni persuna



singular jew plural. Eżempju ta' formulazzjoni fis-singular hu "Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej" (SS 103,1.2.22; 104,1.35), "Qum, ruħ tiegħi, qum, arpa u ċetra!" (S 108,3), "Faħħar, ruħ tiegħi, il-Mulej!" (S 146,1). Imma aktar komuni hi l-formulazzjoni fil-plural, bħal "Agħtu lill-Mulej, ulied Alla, agħtu lill-Mulej glorja u qawwa. Agħtu lill-Mulej il-glorja ta' ismu, qimu l-Mulej fl-għamara mqaddsa tiegħu" (S 29,1-2), "Għannu lill-Mulej għanja ġdida" (SS 33,3; 96,1; 98,1; 149,1; Is 42,10), "Faħħru l-Mulej, intom ġnus kollha, sebbħuh, intom popli lkoll" (S 117,1), jew "Hallelujah" (Faħħru 'l Jah(weh) SS 111,1; 112,1; 113,1; 115,18; 116,19; 117,2; 135,1; 146,1; 147,1; 148,1; 149,1; 150,1; Apk 19,1.3.6).56

F'xi innijiet min ikanta l-innu bħal jistieden lilu nnifsu jew jistieden lil ħaddiehor jingħaqad miegħu f'tifħir; hawn l-invitatorju hu fformulat fl-ewwel persuna. Hekk, per eżempju, "Ħa ngħanni lil Mulej, għax tkabbar bis-sħiħ" (Eż 15,1), "Ejjew, ħa nfaħħru bl-hena l-Mulej, ħa ngħajjtu bil-ferħ lill-blata tas-salvazzjoni tagħna! Nersqu quddiemu b'għana ta' radd il-ħajr, ngħannulu b'għajat ta' ferħ... Ejjew inqimuh u ninxteħtu quddiemu, għarkuptejna quddiem il-Mulej li ħalaqna" (S 95,1-2.6), "Nifirħu u nithennew u nagħtuh glorja, għax wasal it-tieġ tal-Ħaruf" (Apk 19,7).[57]

Hemm innijiet fejn l-invitatorju hu fformulat fit-tielet persuna, bħal "Ħa jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art, ħa jħabbat il-baħar u kull ma fih, ħa jifraħ ir-raba' u kull ma fih, u jgħannu bil-ferħ is-siġar kollha tal-bosk" (S 96,11-12), "Ħa jriegħed il-baħar u kull ma fih, id-dinja u kull ma jgħammar fiha. Ħa jċapċpu x-xmajjar idejhom, u l-muntanji flimkien jgħajjtu bil-ferħ" (S 98,7-8), "Ħa jroddu ħajr lill-Mulej għal tjubitu, għall-għeġubijiet tiegħu mal-bnedmin" (S107,8.15.21.31).[58]

L-istedina kultant hi indiretta għax fl-invitatorju jingħad li xieraq li tingħata foħrija, bħal "Kbir il-Mulej, ta' min ifaħħru ħafna fil-belt ta' Alla tagħna" (S 48,2), "Tifħir lilek jistħoqq, O Alla f'Sijon" (S 65,2), "Tajjeb li nfaħħru l-Mulej, li ngħannu lil ismek, inti l-Għoli, nxandru filgħodu t-tjieba tiegħek, u billejl il-fedelta' tiegħek" (S 92,2-3), "Jistħoqqlok, Mulej Alla tagħna, li tilqa' l-glorja u l-ġieħ u s-setgħa" (Apk 4,11), "Jistħoqqlu l-Ħaruf li kien maqtul li jirċievi l-qawwa u l-għana u l-għerf u s-saħħa u l-ġieħ u l-glorja u t-tifħir" (Apk 5,12).

Dawn il-formulazzjonijiet diversi ta' l-invitatorju ma jeskludux waħda lill-oħra, tant li spiss issibhom flimkien fl-istess innu.

L-invitatorju ġeneralment qiegħed fil-bidu ta' l-innu,[59] xi minn daqqiet qiegħed wkoll f'nofs l-innu[60] jew saħansitra fit-tmiem.[61] Hemm xi innijiet li jikkonsistu f'invitatorju mill-bidu sa l-aħħar jew kwazi.[62] Meta l-invitatorju hu ripetut, kultant bl-istess kliem, għandu mnejn qiegħed f'diversi partijiet ta' innu biex jiftaħ jew jagħlaq strofa, jew biex jintuża bħala ritornell.[63] Imma f'xi innijiet l-invitatorju mhux hemm, imma qiesu hu presuppost għax l-innu jiftaħ dritt b'tifħir. Hekk, per eżempju, "Mbierek int, Mulej, Alla ta' Iżrael, missierna, minn dejjem għal dejjem" (1 Kron 29,10); "Mbierek Alla, li jgħix għal dejjem, u s-saltna tiegħu!" (Tob 13,2), "Ngħollik, Mulej, għax erfajtni" (S 30,1), "Kull ħin inbierek il-Mulej; tifħiru dejjem fuq fommi. Bil-Mulej tiftaħar ruħi" (S 34,1-2), "Nroddlok ħajr, Mulej, b'qalbi kollha... Quddiem l-allat irrid ngħannilek. B'wiċċi fl-art ninxteħet quddiem is-santwarju tiegħek, u nroddlok ħajr" (S 138,1.2), "Mbierek il-Mulej, il-blata tiegħi" (S 144,1), "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi" (Lq 1,46-47), "Mbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael" (Lq 1,68), "Mbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu" (Ef 1,3), "Niżżuk ħajr, Mulej, Alla li tista' kollox, li int u li kont" (Apk 11,17).

Hemm każijiet, mela, fejn min ikanta l-innu l-istedina għall-foħrija bħal jagħmilha lilu nnifsu, imma fil-biċċa l-kbira ta' l-innijiet l-istedina ssir lil ħaddieħor, lill-membri tal-komunita' tal-Poplu t'Alla, imma kultant anki lill-pagani.[64] Xi drabi l-istedina ssir lill-ħolqien jew partijiet tiegħu li fl-innu huma spiss antropomorfizzati. Jingħad, per eżempju, "Iberkuk is-smewwiet u l-ħolqien kollu għal dejjem ta' dejjem" (Tob 8,5), "Is-smewwiet ixandru l-glorja ta' Alla, għemil idejh tħabbar il-firxa tas-sema. Jum lill-ieħor jagħti l-aħbar, lejl lill-ieħor iwassal it-tagħrif" (S 19,2-3), "Ħa jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art, ħa jħabbat il-baħar u kull ma fih, ħa jifraħ ir-raba' u kull ma fih, u jgħannu bil-ferħ is-siġar kollha tal-bosk quddiem il-Mulej" (S 96,11-13), "Ħa jsebbħuh (lill-Mulej) il-baħar u kull ma fih, il-gżejjer u kull min jgħammar fihom. Jerfa' leħnu d-deżert u l-ibliet tiegħu, l-irħula fejn jgħammru wlied Kedar" (Is 42,10-11).[65]

Element ieħor ta' l-innu hu r-raġunijiet li għalihom dak li jkun għandu jfaħħar 'l Alla. It-tifħir lil Alla fl-innijiet jikkonsisti proprju fir-raġunijiet li jingħataw fl-innu biex wieħed ifaħħar 'l Alla. Hawnhekk it-tifħir jingħad lil Alla (i.e. jingħad fit-tieni persuna singular) jew fuq Alla (i.e. jingħad fit-tielet persuna singular).

Hemm każijiet fejn wara l-invitatorju, espliċitu jew impliċitu, l-innu jintroduċi dawn ir-raġunijiet bil-partiċelli *ki* bl-ebrajk u *oti* bil-grieg li jfissru għax, għaliex, talli. Hekk, per eżempju, "Popli kollha, ċapċpu jdejkom, għajjtu b'leħen ta' ferħ lil Alla! Għax (*ki*) il-Mulej, l-Għoli, hu tal-biża', sultan kbir fuq l-art kollha" (S 47,2-3), "Ejjew, ħa nfaħħru bl-hena l-Mulej, ħa ngħajjtu bil-ferħ lill-blata tas-salvazzjoni tagħna! Nersqu quddiemu b'għana ta' radd il-ħajr, ngħannulu b'għajat ta' ferħ. Għax (*ki*) Alla kbir hu l-Mulej, sultan kbir fuq l-allat kollha" (S 95,1-3), "Faħħru l-Mulej, intom ġnus kollha, sebbħuh, intom popli lkoll! Għax (*ki*) kbira hi t-tjieba tiegħu magħna, il-fedelta' tal-Mulej tibqa' għal dejjem" (S 117,1-2), "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi, għax (*oti*) hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu... għax (*oti*) is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar" (Lq 1,47-49), "Mbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, għaliex (*oti*) ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu" (Lq 1,68), "Jistħoqqlok, Mulej Alla tagħna, li tilqa' l-glorja u l-ġieħ u s-setgħa, għax (*oti*) int ħlaqt il-ħlejjaq kollha, u huma kienu u nħolqu bir-rieda tiegħek" (Apk



4,11).

Drabi oħra l-innu jagħti r-raġunijiet biex dak li jkun ifaħħar 'l Alla mingħajr ma juża din it-terminoloġija. Hekk, per eżempju, "Mbierek Alla, li jgħix għal dejjem, u s-saltna tiegħu! Jikkastiga u jħenn; iwasslek sal- qabar f'qiegħ l-art, u mbagħad jerfgħek mill-akbar qerda" (Tob 13,2), "Għannu bit-tnabar lil Alla; għannu biċ-ċimbali lill-Mulej; insġulu salmi u innijiet; faħħruħ u sejħu ismu. Il-Mulej hu Alla li jeqred il-gwerer; waqqaf il-kamp f'nofs il-poplu tiegħu, ħelisni minn idejn dawk li kienu jiġru warajja" (Ġud 13,1-2), "Agħtu lill-Mulej, ulied Alla, agħtu lill-Mulej il-glorja ta' ismu, qimu l-Mulej fl-għamara mqaddsa tiegħu. Leħen il-Mulej fuq l-ibħra; Alla tal-glorja jriegħed, il-Mulej fuq l-ibħra kotrana" (S 29,1-3), "Mbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu: li berikna b'kull xorta ta' barka spiritwali, fis-smewwiet fi Kristu" (Ef 1,3), "Roddu ħajr lill-Missier, li għamilkom denji li tissieħbu fil-wirt tal-qaddisin fis-saltna tad-dawl. Ħelisna mill-ħakma tad-dlam, u

daħħalna fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub, li bih għandna l-fidwa, il-maħfra tad-dnubiet" (Kol 1,12-14).

Meta taqra l-innijiet fil-Bibbja ssib li r-raġunijiet li jingħataw jalludu jew għall-attributi ta' Alla jew għall-għemejjel ta' Alla fil-ħolqien u fil-ġrajja tal-fidwa.

Fl-innijiet Alla jitfaħħar għall-attributi tiegħu, bħall-kobor,[66] it-tjieba,[67] il-fedelta',[68] il-ġustizzja,[69] is-saltna,[70] il-qdusija[71] tiegħu, eċċ. Jingħad, per eżempju, "Faħħru l-Mulej, intom ġnus kollha, sebbħuh, intom popli lkoll! Għax kbira hi t-tjieba tiegħu magħna, il-fedelta' tal-Mulej tibqa' għal dejjem" (S 117,1-2), "Faħħru l-Mulej, għaliex hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu! Ħa jgħidu wlied Iżrael: Għal dejjem it-tjieba tiegħu. Ħa tgħid dar Aron: Għal dejjem it-tjieba tiegħu. Ħa jgħidu dawk li jibżgħu mill-Mulej: Għal dejjem it-tjieba tiegħu" (S 118,1-4.29).

L-attributi divini l-kittieba sagri jafuhom mhux bi spekulazzjoni fuq in-natura ta' Alla, imma b'riflessjoni fuq l-għemejjel ta' Alla fil-ħolqien u fil-ġrajjiet ta' l-istorja. Fl-innijiet tagħhom ifaħħru 'l Alla għall-attributi tiegħu imma fl-istess kuntest juru kif Alla wera dawn l-attributi b'dak li għamel fil-ħolqien u l-ġrajjiet ta' l-istorja. Hekk, per eżempju, f'S 136 is-salmist jibda biex jgħid li Alla għamel għeġubijiet kbar u mbagħad jagħti lista sħiħa ta' għemejjel ta' Alla fil-ħolqien u fl-istorja, u wara kull għemil divin li jsemmi jgħid li Alla għamlu "għax għal dejjem it-tjieba tiegħu". F'S 107 mhux biss isemmi diversi għemejjel ta' Alla, imma fir-ritornell jgħid "Ħa jroddu ħajr għal tjubitu, għall-għeġubijiet tiegħu mal-bnedmin" (vv. 8.15.21.31). Għalhekk, wieħed jista' jiddistingwi fir-raġunijiet għat-tifħir bejn l-attributi u l-għemejjel ta' Alla, imma fir-realta' u fil-preżentazzjoni dawn mhux talli ma jeskludux lil xulxin, talli huma l-istess.

L-innijiet isemmu b'mod ġeneriku l-għemejjel ta' Alla,[72] imma jsemmu wkoll b'mod speċifiku l-għemejjel ta' Alla fil-ħolqien u fil-ġrajja tal-fidwa. L-għemejjel ta' Alla fil-ħolqien huma kemm l-att tal-ħolqien[73] kif ukoll dawk li bihom imexxi dak kollu li ħalaq.[74] L-għemejjel ta' Alla fl-istorja huma dawk li bihom jrieġi d-destin tal-popli u ta' l-individwi, imma huma wkoll l-għeġubijiet li għamel fil-ġrajja tal-fidwa: l-għażla u l-patt mal-patrijarki,[75] il-ġrajja fl-Eġittu,[76] l-eżodu u l-ġrajja tad-deżert,[77] id-dħul u l-ġrajja fl-art ta' Kangħan,[78] il-patt ma' David,[79] il-ġrajja ta' wara l-eżilju,[80] u evidentement il-ġrajja tas-salib u l-qabar vojt bħala l-ġrajja li temmet il-pjan tal-fidwa.[81]

Barra l-invitatorju u r-raġunijiet li għalihom wieħed għandu jfaħħar 'l Alla fl-innu kultant issib elementi oħra, bħal talb jew barkiet. Hemm talba fi tmiem l-innu ta' Ragħwel u niesu, "Ħenn għalihom (Tobija u Sara), żommhom qawwijin u sħaħ, u imlielhom ħajjithom bl-hena u l-faraġ" (Tob 8,17), fi tmiem S 19, "Minn dak li ma nafx bih saffini. U mill-kburija wkoll ħares il-qaddej tiegħek, tħalliha qatt taħkimni. Mbagħad inkun bla ħtija u ħieles minn dnub kbir. Ħa jkunu milqugħa quddiemek kliem fommi u ħsieb qalbi, Mulej, blata u feddej tiegħi" (vv. 13-15), fi tmiem S 89, "Ftakar, Sidi, kif inhu mkasbar il-qaddej tiegħek; kif qed nilqa' ġo fija ż-żebliħ tal-popli, iz-zebliħ li qed jagħmlulna l-għedewwa tiegħek, Mulej, li qed ikasbru kull ħjiel tas-sultan midluk tiegħek" (vv.51-52), fi tmiem S 106, "Salvana, Mulej, Alla tagħna, u iġmagħna minn fost il-ġnus, biex inroddu ħajr lill-isem qaddis tiegħek u niftaħru bit-tifħir tiegħek" (v. 47).[82]

Hemm barka fi tmiem S 29, "Il-Mulej jagħti l-qawwa lill-poplu tiegħu; ibierek bis-sliem il-poplu tiegħu!" (v. 11), fi tmiem S 33, "Ħa tkun, Mulej, it-tjieba tiegħek fuqna, kif fik hi t-tama tagħna" (v. 22), fi tmiem S 67, "L-art tat il-frott tagħha; iberikna Alla, Alla tagħna! Iberikna Alla, u tibża' minnu l-art kollha minn tarf għall-ieħor" (vv.7-8), fi tmiem S 134, "Ibierkek il-Mulej minn Sijon, hu li għamel is-sema u l-art" (v. 3).[83]

S 111 jagħlaq b'qawl sapjenzjali, "Il-bidu ta' l-għerf hu l-biża' tal-Mulej: tassew bil-għaqal kull min jimxi bih, għal dejjem jibqa' t-tifħir tiegħu!" (v. 10), l-istess S 107, "Min hu bil-għaqal iżomm dan f'moħħu, u jifhem it-tjieba tal-Mulej" (v.43), S 95 b'eżortazzjoni profetika, "La twebbusx qalbkom bħal f'Meriba, bħal dak inhar f'Massa, fid-deżert, meta ġarrbuni u ttentawni missirijietkom, għalkemm raw dak li jien għamilt. Għal erbgħin sena domt nistmellu dan in-nisel; u jien għidt: 'Qalbu mħassra dan il-poplu, u triqati ma jagħrfux.' Għalhekk ħlift fl-għadab tiegħi: Ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħi!" (vv. 8-11).[84]

### 4. L-Innijiet u l-Kult

Hemm xi innijiet li bdew jintużaw

fil-kult għax jinsabu fit-test bibliku, imma hemm numru ġmielu ta' innijiet li kienu jintużaw fil-kult qabel ma daħlu fit-test bibliku.

Fost l-innijiet tat-TQ li ma kienux jintużaw fil-kult qabel ma nkitbu fit-test bibliku wieħed jista' jsemmi dawk li hemm fil-ktieb ta' Isaija. Isaija ma kienx uffiċjal tal-kult, u mhux probabbli li xi profeziji tiegħu tahom forma ta' innu biex jintużaw fil-kult. Wieħed jista' jgħid l-istess ħaġa għal xi salmi, għall-innijiet f'Ġob u Bin Sirak.

L-innijiet tat-TĠ ma jidhirx li kienu jintużaw fil-kult ta' l-insara qabel ma daħlu fit-test bibliku. Dawn l-innijiet jesprimu ideat li huma marbutin ma' dak li jingħad fil-bqija tal-kotba fejn jinsabu. San Pawl kiteb l-ittra lill-Kolossin biex jikkonvinciehom li Kristu għandu primat fuq prinċipati u setgħat,[85] li Kristu kellu fih il-milja (*pleroma*),[86] jiġifieri l-perfezzjoni ta' kull ma jeżisti (kemm Alla, kif ukoll il-ħolqien), li Kristu hu r-Ras tal-Ġisem tiegħu, il-Knisja.[87] Dawn huma ideat tipikament pawlini, li nsibuhom fl-innu ta' Kol 1,15-20, li għalhekk hu innu pawlin. Fl-innijiet ta' l-Apokalissi jissemmew il-ktieb u s-siġilli tiegħu,[88] it-tron,[89] il-ħaqq miż-żienja l-kbira,[90] it-tieġ tal-Ħaruf.[91] Dawn l-ideat ħalaqhom l-awtur tal-ktieb kif jidher mill-fatt li jinsabu fil-bqija tar-rakkont fejn naqraw l-innijiet.

Ħafna innijiet tal-Bibbja, madankollu, kienu diġa' jintużaw fil-kult qabel daħlu fit-test bibliku. Il-biċċa l-kbira tas-salmi – mhux biss l-innijiet, imma anki dawk li m'humiex – kienu jintużaw fil-kult qabel ma nġabru bil-mod il-mod fis-Salterju. Din il-ġabra mbagħad saret il-ktieb tal-kant għal-liturġija tat-Tempju ta' Ġerusalemm u tas-sinagoga, u l-Ktieb tas-Salmi kien jintuża hekk fl-aħħar żminijiet tat-TQ u fit-TĠ fi żmien Kristu u l-appostli.

M'hemmx dubju li fil-liturġija tat-Tempju ta' Ġerusalemm kienu jitkantaw innijiet, u fost dawn kien hemm l-innijiet tas-Salterju. Il-kant ta' innijiet kien aspett importanti fiċ-ċelebrazzjoni tal-festi[92] u waqt l-offerta tas-sagrifiċċju.[93] Skond tradizzjoni Asaf, Ħeman, u Etan nħatru għall-kant fit-Tempju ta' Ġerusalemm,[94] ħa "jgħollu u jsemmgħu leħinhom għoli b'sinjal ta' ferħ" (1 Kron 15,16), u "biex ifakkru, iroddu l-ħajr, u jfaħħru lill-Mulej, Alla ta' Iżrael" (1 Kron 16,4; cf. v.7). U jingħad li f'okkażjoni minnhom kantaw innu li hu magħmul minn SS 96, 105 u 106.[95] Ma' dawn it-tlieta jissemma wkoll Ġedutun.[96] Hemm xi Salmi li huma attribwiti lil Asaf,[97] lil Ħeman[98], lil Etan[99], u lil Ġedutun.[100] It-tradizzjoni ssemmi wkoll lil ulied Asaf,[101] ulied Ħeman,[102] ulied Ġedutun,[103] u dawn jidher li kienu jiffurmaw il-kor jew il-korijiet tat-Tempju. Jissemmew ukoll ulied Koraħ. Ma tantx hu faċli tgħid x'funzjoni kellhom ulied Koraħ fit-Tempju,[104] imma billi t-tradizzjoni tattribwilhom xi salmi[105] għandu mnejn anki dawn kienu jiffurmaw kor tat-Tempju. Kull kor kien immexxi minn surmast[106]. Wieħed jimmaġina li wlied Asaf, Ħeman, Etan, u Ġedutun kellhom fir-repertorju tagħhom is-Salmi attribwiti lill-antenati tagħhom. Jekk ulied Koraħ kienu jiffurmaw kor ir-repertorju tagħhom kien jikkonsisti fis-salmi li t-tradizzzjoni tattribwixxi lilihom.

Li s-Salmi kienu jintużaw fiċ-ċelebrazzjoni tal-kult hu evidenti wkoll minn dak li jingħad fis-Salmi stess. F'xi Salmi jingħad, per eżempju, kif is-salmist se jfaħħar, irodd ħajr, jew ibierek lil Alla f'nofs il-ġemgħa. "Nxandar ismek lil ħuti; nfaħħrek f'nofs il-ġemgħa... Għalhekk nagħtik it-tifħir tiegħi f'ġemgħa kbira; nrodd il-wegħdiet quddiem dawk li jibżgħu minnu" (S 22,23.26). "... fil-ġemgħat, Mulej, lilek imbierek" (S 26,12). "Nżżik ħajr qalb ġemgħa kbira, qalb kotra ta' nies infaħħrek" (S 35,18). "Xandart il-ġustizzja f'ġemgħa kbira... ma ħbejtx it-tjieba u l-fedelta' tiegħek lill-ġemgħa kbira" (S 40,10.11). "Nrodd ħajr lill-Mulej b'qalbi kollha, fil-laqgħa tat-tajbin flimkien miġbura" (S 110,1). Il-ġemgħa li jitkellmu fuqha dawn is-siltiet hi bla dubju ta' xejn il-ġemgħa miġbura għaċ-ċelebrazzjoni tal-kult.

Barra dan fis-Salmi hemm allużjoni għat-tifħir fit-tempju. "... ndur madwar l-artal tiegħek, Mulej, biex ngħannilek ir-radd ta' ħajr, u nxandar l-għeġubijietek kollha" (S 26,7-8). "U jien noffri fit-tempju tiegħu sagrifiċċju b'għajat ta' ferħ. Ngħanni u nfaħħar il-Mulej!" (S 27,6). "Dan niftakar u nħoss qalbi tinħall ġewwa fija, kif kont nimxi lejn it-tabernaklu tas-sebħ sad-dar ta' Alla, fost l-għajta ta' ferħ u ta' radd il-ħajr, qalb folla ferħana" (S 42,5). "Ibgħat id-dawl tiegħek u s-sewwa tiegħek: huma jmexxuni; iwassluni sa l-għolja mqaddsa tiegħek u sa l-għerejjex tiegħek. U nidħol ħdejn l-artal ta' Alla, ferħ u hena tiegħi. U nroddlok ħajr biċ-ċetra, o Alla, Alla tiegħi" (S 43,3-4). "Għollu bit-tifħir lill-Mulej, Alla tagħna, inxteħtu quddiem mirfes

riġlejh, għax hu qaddis!... Għollu bit-tifħir lill-Mulej, Alla tagħna, u inxteħtu quddiem l-għolja mqaddsa tiegħu; għax qaddis hu l-Mulej Alla tagħna" (S 99,5.9). "Idħlu b'għana ta' ħajr mill-bibien tiegħu, bit-tifħir fil-btieħi tat-tempju tiegħu; roddulu ħajr u bierku ismu!" (S 100,4). "U joffrulu sagrifiċċji ta' radd il-ħajr,[107] u jxandru l-għemejjel tiegħu b'għana ferrieħi" (S 107,22). "B'wiċċi fl-art ninxteħet quddiem is-santwarju tiegħek, u nroddlok ħajr għat-tjieba u l-fedelta' tiegħek, għax int kabbart ismek u kelmtek fuq kollox" (S 138,2).

Fl-aħħarnett it-titli ta' xi salmi isemmu l-okkażjoni meta kienu jintużaw. Skond it-titlu li għandu fit-test ebrajk S 30 kien jintuża fil-festa tad-dedikazzjoni tat-tempju, u skond it-titlu fil-verzjoni tas-LXX S 29 kien jintuża nhar il-festa ta' l-Għerejjex. Skond it-test ebrajk S 92 kien jintuża waqt xi ċelebrazzjoni nhar ta' Sibt, u skond it-test grieg SS 24, 48, 93, u 94 kienu jintużaw f'jiem oħra tal-ġimgħa. SS 120-134 jingħad li huma għanjiet "tat-telgħat", u dawn is-salmi jidher li kienu jitkantaw min-nies hi u tiela' Ġerusalemm għall-pellegrinaġġ li kienet obbligata tagħmel.[108] Tneħħi dan, mhux possibbli tgħid x'Salmi kienu jintużaw fiċ-ċelebrazzjoni ta' din jew dik il-festa.

It-test bibliku isemmi wkoll l-istrumenti mużikali li kienu jakkumpanjaw il-kant ta' l-innijiet. Jissemmew l-istrument tal-korda (*neginah*, *men*),[109] it-tanbur (*top*),[110] iċ-ċetra (*kinnor*),[111] l-arpa (*nebel*),[112] iċ-ċimbali (*zelzelim*, *meziltajim*),[113] il-flawt (*neħilah*, *għugab*),[114] it-tromba (*ħazozrah*),[115] it-trombetta (*xopar*, *qeren*).[116] It-titli tas-Salmi jidher li jalludu għall-melodija jew l-għanja li fuqha kienu jitkantaw xi Salmi. Jingħad, per eżempju, "Fuq ix-xeminit" (SS 6,1; 12,1), "Fuq il-Gittit" (S 8,1; 81,1; 84,1), "Fuq Mut-labben" (S 9,1), "Fuq iċ-ċerva tas-sebħ" (S 22,1), "Fuq il-Ġilji" (S 45,1; 69,1; cf. 80,1), "Fuq Għalamot" (S 46,1), "Fuq Maħalat" (S 53,1; cf. 88,1), "Fuq il-ħamiema tal-ballut imbiegħed" (S 56,1), "Fuq Xuxan għedut" (S 60,1), "Fuq la teqridx" (S 75,1). Dawn l-għanjiet jew melodiji ma jingħata l-ebda tagħrif ieħor fuqhom.

Anki l-komunitajiet insara kienu jkantaw innijiet. L-ewwel insara kienu membri tal-komunita' Lhudija, u bħal bqija tal-Lhud kienu imorru għal-liturġija tat-Tempju sa ma qerduh ir-Rumani fis-sena 70 w.K. u baqgħu jmorru għal-liturġija tas-sinagoga sa ma tkeċċew għall-ħabta tas-sena 100 w.K. Bħal bqija tal-Lhud kienu jkantaw l-innijiet li kienu jintużaw fil-liturġija tat-Tempju u tas-sinagoga. Imma diġa' qabel ma nqered it-Tempju u qabel ma tkeċċew mis-sinagoga il-komunitajiet insara kien jiltaqgħu biex jiċċelebraw kult nisrani, u f'dawn il-laqgħat kienu jkantaw innijiet b'tifħir lil Alla għal dak li għamel Kristu. Fil-Ktieb ta' l-Atti jingħad li l-insara kienu jmorru kuljum fit-Tempju, imma kienu jaqsmu l-ħobż[117] fi djarhom u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja, u kienu jfaħħru 'l Alla.[118] San Pawl iħeġġeġ lill-Korintin, lill-Efesin, u lill-Kolossin biex fil-laqgħat tagħhom ikantaw innijiet.[119] Skond ir-rakkont tal-Ktieb ta' l-Apokalissi l-innijiet jitkantaw waqt ċelebrazzjoni ta' liturġija fis-sema, imma biex jiddeskrivi l-liturġija tas-sema l-awtur joqgħod fuq l-esperjenza tiegħu ta' ċelebrazzjonijiet liturġiċi fl-art. Dan ifisser li jaf bil-kant ta' innijiet waqt ċelebrazzjonijiet insara. Għalkemm l-insara kienu jużaw innijiet tipikament insara fil-liturġija tagħhom mhux possibbli li wieħed jidentifikahom.

Il-Ktieb ta' l-Apokalissi jsemmi ċ-ċetra (*kithara*)[120] li takkumpanja l-kant ta' l-innijiet tal-liturġija tas-sema. Fit-TĠ jissemmew wkoll it-tromba (*salpinks*),[121] il-flawt (*aulos*),[122] u ċ-ċimbali (*kumbalon*),[123] imma t-test ma jalludix għall-użu ta' dawn l-istrumenti biex jakkumpanjaw il-kant ta' innijiet. Fiż-żminijiet meta nkiteb it-TĠ il-liturġija tal-komunitajiet nsara ma kienitx iċċelebrata bil-kbir bħal-liturġija tat-Tempju ta' Ġerusalemm. Kienu jiċċelebrawha fid-djar,[124] u saħansitra l-ewkaristija kienet tiġi ċċelebrata ma' l-ikel.[125] F'ċirkustanzi bħal dawn m'għandux wieħed jistenna liturġija organizzata, u għalhekk mhux probabbli li l-kant ta' l-innijiet f'dawn il-laqgħat kien jixbaħ dak tat-Tempju u tas-sinagoga.

**5. Is-Sens Nisrani ta' l-Innijiet tat-TQ**

L-Insara jużaw fil-liturġija tagħhom kemm l-innijiet tat-TĠ kif ukoll dawk tat-TQ. L-innijiet tat-TĠ huma biċċa mit-TĠ. Bħat-TĠ l-innijiet jissoponu kemm ir-realizzazzjoni kif ukoll ir-rivelazzjoni tal-misteru tal-fidwa fil-mewt u qawmien ta' Kristu. L-innijiet jitrattaw dan il-misteru, u għalhekk huma espressjoni tal-fidi nisaranija.

Mhux hekk madankollu l-innijiet tat-TQ. L-innijiet tat-TQ huma biċċa waħda mit-TQ, u għalhekk dawn l-innijiet għandhom sens nisrani skond is-sens nisrani li għandu t-TQ. It-TQ inkiteb fi żmien meta l-misteru tal-fidwa fil-mewt u l-qawmien ta' Kristu mhux biss kien

għadu ma ġiex irrealizzat, imma anqas kien irrivelat. Ma kienx irrealizzat għax meta kien qed jinkiteb it-TQ il-ġrajja tas-salib u l-qabar vojt kienet għadha 'l bogħod. It-TQ jitratta ċirkustanzi storiċi tat-TQ. F'dawn iż-żminijiet il-misteru tal-fidwa fil-mewt u l-qawmien ta' Kristu anqas kien irrevelat. Li kieku Alla ried, seta' rrevela mill-bidunett dan il-misteru, imma Alla ried jirrevelah bil-mod il-mod. Imkien fit-TQ ma jingħad li għad jiġi Messija li bil-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet jifdi l-bniedem mill-jasar tad-dnub. Fl-ittri tiegħu San Pawl jgħid li dan il-misteru ma kienx magħruf fiż-żminijiet ta' qabel, imma sar magħruf dan l-aħħar.[126] Alla temm jirrevelah fil-missjoni ta' Kristu, speċjalment fl-istess ġrajja tas-salib u l-qabar vojt, u l-appostli u l-ewwel insara fehmu għal kollox it-tifsira ta' din il-ġrajja wara li fissirhielhom Kristu stess meta qam mill-imwiet u wara li l-Ispirtu Santu niżel fuq il-komunita' nisranija.[127] It-TQ hu espressjoni tar-rivelazzjoni li l-poplu t'Alla kellu fit-TQ. Bħall-bqija tat-TQ l-innijiet jitrattaw sitwazzjonijiet tat-TQ u jfissruhom skond ir-rivelazzjoni tat-TQ.

Li l-misteru tal-fidwa fil-mewt u l-qawmien ta' Kristu ma kienx magħruf fit-TQ l-insara kienu jafuh mill-bidunett tal-kristjaneżmu. Madankollu kienu konvinti li t-TQ kellu sens nisrani, u fittxew dan is-sens fit-TQ.[128] Kristu nnifsu applika għalih nnifsu it-TQ kollu.[129] Warajh għamlu l-istess l-appostli u dawk li ppriedkaw il-vanġelu,[130] u mbagħad anki l-awturi tal-kotba tat-TĠ.[131] Il-Knisja minn dejjem fehmet li t-TQ għandu sens nisrani. Fis-seklu 2 ħaditha bl-aħrax ma' Marcjon talli ċaħad l-awtorita' tat-TQ, u minn dejjem żammet li hemm rabta sħiħa bejn il-kotba tat-TQ u tat-TĠ. Il-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni Dommatika fuq ir-Rivelazzjoni divina jikkwota 'l Santu Wistin[132] u jgħid, "Alla, mela, li ispira l-kotba taż-żewg Testmenti u li hu l-awtur tagħhom, iddispona b'għerf li t-Testment il-Ġdid ikun moħbi fil-Qadim, u li l-Qadim isir magħruf fil-Ġdid. Għaliex, ukoll jekk Kristu waqqaf il-Patt il-Ġdid bid-demm tiegħu (cf. Lq 22,20; 1 Kor 11,25) b'danakollu l-kotba tat-Testment il-Qadim, meħuda sħaħ fit-Testment il-Ġdid (cf. Mt 5,17; Lq 24,27; Rum 16,25-26; 2 Kor 3,14-16) li, min-naħa tagħhom, huma jdawlu u jfissru." (Dei Verbum, n. 16).

Madankollu, meta l-awturi tat-TĠ applikaw xi testi tat-TQ għall-misteru ta' Kristu ma fittxewx f'dawn it-testi s-sens li kellhom fit-TQ, imma fittxew li jaqrawhom u jifhmuhom fid-dawl tal-misteru ta' Kristu.[133] F'dokument ta' l-24 ta' Mejju 2001 fuq Il-Poplu Lhudi u l-Kotba Mqaddsa tagħhom fil-Bibbja Nisranija[134] il-Pontifiċja Kummissjoni Biblika titkellem espressament fuq rilettura[135] u perċezzjoni[136] retrospettiva tat-TQ. Dan ifisser li t-TQ kellu sens bħala espressjoni tar-rivelazzjoni tat-TQ, u għandu sens ieħor meta wieħed jaqrah u jifhmu fid-dawl tal-misteru ta' Kristu. Fi kliem il-Pontifiċja Kummissjoni Biblika: "Ikun żball, fil-fatt, jekk wieħed jikkunsidra l-profeziji tat-Testment il-Qadim bħallikieku kienu xi fotografiji bil-quddiem ta' ġrajjiet tal-ġejjieni. It-testi kollha, inklużi dawk li wara nqraw bħala profeziji messjaniċi, kellhom siwi u tifsira għan-nies ta' żmienhom qabel ma kellhom tifsira iktar sħiħa għas-semmiegħa futuri tagħhom. Il-messjaniżmu ta' Ġesù għandu sens ġdid u oriġinali. L-iskop ewlieni tal-profeta kien li jqiegħed lin-nies ta' żmienu f'kundizzjoni li jifhmu l-ġrajjiet ta' żmienhom kif jarahom Alla" (Ibid., n.21).[137]

It-TQ jinqara u jitfisser fis-sens li kellu fit-TQ, u ma jistax ikun mod ieħor. It-testi tat-TQ jinqraw fil-kunest letterarju tagħhom tat-TQ, u minħabba f'hekk wieħed jifhimhom fis-sens li kellhom fit-TQ. Meta l-awturi tat-TĠ applikaw l-istess testi għall-misteru ta' Kristu ikkwotawhom barra mill-kuntest. Mhux hekk biss, imma meta it-TQ ma jinqarax fl-ilsna oriġinali jinqara fi traduzzjoni li taqleb it-test skond is-sens oriġinali tiegħu. Il-Knisja stess tħeġġeġ biex it-traduzzjonijiet isiru mit-testi oriġinali,[138] u dan biex it-traduzzjonijiet jirriflettu s-sens tat-test oriġinali. Kien għalhekk li l-Knisja ħasset il-bżonn li tirrevedi il-verżjoni tal-Bibbja li tuża fid-dokumenti tal-Maġisteru u fil-liturġija, il-Vulgata, il-verżjoni latina li kien għamel San Ġilormu. Il-Vulgata riveduta tissejjaħ in-Neo Vulgata.[139] L-awturi tat-TĠ applikaw xi testi għall-misteru ta' Kristu fi traduzzjoni li mhux dejjem taqbel mas-sens li l-istess testi għandhom fit-TQ. Jekk it-TQ wieħed ma jifhmux skond is-sens li kellu fit-TQ, it-TQ ma jibqax iktar it-TQ, u jagħmel l-istess żball li għamel Marcjon meta firdu mit-TĠ. Minħabba f'hekk it-teologija biblika llum qed tfittex kif issib sens nisrani fit-TQ skond is-sens storiku tiegħu, imma l-Pontifiċja Kummissjoni Biblika tammetti li għad ma hemmx kunsens dwar dan.[140]

Għalkemm il-Kummissjoni tammetti li m'hemmx kunsens fit-teologija dwar kif wieħed għandu jsib sens nisrani fit-TQ, il-Kummissjoni turi b'xi mod it-triq li wieħed għandu jgħaddi minnha biex isib soluzzjoni għal din il-problema. Tgħid: "Il-prinċipju teoloġiku fundamentali li wieħed irid jissoponi hu li l-pjan salvifiku ta' Alla, li jilħaq il-quċċata tiegħu fi Kristu (cf. Ef 1,3-14) hu wieħed, imma ġie realizzat bil-mod il-mod matul iż-żminijniet. L-aspett li hu wieħed u l-aspett tar-realizzazzjoni bil-mod il-mod huma mportanti, kemm il-wieħed u kemm l-ieħor" (Ibid., n.21).[141] Biex wieħed jara sens nisrani fit-TQ wieħed irid jaċċetta r-rivelazzjoni ta' Kristu, u jara fil-ġrajja ta' Kristu l-istadju fundamentali ta' l-istess pjan li Alla kien qed jirrejalizza bil-mod il-mod fit-TQ.

Il-misteru ta' Kristu – il-mewt u l-qawmien ta' Kristu għall-fidwa tal-bniedem mill-jasar tad-dnub – kien jeżisti bħala pjan fil-moħħ ta' Alla mill-eternita' kollha. Mill-eternità Alla kien jaf bil-quddiem bil-waqa' tal-bniedem, u mill-eternita' fassal pjan għall-fidwa tal-bniedem. Mill-eternita' ried li l-bniedem ikun mifdi mill-jasar tad-dnub bil-mewt u l-qawmien ta' Kristu. Dan il-pjan Alla rrealizzah fiż-żmien, fil-ġrajja ta' l-istorja tal-bniedem. Li kieku ried Alla seta' rrealizzah fi ġrajja unika, fil-ġrajja tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu, imma Alla għażel li jirrealizza l-misteru ta' Kristu f'sensiela ta' ġrajjiet. Beda jirrejalizzah meta sejjaħ lil Abraham, kompla jirrealizzah bil-mod il-mod fil-grajja ta' nisel Abraham (il-poplu ta' Izrael), irrealizzah fil-ġrajja tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu, u għadu jirrealizzah fil-missjoni tal-Knisja. Alla fehem jirrealizza bil-mod il-mod il-misteru ta' Kristu f'dak kollu li għadda minnu Iżrael minn Abraham sa Kristu, fl-opra ta' Kristu, u fil-missjoni tal-Knisja.

Iżrael tat-TQ wieħed jista' jħares lejh taħt żewġ aspetti. Wieħed jista' jħares lejh bħalma jħares lejn kull poplu ieħor, u jirrakkonta l-istorja ta' dan il-poplu bħalma jirrakkonta l-istorja ta' kull poplu ieħor. Jekk wieħed iħares lejn Iżrael b'dan il-mod l-istorja u t-tradizzjonijiet ta' dan il-poplu m'għandhom l-ebda sens nisrani. Imma Iżrael wieħed jista' jħares lejh bħala l-poplu li Alla ħatar biex fl-istorja tiegħu jirrealizza bil-mod il-mod il-pjan tal-fidwa. Meta n-nisrani jħares lejn Iżrael b'dan il-mod jara fl-istorja u fit-tradizzjonijiet ta' dan il-poplu l-istorja u t-tradizzjonijiet li permezz tagħhom Alla kien qiegħed jirrealizza bil-mod il-mod il-pjan tal-fidwa, jiġifieri l-misteru ta' Kristu. Jara għalhekk f'din l-istorja u f'dawn it-tradizzjonijiet l-istorja u t-tradizzjonijiet tal-fidwa tiegħu. Dan hu li jrid jgħid San Pawl meta jippreżenta l-komunita' nisranija f'għaqda waħda ma' Israel tat-TQ.[142]

L-awturi tat-TQ ma kienux jafu li l-pjan tal-fidwa Alla kien se jtemmu fil-ġrajja tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu u għalhekk ma jitkellmux fuq dan l-aspett tal-misteru ta' Kristu. Madankollu jitkellmu fuq Iżrael taħt it-tieni aspett, jiġifieri bħala l-poplu li fl-istorja u t-tradizzjonijiet tiegħu Alla kien qiegħed jirrealizza pjan. Fil-kotba tagħhom jitkellmu fuq ir-realizzazzjoni ta' dan il-pjan. Meta jitkellmu fuq ir-realizzazzjoni tal-pjan impliċitament jitkellmu fuq ir-realizzazzjoni tal-misteru ta' Kristu.

L-innijiet tat-TQ jissoponu ċirkustanzi partikulari ta' l-istorja ta' Iżrael. Iżrael irrisponda għal ċerti ċirkustanzi ta' l-istorja tiegħu b'dawn l-għanjiet. Meta n-nisrani jirreċita jew ikanta dawn l-innijiet jidentifika ruħu ma' Iżrael tat-TQ u ma' Iżrael tat-TQ jirrispondi għall-istess ċirkustanzi tat-TQ għax jara fihom ċirkustanzi li fihom Alla kien qiegħed jirrejalizza l-misteru ta' Kristu. Jemmen li f'dawk iċ-ċirkustanzi kien hemm preżenti il-misteru ta' Kristu.



1 Din tissejjaħ il-verżjoni tas-Sebgħin, u minn issa 'l quddiem nirreferu għaliha bis-sigla LXX. Il-verb jintuża fi Mħ 16,24; 1 Kron 16,9; 25,6; 2 Kron 29,30; Neħ 12,24; Tob 12,18; Is 12,5; 42,10; eċċ., in-nom f'Ġdt 16,13; 1 Mak 4,33; 13,51; S 39,4; 70,6; 117,14; 118,171; eċċ.

2 Il-verb jintuża f'Mt 26,30; Mk 14,26; Atti 16,25; Lhud 2,12, in-nom f'Ef 5,19; Kol 3,16.

3 Is-LXX jużaw *umneo*/*umneio* u d-derivati tiegħu biex jaqilbu *halal* u d-derivati tiegħu f'Mħ 16,24; 2 Kron 29,30; Neħ 12,24.46; SS 40,3; 65,1; 71,6; 100,4; 119,171; 148,14.

4 SS 104,35; 105,45; 106,48; 111,1; 112,1; 113,1.9; 115,18; 116,19; 117,1.2; 135,1; 146,1.10; 147,1.20; 148,1; 149,1.9; 150,1.6.

5 SS 40,4; 66,1-2; 69,31; 105,1-3; 135,1-3; 146,1-2; 147,1; Is 42,10.

6 Is-LXX jużaw *umneo*/*umneio* biex jaqilbu *jadah* f'Is 12,4; 25,1.

7 1 Kron 29,13; SS 34,2-4; 35,18; 44,9; 57,10; 79,13; 100,4; 105,1-3; 106,1-2; 109,30; 147,1.

8 SS 9, 2-3; 28,7; 30,5.13; 33,2-3; 57,10; 69,31; 71,22-23; 92,2; 95,2; 105,1-3; 108,4; 111,1; 138,1; 147,1-7.

9 SS 22,23-24; 66,1-2; 86,12; Is 42,12; cf. S 50,23.

10 S 138,4-6.

11 SS 32,2-4; 69,31.

12 SS 117,1; 117,1; 147,1.12.

13 Eż 15,1; SS 21,14; 57,6.12; 99,5.9; 107,32; 108,6; 118,28; 138,4-6; 145,1; cf. S 149,6.

14 SS 34,2; 41,14; 63,5-6; 66,8; 68,20.27.36; 72,18-19; 96,2-3; 100,4; 103,1-2.20-22; 104,1.33-34; 106,48; 113,1-2; 115,17-18; 145,1-3.21.

15 Is-LXX jaqilbu dawn it-termini b'*umneo*/*umneio* u d-derivati tiegħu f'1 Kron 16,9; S 118,14; Is 12,5.

16 Ara, per eżempju, 3,1; 4,1; 5,1; 6,1; 8,1; 9,1; 12,1; 13,1; 15,1; 19,1; 20,1; 21,1; 22,1; ecc.

17 Mħ 5,3; SS 9,2-3; 18,50; 21,14; 30,5.13; 33,2-3; 47,7-8; 57,10.12; 66,1-4; 68,5.33; 71,22-23; 92,2; 95,2; 98,4-5; 101,1; 104,33; 105,1-3; 108,4; 135,1-3; 138,1; 147,1.7.

18 Is-LXX jużaw *umneo*/*umneio* biex jaqilbu il-verb *ranan* fi Prov 1,20; 8,3.

19 SS 63,6; 95,1-2; 100,2.4.

20 SS 71,23; 81,2-4; 98,4-5.

21 Is-LXX jaqilbu dawn it-termini b'*umneo*/*umneio* f'S 65,14; Is 42,10, u b'*umnos* f'Is 42,10.

22 Eż 15,1.21; SS 21,14; 28,7; 33,2-3; 57,8; 66,1; 68,5.33; 69,31; 96,1-4; 105,1-3; 138,4-6; Is 42,10.

23 Lev 19,24; 2 Sam 22,4; 1 Kron 16,4.10.25.35; 23,5; 25,3; 2 Kron 8,14; 20,21; Eżr 3,10.11; Neħ 9,5; SS 9,15; 21,24; 22,26; 33,1.2; 34,18; 47,2; 48,10; 51,15; 56,10; 62,6; 65,2; 66,8; 69,30.34; 71,8.14; 74,21; 77,4; 79,13; 84,4; 96,4; 102,18.21; 105,2; 106,12.47; 119,175; 107,32; 109,1.30; 111,10; 113,1.3; 117,1; 135,1.3; 145,1.2.3.21; 146,2; 147,1; 148,1-5.7.13; 149,1.3; 150,1-6; Is 62,9; Ġoel 2,26.

24 1 Kron 16,7.35.41; 23,30; 2 Kron 5,13; 20,19; 31,2; Eżr 10,11; Neħ 12,24.31.38.40.46; SS 26,7; 69,30; Is 38,18.

25 S 99,4.

26 S 147,1; Is 12,2.

27 Lq 2,13.20; 19,37; Atti 2,47; 3,9; Rum 15,11; Lhud 13,15; Apk 19,5.

28 SS 22,3.25; 35,28; 44,8; 56,4; 64,10; 105,3; 106,5.

29 SS 34,2; 63,3; 117,1; 145,4; 147,12.

30 Rum 15,11; 1 Kor 4,5; Ef 1,6.12.14; Fil 1,11; 1 Pt 1,7.

31 Mħ 5,24; 1 Kron 29,10.20; 2 Kron 20,26; SS 16,7; 18,46; 26,12; 28,6; 31,21; 34,1; 41,13; 63,4; 66,8.20; 68,20.26.35; 72,18; 89,52; 95,2; 103,1.2.20.21.22; 104,1.35; 105,48; 113,2; 118,12.26; 123,6; 134,1.2; 135,19.20.21; 144,1; 145,1.2.10.21.

32 Mt 21,9; 23,19; Mk 11,9; Lk 1,64.68; 2,28; 13,35; 19,38; 24,53; Ġw 12,13; Ef 1,3; Apk 5,13; 7,12.

33 2 Sam 22,50; 1 Kron 16,4.8.34; 20,21; 25,3; 2 Kron 20,22; 29,13; SS 7,17; 6,5; 9,2; 18,49; 28,7; 30,4.9; 33,2; 35,18; 42,4.5.11; 43,4.5; 44,8; 45,17; 49,18; 52,9; 54,6; 57,9; 67,3.5; 71,22; 75,1; 85,12; 88,10; 92,1; 95,2; 97,12; 99,3; 100,1.4; 105,1; 106,1.47; 107,1.8.15.21.31; 108,3; 109,30; 111,1; 118,1.19.21.28.29; 119,7.62; 122,4; 136,1-3.26; 138,1.2.4; 139,14; 140,13; 142,7; 144,10; 147,7; Ġer 33,11.

34 2 Kron 5,13; 7,6; 31,2.

35 Mt 3,6; Mk 1,5; Atti 19,18; Rum 14,11; Fil 2,11; Ġak 5,16.

36 Mt 11,25; Lq 10,21.

37 Forsi tintuża fis-sens ta' innu f'Rum 15,9 għax tintuża fl-istess kuntest ma' *psallo*.

38 Is 42,10.

39 SS 22,24; 50,15; 85,9; 86,12; 108,1; 149,5; Is 66,5.

40 Is 25,1.

41 SS 33,4; 34,27; 40,16; 69,30; 70,4.

42 Salm msejjaħ *mizmor* hu msejjaħ *psalmos* fl-LXX; ara wkoll SS 7,18; 9,3; 18,49; 20,14; 27,6; 57,7.9; 59,17; 61,8; 71,22.23;75,9; 91,2; 94,2; 97,5; 104,33; 108,1.3; 118,54; 138,1; 144,9; 146,2.

43 F'Rum 15,9; 1 Kor 14,15; Ġak 5,13 l-allużjoni mhix bilfors għal innu.

44 Lq 20,42; 24,44; Atti 1,20; 13,13; 1 Kor 14,26; Ef 5,19; Kol 3,16.

45 ado: Ez 15,21; 1 Kron 16,9.23; SS 33,3; 68,5.33; 96,1.2; 105,2; 98,1; 149,1; Ġer 20,13; ode: Am 8,10; S 30,1; 66,1; 67,1; 76,1; 87,1; 122,1; asma: SS 33,3; 40,4; 96,1; 98,1; 149,1.

46 Apk 5,9; 14,3; 15,3.

47 Ef 5,19; Apk 5,9; 14,3; 15,3.

48 SS 3; 5; 6; 7; 13; 22; 26; 27,7-14; 28; 31; 35; 38; 39; 42; 43; 44; 51; 54; 55; 57; 59; 60; 61; 63; 64; 69; 70; 71; 74; 79; 80; 88; 102,1-12.24-29; 109; 120; 130; 140; 141; 142; 143.

49 SS 23, 27,1-6; 121; 131.

50 SS 50; 75; 82.

51 SS 1; 14; 19,8-14; 37; 49; 53; 73; 112; 119; 127; 128.

52 SS 78; 105; 106.

53 S 45.

54 S 122.

55 Ġob 28,1-28.

56 Ara wkoll Eż 15,21; Ġdt 16,1; SS 33,1-3; 47, 2.7.8; 96,1-3.7-10; 98,4-6; 99,5.9; 100,1-2.4; 105,1-5; 107,1; 113,1; 134,1-2; 135,1-3; 136,1-3.26; 147,1.7; 148,1-4.7; 150,1-5; Sir 39,14-15.35; Dan 3,57-90; Kol 1,12; Apk 19,5.

57 Ara wkoll SS 104,33-34; 108,2.3; 145,1-2.

58 Ara wkoll SS 66,4; 67,4-6; 138,4-5; 148,5.8-13; 149,2-3.5-6; 150,6; Is 42,10-12 .

59 Hekk, per eżempju, Eż 15,21; Ġdt 16,1; SS 29,1-2; 33,1-3; 47,2; 66,1-2; 96,1-3; 98,1; 100,1-2; 103,1-2; 105,1-5; 113,1; 117,1; 135,1-3; 136,1-3; 147,1; Kol 1,12.

60 Tob 3.4.7.10.11; SS 47,1.7; 99,5; 147,1.7.12.20.

61 SS 97,1.12; 103,1-2.20-22; 104,1.35; 135,1-3.19-21; 136,1-3.26; 145,1.21; 146,1.10.

62 SS 98; 100; 148; 150; Is 42,10-12; Dan 3,51-90; Apk 5,12.

63 SS 67,4.6; 99,5.9; 107,1.8.15.21.31.

64 SS 47,2; 67,4-6; 96,7-9; 117,1; Is 42,10-12.

65 Ara wkoll SS 93,3; 96,11-12; 97,1; 98,7-9; 148,1-10; Dan 3; cf. Apk 5,13.

66 SS 8,2.10; 34,4; 40,17; 66,3.7; 68,35; 92,1;93,1; 96,4; 99,2-3; 135,5; 138,5.6; 145,3.5; 147,5; 150,2; Sir 39,15; Lq 1,46.

67 1 Kron 16,34.41; SS 33,5; 34,9; 40,11.12; 89,2; 92,3; 98,3; 100,5; 101,1; 106,1; 107, 1.8..15.21.31; 111,4; 116,5; 135,3; 136; 138,2.8; 145,8.9.13.17; Lq 1,50.54.72.78.

68 SS 33,4; 40,11.12; 48,1; 89,2; 92,3; 98,3; 100,5; 138,2.

69 SS 9,5.8; 33,5; 40,11; 69,5; 92,16; 98,2.9; 101,1; 116,5; 145,17; Apk 16,7; 19,2.

70 SS 47,3.7-9; 66,7; 93,1; 97,1; 98,6; 99,1; 145,1.11.12.13; Apk 5,13;

11,15.16; 12,10; 15,3; 19,6.

71 1 Sam 2,2; SS 30,5; 66,7; 99,3.9; 105,3; 111,9; 145,21; 146,10; Lq 1,49; Apk 4,8; 15,4; 16,5.

72 SS 9,2.12; 66,3.5; 96,3; 98,1; 105,1-2.5; 106,2; 111,2.3.4; 136,4; 145,4-6; Sir 39,14.16; Is 12,5; Dan 3,57; Lq 1,49.

73 SS 8,4-9; 33,6-7.9; 96,5.10; 136,5-9; 146,6; 148,5-6.

74 1 Sam 2,1-10; SS 9,13-19; ; 65,5-14; 66,7.9-12; 67,5; 93; 104; 135,6-7; 136,25; 147,3-20; Sir 39,16-35; 42,15-43,33.

75 SS 105,6-16.42; 135,4; Lq 1,54-55.72-73.

76 SS 105,16-25; 106,7; 135,8-9; 136,10.

77 Eż 15,1-12; SS 66,6; 105,26-43; 106,8-33; 114; 136,11-16.

78 Eż 15,13-18; Mħ 5,1-31; SS 105,43; 106,34-46; 111,6; 122; 135,10-12; 136,17-24.

79 SS 89; 132,10-18; Lq 1,69-71.

80 Tob 13,3-18; SS 87; 147,2.

81 L-innijiet ta' l-ittri ta' San Pawl u ta' l-Apokalissi.

82 Ara wkoll SS 9,20-21; 108,13-14.

83 Flok barka fi tmiem il-għanja ta' Ġuditta u l-poplu hemm saħta fuq l-għedewwa (Ġdt 16,17).

84 Hemm profezija wkoll f'Tob 13,17-18.

85 Kol 2,9-15. Ara wkoll Ef 1,20-21.

86 Kol 2,9. Ara wkoll Ef 1,23; 5,23.

87 Kol 1,24-25. Ara wkoll Ef 1,21-22.

88 Apk 5,9.

89 Apk 5,13; 7,10.15.17.

90 Apk 19,2

91 Apk 19,7-8.

92 Mħ 21,19-21; 2 Sam 6,5.16.

93 Am 5,23.

94 1 Kron 15,16-24.

95 Vv. 8-22 ġejjin minn S 105,1-15; vv. 23-33 minn S 96,1-13; vv. 34-36 minn S 106,1.47-48.

96 1 Kron 25,3; 2 Kron 5,12. Għall-bżonn Ġedutun hu Etan li jissemma f'1 Kron 15,16.

97 SS 50; 73; 74; 75; 76; 77; 78; 79; 80; 81; 82; 83.

98 S 88.

99 S 89.

100 SS 39; 62; 77.

101 Esd 2,41; Neħ 7,44; 11,17; cf. 1 Kron 15,2.6; 2 Kron 29,13; 35,15.

102 1 Kron 25,4-6; 2 Kron 5,12; 29,14; ara wkoll 1 Kron 15,17.19.

103 1 Kron 9,16; 16,38; 25,3; Neħ 11,17.

104 Num 26,11.

105 SS 42; 44; 45; 46; 47; 48; 49; 84; 85; 87; 88.

106 Is-surmast tal-kor jissemma fit-titlu ta' ħafna Salmi (SS 4, 5, 6, 8, 9, 11, 12, 13, 14, 18, 19, 20, 21, 22, 31, 36, 39, 40, 41, 42, 44, 45, 46, 47, 49, 51, 52, 53, 54, 55, 56, 57, 58, 59, 60, 61, 62, 64, 65, 66, 67, 68, 69, 70, 75, 76, 77, 80, 81, 84, 85, 88, 109, 139, 140), imma mhux ċar x'relazzjoni kellu s-surmast tal-kor ma' dawn is-Salmi.

107 Dawn kienu jsiru fit-tempju.

108 Lev 23,5-44; Num 28,16-29,39; Dt 16,1-16; Lq 2,41-42; Ġw 2,13..23; 4,45; 5,1; 7,1-15; 10,22-23; 11,55-57; 12,12.

109 SS 4,1; 6,1; 54,1; 55,1; 61,1; 67,1; 76,1; 150,4.

110 Eż 15,20; Ġud 16,1; SS 81,3; 149,3; 150,4; Is 5,12.

111 1 Kron 15,16.21.28; 16,5; 25,1.3.6; 2 Kron 5,12; Neħ 12,27; SS 81,3; 98,5; 108,3; 147,7; 149,3; 150,3.

112 1 Kron 15,16.20.28; 16,5; 25,1.6; 2 Kron 5,12; Neħ 12,27; SS 81,3; 108,3; 144,9; 150,3.

113 1 Kron 15,16.19.28; 16,5; 25,1.6; 2 Kron 5,12; Neħ 12,27; S 150,5; cf. Ġud 16,1.

114 SS 5,1; 150,4.

115 1 Kron 15,24.28; 16,6; S 98,6.

116 1 Kron 15,28; SS 150,3.

117 Din l-espressjoni għandu mnejn talludi għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-ewkaristija.

118 Atti 2,46-47.

119 1 Kor 14,26; Ef 5,19-20; Kol 3,16-17.

120 Apk 5,8; 14,2; 15,2. Jissemmew ukoll dawk li jdoqqu ċ-ċetra f'Apk 14,2; 18,22 bin-nom *kitharodos* u l-verb *kitharizo*.

121 Mt 24,31; 1 Kor 14,8; 15,2; 1 Tess 4,16; Apk 8,2.6.13; 9,14. Jissemma wkoll id-daqq tat-tromba bil-verb *salpizo* Mt 6,2; f'1 Kor 15,52; Apk 8,6.13; 10,7; 18,22.

122 1 Kor 14,7. Jissemmew ukoll id-daqqaqa tal-flawt bin-nom *auletes* f'Mt 9,23; Apk 18,22 .

123 1 Kor 13,1.

124 Atti 2,46; 20,7-12.

125 1 Kor 11,20-34.

126 Rum 16,25-26; 1 Kor 2,7-10; Ef 3,5-9; Kol 1,26.

127 Matul il-ħajja pubblika ta' Kristu d-dixxipli u l-appostli ma fehmux x'kienet it-tifsira tal-ġrajja tas-salib u l-qabar vojt (ara Mk 8,31-33; 9,9-10.30-32; 10,32-34 u t-testi paralleli f'Mt u Lq; Gw 2,21-22). Fehmu xi tfisser wara l-ġrajja (Gw 2,21-22; 20,9) għax fissirhielhom Kristu stess (Lq 24,25-27.44-47) jew għax fissirhielhom l-Ispirtu s-Santu (Ġw 14,26; 16:13; 1 Kor 2,10; Ef 3,5).

128 Għall-istorja ta' l-interpretazzjoni nisranija tat-TQ ara P.P. ZERAFA, "Il-Messjaniżmu", Knisja 2000, X (1997), n. 40, pp. 25-31.

129 Lq 4,16-21; 24,25-27.44-47; Ġw 5,39.46.

130 Atti 2,14-39; 3,12-26; 4,8-12; 5,29-32; 10,34-43; 13,16-41; 1 Kor 15,3-4.

131 Mt 1,18-25; 2,1-15.23; 4,12-17; 8,17; 12,17; 13,35; 21,4; 26,56; Ġw 12,38; 13,18; 15,25; 17,12; 19,28-37; eċċ.

132 *Quaestiones in Heptateuchum*, 2,73; PL 34,623.

133 Għal eżempji ta' din it-tifsira tat-TQ fid-dawl tal-misteru ta' Kristu ara P.P. ZERAFA, art. cit., pp. 26-27.

134 *Le peuple juif et ses Saintes Écritures dans la Bible chrétienne* (24 mai 2001), Libreria Editrice Vaticana, Città del Vaticano 2001.

135 It-test franċiż juża l-verb *relire* u n-nom *relecture* (nn. 19, 21).

136 L-espressjoni bil-franċiż hi *perception rétrospective* (n. 21).

137 "On aurait tort, en effet, de considérer les prophéties de l'Ancien Testament comme des sortes de photographies anticipées d'événements futurs. Tous les textes, y compris ceux qui, par la suite, ont été lus comme des prophéties messianiques, ont eu une valeur et une signification immédiates pour les contemporains, avant d'avoir une signification plus pleine pour les auditeurs futurs. Le messianisme de Jésus a un sens nouveau et inédit."

"Le premier but du prophète est de mettre ses contemporains en mesure de comprendre les événements de leur temps avec le regard de Dieu."

138 Vatikan II, Kostituzzjoni dommatika fuq ir-Rivelazzjoni divina, *Dei Verbum*, n. 22.

139 *Nova Vulgata Bibliorum Sacrorum Editio*, Libreria Editrice Vaticana 1979.

140 "De là l'effort amorcé dans la théologie contemporaine, par des voies diverses qui n'aboutissent pas encore à un consensus, pour refonder une interprétation chrétienne de l'Ancien Testament qui soit exempte d'arbitraire et respectueuse du sens originaire." (Ibid., n. 20).

141 "Le présupposé théologique de base est que le dessein salvifique de Dieu, qui culmine dans le Christ (cf Ep 1,3-14), est unitaire, mais s'est réalisé progressivement à travers le temps. L'aspect unitaire et l'aspect graduel sont importants l'un comme l'autre".

142 Rum 11,16-18; ara wkoll Rum 9,8; Gal 4,21-31.



# MIĠBURIN F'ISEM IL-MULEJ

## IR-RITI TAL-BIDU

*Meta, bħala familja, ninġabru flimkien madwar l-istess mejda, aħna nibnu mill-ġdid u nsaħħu bejnietna l-għaqda u l-imħabba: huwa l-waqt li mhux biss nieklu flimkien imma niftakru, nitkellmu, nagħmlu festa, niddjalogaw flimkien. Il-familja l-kbira ta' ulied Alla tinġabar hi ukoll fid-dar tal-Mulej, madwar l-istess mejda biex tagħmel festa flimkien, biex tiddjaloga flimkien, biex taqsam l-istess ħajja. Din l-espressjoni ta' għaqda hija l-Ewkaristija.*

**Introduzzjoni**

Ir-riti tal-bidu jgħinuna nidħlu f'din l-esperjenza. Aħna lkoll, li nieħdu sehem fihom, ma għażilniex lil xulxin. Kien Alla li għażilna, li għaqqadna flimkien; aħna l-familja tiegħu. Hawnhekk aħna msejħin mhux biss biex inkunu "qrib" ta' xulxin imma biex inkunu "proxxmu" wieħed ta' l-ieħor. Għalhekk is-saċerdot jibda bis-sinjal tas-salib u b'tislima ta' ferħ u paċi.

### 1. Ir-Riti tal-Bidu jiffurmaw il-komunita'

L-Assemblea hija l-ewwel sinjal kbir taċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika; aħna li ġejna mistiedna biex noħorġu mid-djar tagħna; biex ngħaddu mid-djar tagħna għad-dar tal-komunita'; biex inħossuna għeżież wieħed lejn l-ieħor, għax aħna għeżież għall-Missier tagħna. Fina, magħqudin f'isem il-Mulej turi ruħha l-ewwel preżenza kbira tal-Mulej Ġesù li jgħidilna: "Fejn tnejn jew tlieta jinġabru f'ismi, hemm jiena f'nofshom" (Mt 18,20).

Aħna niffurmaw il-Knisja, il-familja ta' Alla, flimkien ma' dawk il-persuni tad-demm u l-laħam bħalna, li jgħixu fid-dar qrib tagħna, jew fl-appartament ta' fuqna; ma' dawk in-nies li niltaqgħu magħhom fit-triq; fuq l-istage tal-karozzi jew għand tal-ħobż; ma' dawk li magħhom naqsmu b'mod assidwu l-ħajja tal-Knisja, imma wkoll ma' dawk li rari jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni; ma' dawk li qegħdin fil-ferħ u l-entużjażmu, kif ukoll ma' dawk li huma weħidhom u tilfu kull tama.

Dawn kollha - li għandhom l-istess dar komuni u huma mistiedna għall-istess mejda - huma l-proxxmu tiegħi, l-aħwa tiegħi fl-Ewkaristija.

Imma hemm sinjal ieħor li jindika kif din il-miġemgħa hija miġbura mill-Mulej. Is-sinjal li jindika lill-komunita' miġbura hi l-poplu ta' Alla hu s-saċerdot li jippresedi ċ-ċelebrazzjoni. Bħalma fl-Aħħar Ċena, Ġesù huwa r-ras ta' dik il-mejda, li jaqsam il-ħobż u jgħallem lid-dixxipli tiegħu, hekk is-saċerdot ifisser il-preżenza ta' Ġesù, li għadu jaqsam għalina l-ħobż tal-Kelma tiegħu u jagħtina b'rigal Ġismu u Demmu.

Biex dan ukoll ikun jidher bħala sinjal, is-saċerdot għandu l-post partikulari tiegħu fuq il-presbiterju - is-sedja. Huwa l-post fejn is-saċerdot joqgħod bilqiegħda, post li minnu jmexxi l-miġemgħa fit-talb; minn hemm jista' jagħmel l-omelija, jagħti l-barka ... Dan il-post, ukoll wara ċ-ċelebrazzjoni, jibqa'sinjal li jfakkarna, li Kristu llum għadu jitma l-Knisja tiegħu bl-għajnuna tar-rgħajja li hu sejjaħ għall-Ordni Sagri.

### 2. Ir-Riti tal-Bidu jħejju l-komunita' għaċ-ċelebrazzjoni

Jekk l-ewwel sinjal Ewkaristiku hija l-miġemgħa, il-kontenut tiegħu huwa l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu. Mhux biżżejjed li l-persuni preżenti joqogħdu minkeb ma' minkeb biex jiffurmaw komunita', jeħtieġ li bejniethom ikun hemm għaqda awtentika tal-qlub li tirbaħ il-firdiet kawżati minn interessi personali, mibgħeda, għira ... L-għaqda ta' bejnietna bħala aħwa titnissel mil-laqgħa li jagħtina Alla tagħna; ħadd ma jitħalla barra mill-bieb tal-Knisja, kulħadd isib postu fid-dar tal-Mulej. Għax inħossuna milqugħin mill-Mulej u għeżież għalih u maħbubin minnu, insiru kapaċi u ferħanin li nilqgħu lil dawk kollha li, bħalna, huma maħbubin minnu.

Mhux biżżejjed li l-miġemgħa tkun fil-knisja, jeħtieġ li tkun lesta biex tiċċelebra l-Quddiesa; kulħadd, għalhekk, irid iħejji qalbu biex tinfetaħ għall-grazzja, filwaqt li jagħraf il-bżonn li jikkonverti, għax ġewwa fina għadu jaħdem id-dnub, li kuljum jinbuttana għall-ħażin. Meta nagħrfu dan kollu, nibdew inħossu l-bżonn tal-konverżjoni tal-qalb u tar-rikonċiljazzjoni bejnietna. Fl-Att Penitenzjali, biex niċċelebraw kif jixraq il-Misterji Qaddisa, nagħrfu l-ħtijiet tagħna. Nagħrfu li aħna midinbin u nitolbu maħfra; nagħrfu li l-għaqda hija mxaqqa' mill-firdiet u nirrikonċiljaw ruħna.

Imma, aħna u nagħrfu d-dgħufijiet tagħna, l-Att Penitenzjali jwassalna għal fiduċja bla tarf fil-ħniena ta' Alla. Huwa Att ta' tama: Alla tagħna, ukoll jekk aħna midinbin, iqegħdna bilqiegħda għall-mejda tiegħu. Fis-skiet li jibda wara l-istedina tas-saċerdot, aħna nwarrbu minn moħħna kull distrazzjoni u ninfetħu għal sentimenti ta' ħniena. Kulħadd iħossu milqugħ minn Alla, iħoss li għandu jaħfer lil ħutu, kif jistenna li huma jaħfru lilu.

Fil-Ħdud u l-festi jsir il-kant tal-Glorja. Huwa innu ta' ferħ li jfakkarna fil-kant ta' l-anġli fil-lejl tat-twelid ta' Kristu. Huwa innu li jfaħħar u jkanta l-fidi tagħna fit-Trinita' Mqaddsa.

Ir-riti tal-bidu jiġu fit-tmiem tagħhom b'talba: il-Kolletta. Is-saċerdot jistedinna biex nitolbu u wara waqt ta' skiet, jiġbor it-talbiet tal-miġemgħa f'talba waħda. Din it-talba tfakkarna fil-misterju tal-festa li nkunu qegħdin niċċelebraw jew iż-żmien liturġiku jew il-qaddis, li tiegħu nkunu qegħdin nagħmlu t-tifkira.

Issa l-miġemgħa hija lesta biex tidħol fil-qalba tal-misterju. Issa hija komunita' ta' msejħa fil-Mulej, lesti biex jgħixu miegħu patt ta' mħabba u djalogu ta' alleanza.

IL-QUDDIESA: IT-TIENI PARTI



# ID-DJALOGU TA' ALLA

# IL-LITURĠIJA TAL-KELMA

## Introduzzjoni

Bil-kliem tagħna aħna nikkomunikaw dak li jkollna f'qalbna! Ilkoll nafu kemm hu sabiħ id-djalogu: nirrakkuntaw lil xulxin u nisimgħu lill-qalb; ilkoll nixtiequh dan bil-ħeġġa kollha imma lkoll kemm aħna nafu mill-esperjenza kemm jitlob impenn id-djalogu!

Il-liturġija tal-Kelma fil-Quddiesa għandha l-istess tifsira bħad-djalogu ta' bejniena l-bnedmin: hija djalogu impenjattiv bejn Alla u l-bniedem.

## 1. Il-Kelma ta' Alla: Kelma ta' tama għalina, illum.

Qabel ma naqsmu u nieħdu sehem mill-Ħobż tal-ħajja (mill-mejda tal-ħobż) aħna naqsmu u nieħdu sehem mill-Kelma tal-ħajja (mill-mejda tal-kelma). Il-fidi tagħna tgħix biha.

Huwa importanti ninnutaw li hu mument ta' "qsim bejnietna" tal-Kelma, jiġifieri aħna komunita' magħquda, aħna familja li tinġabar madwar il-Missier biex nisimgħu flimkien il-kelma tiegħu. Għalhekk ma għandniex ngħixu dan il-waqt tal-Liturġija tal-Kelma bl-atteġġjament ta' min jinqata' biex jisma' waħdu; hija l-Kelma mogħtija b'rigal lilna lkoll miġburin flimkien f'miġemgħa waħda biex kulħadd jisma' u jieħu sehem f'din il-kelma.

Meta matul il-quddiesa, nisimgħu l-qari, inkunu nistgħu nagħrfu dak li Alla jrid jgħidilna mill-fond ta' qalbu, mill-intensita' ta' l-imħabba tiegħu għalina. Fl-ewwel sekli tal-Knisja, il-Missirijiet tal-Knisja kienu jgħidu li meta aħna nisimgħu il-Kelma, nisimgħu t-taħbit tal-qalb ta' Alla fl-imħabba tagħha lejna l-bnedmin. Huma jistiednu lid-dixxipli tagħhom biex jagħrfu l-qalb ta' Alla fil-Kelma ta' Alla. Għalhekk, meta aħna fil-Liturġija tal-Kelma nisimgħu l-Qari, f'dak il-mument tkun qed titwasslilna aħbar ta' salvazzjoni, ta' ħajja ġdida għax Alla jimpenja ruħu bil-qawwa tiegħu u bl-imħabba tiegħu għall-ġid tagħna. Għalhekk għandna nisimgħu l-qari b'attenzjoni, kalma, riflessjoni u impenn.

Kif għandna nersqu lejn il-Kelma ta' Alla?

- Jeħtieġ nagħrfu li meta aħna ninġabru flimkien biex niċċelebraw l-Ewkaristija, il-Mulej li qam minn bejn l-imwiet ikun f'nofsna.
- Jeħtieg nagħrfu li meta nkunu qegħdin nisimgħu l-Qari mill-Bibbja, il-Mulej ikun qiegħed

ikellimna u għalhekk il-preżenza tiegħu hija preżenza attiva, "reali".

- Huwa jkollu dejjem xi ħaġa ta' l-għaġeb x'jgħidilna b'rabta mal-ħajja li qegħdin ngħixu llum.
- Din il-Kelma, bil-qawwa ta' l-Ispirtu hija bħaż-żerriegħa tal-mustarda, li tikber u tiżviluppa sakemm issir siġra kbira.

Il-post tal-Liturġija tal-Kelma huwa l-Ambone. Minn hawn jiġi proklamat il-qari; jitkanta s-salm; is-saċerdot jista' jagħmel l-omelija u jitħabbru l-intenzjonijiet tat-Talba tal-Komunita'. L-ambone flimkien mas-sedja u l-altar huwa wieħed mit-tliet postijiet importanti waqt ic-celebrazzjoni.

## 2. It-Tliet Siltiet ta' Qari

Forsi jkun hawn min jistaqsi: Għalfejn tliet siltiet ta' qari (għallinqas nhar ta' Ħadd) meħudin minn taqsimiet differenti tal-Bibbja? Biex nifhmu sewwa kif inhuma marbutin flimkien nibdew mill-Vanġelu. Il-miġemgħa tagħmel ġest, li jfisser ħafna: kulħadd iqum bilwieqfa. Fi kliem ieħor, b'dan il-ġest aħna ngħidu li nħossuna mwielda mill-ġdid, li qomna bis-setgħa tal-preżenza ta' l-Irxoxt li qiegħed f'nofsna, ħutu. Għalhekk il-Vanġelu jiġi proklamat dejjem minn ministru li jkun ħa l-Ordinazzjoni (djaknu, presbiteru, isqof) biex jagħti xiehda li b'fommu, Kristu ħaj ikellem lill-Knisja tiegħu u jistedinha biex tilqa' l-ħajja ġdida.

Il-liturġija toffrilna fil-medda ta' tliet snin (imsejħa sena A-B-Ċ) qari kontinwu jew semi-kontinwu tat-tliet vanġeli sinottici (Mattew, Mark u Luqa). Il-Vanġelu ta' San Ġwann sab postu fiż-żmien tar-Randan/Għid għax huwa adattat għall-katekeżi tal-Magħmudija tar-Randan u għall-misteru ta' l-Għid. B'rabta mal-Vanġelu mbagħad intagħżel l-ewwel qari, li jkollu x'jaqsam mas-suġġett tal-Vanġelu u s-Salm Responsorjali, li jieħu xi ħsieb bażiku u jbiddlu f'talba ta' tweġiba.

Fl-ewwel qari li, kif għidna huwa dejjm meħud mit-Testment il-Qadim (minbarra fiż-żmien tal-Għid) Alla jhejjina biex nilqgħu r-rigal tal-grazzja li hemm lest għalina, ikellimna dwaru u jqanqal fi qlubna x-xewqa u l-ħeġġa għalih. Hekk, aħna wkoll insibu s-sehem tagħna fl-istorja tas-salvazzjoni, waqt li nistennew is-salvazzjoni.

It-tieni qari meħud mill-kitba ta' l-Appostli jurina kif għexet il-Knisja bikrija u kif hu suġġerit li ngħixu aħna llum bis-setgħa ta' l-Ispirtu.

Quddiem Alla li jkellimna ma nistgħux nagħmlu ħaġa oħra ħlief nisimgħu fis-silenzju: fis-silenzju nilqgħu lil Alla li jkellimna u jistedinna biex ikollna relazzjoni miegħu. Mhuwiex smigħ passiv, imma smigħ li jsir djalogu; it-tweġibiet għall-qari (Inroddu ħajr lil Alla/Tifħir lilek Kristu), is-Salm Responsorjali, l-Hallelujah huma t-tweġibiet, id-djalogu tal-miġemgħa ma' Alla tagħha. It-tweġibiet għall-qari huma akklamazzjonijiet; is-Salmi huma talba mnebbha minn Alla nnifsu, u l-miġemgħa tagħmilha tagħha. L-Hallelujah hija l-kant tal-poplu, li bħal fid-daħla ta' Ġesù f'Ġerusalemm, jilqa' lil dak li jipproklama l-Kelma ta' Kristu.

L-Omelija hija wkoll parti integranti tal-Liturġija tal-Kelma: bħalma Ġesù kien ifisser il-parabboli lid-dixxipli tiegħu u kien jgħinhom biex jifhmu fil-fond il-predikazzjoni tiegħu, hekk is-saċerdot, li jaqsam il-ħobż tal-kelma, jgħin lill-fidili biex jifhmu t-tifsira tagħha ukoll fid-dawl ta' l-istess ċelebrazzjoni li tkun qed issir. Is-saċerdot jagħmel attwali l-messaġġ biex il-Kelma twassal il-frott tagħha fil-ħajja tagħna.

Wara l-omelija, il-Knisja tistedinna għal mument ta' silenzju. Is-silenzju wara l-qari (bħal f'waqtiet oħra rikmandati mil-Liturġija) mhuwiex ħin vojt, ħin ta'  distrazzjoni jew interruzzjoni taċ-ċelebrazzjoni, imma huwa ħin ta' smigħ intern u riflessjoni.

Il-Kredu jista' jitqies bħala tweġiba għal-leħen ta' Alla; huwa l-"iva" li tfisser ir-rabta sħiħa tagħna ma' dak li hu l-Missier, l-Iben, u l-Ispirtu s-Santu. Il-Kredu jġedded u jwettaq kull darba l-fidi u l-impenji tagħna tal-wegħdiet tal-magħmudija.  It-Talba Universali (jew Talba tal-Fidili) hija talba li jeħtieġ toħroġ mill-Kelma li nkunu smajna. F'din it-talba, il-miġemgħa, hi u tħaddem il-funzjoni saċerdotali tagħha, titlob għall-bnedmin kollha. L-orizzont tagħha huwa l-Knisja universali u d-dinja kollha. Tmur 'il hemm mill-egoiżmu li jidħol xi drabi fit-talb tagħna u tifttħilna l-wisa' tas-Saltna ta' Alla.

F'dinja mħawda minn kliem żejjed, dejjem miftuħa għall-periklu tal-manipulazzjoni u l-gideb, il-Kelma ta' Alla hija d-dawl li jdawwal it-triq it-tajba li fuqha għandna nimxu u l-ankra li tagħti sigurezza u verita': għalhekk hi ħaġa f'waqtha li matul il-ġimgħa nerġgħu nirriflettu dwar il-kelma li nkunu smajna u ċċelebrajna fil-Liturġija tal-Ħdud u l-festi.

IL-QUDDIESA: IT-TIELET

# MA KRISTU, NOFFRU ĦAJJITNA

## IT-TĦEJJIJA TA' L-OFFERTI

*It-tħejjija ta' l-offerti huwa wieħed minn dawk il-waqtiet li fihom aħna lkoll mistednin biex nieħdu sehem attiv fil-liturġija: noffru l-ħobż u l-inbid flimkien ma' rigali oħra u ġabra ta' flus għall-ħtiġijiet tal-Knisja u tal-fqar.*

**Introduzzjoni**

Dan kollu jmur lura għal ġest antik u b'tifkira sabiħa: fl-ewwel sekli kulħadd b'forma ta' purċissjoni, kien iressaq lejn l-altar il-frott tal-karita' tiegħu b'riżq l-aħwa l-aktar fqar. Minn dawn l-offerti is-saċerdot kien jieħu ftit ħobż u nbid, li mbagħad jinbidlu fil-Ġisem u fid-Demm ta' Kristu fil-ħin tal-konsagrazzjoni.

**1. Kollox huwa rigal tiegħu**

Meta jingħata l-ħobż u l-inbid, is-saċerdot jgħid talba antika ħafna ta' oriġni Lhudija, li kien qalha kważi kollha Ġesù nnifsu: "Imbierek Int Mulej Alla tal-ħolqien kollu, minn tjubitek tajtna dan il-ħobż u dan l-inbid, frott ta' l-art u xogħol il-bniedem. Aħna noffruhomlok biex isiru għalina l-ħobż u x-xorb tal-ħajja ta' dejjem."

Hija talba sempliċi ħafna, imma sabiħa ħafna: fiha nagħrfu li dak kollu li għandna huwa rigal ta' Alla mit-tjubija tiegħu għalina. Imma huwa wkoll rigal ta' l-art li fiha ngħixu, ta' l-ilma u x-xemx, ta' l-istaġuni sbieħ. Imma t-talba mbagħad tkompli u tagħraf li, biex inkunu nistgħu nqegħdu l-ħobż u l-inbid fuq il-mejda, għandna bżonn ix-xogħol u l-għejja ta' ħafna rġiel u nisa: ibda minn dak li jiżra' ż-żerriegħa sal-missier u l-omm li jaqilgħu l-ħobżna ta' kuljum u jqegħduha fuq il-mejda. Dan il-ħobż u dan l-inbid, li huma s-sinjali tal-ħajja li ġiet mogħtija

IL-QUDDIESA: IR-RABA'

# INRODDU ĦAJR LIL ALLA

## IT-TALBA EWKARISTIKA

*It-Talba Ewkaristika (dik li spiss konna nsejħulha wkoll "Kanone") matul l-ewwel sekli tal-Knisja kienu jsejħulha wkoll "Talba tal-Mulej".*

**Introduzzjoni**

Fil-Vanġeli u fil-kitba ta' San Pawl, It-"Talba tal-Mulej" kienet dik li għamel Ġesù lill-Missier fl-Aħħar Ċena: "Ġesù, ħa l-ħobż, radd il-ħajr". It-Talba Ewkaristika għandha rabta mill-qrib ma' din it-talba tal-Mulej, jiġifieri it-Talba Ewkaristika hija t-talba ta' Ġesù li llum għadu jieħu l-ħobż, irodd il-ħajr, jaqsmu u jagħtih lilna; bl-istess mod jieħu l-kalċi ta' l-inbid, irodd ħajr lill-Missier u joffrih lilna. Hu Ġesù nnifsu li jaġixxi fil-persuna tas-saċerdot.

X'inhi t-Talba Ewkaristika? Hija l-qalba tal-Quddiesa kollha; hija r-radd ta' ħajr li l-Knisja tagħmel lill-Missier permezz ta' Ġesù; hija t-talba solenni li l-Knisja twassal

lilna u li aħna ngħixu b'impenn, aħna noffruhom lil Alla u hu jerġa' jagħtihomna lura mill-ġdid, imma mimlija b'realta' għal kollox ġdida, mogħtija lilna b'xejn: se jsiru l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu.

It-talba fuq l-offerti tfisser il-qawwa ta' kull rigal ta' mħabba bejnna u bejn Alla: kull ħaġa hija rigal tiegħu, li tagħmel il-frott bl-impenn tagħna u terġa' tkun offerta Lilu; Hu mbagħad jerġa' jagħtihielna bl-imħabba imma b'forza ġdida mġedda.

Huwa interessanti ninnutaw li fil-Liturġija Ewkaristika huma tnejn il-purċissjonijiet ta' l-assemblea: il-purċissjoni ta' l-Offertorju u l-purċissjoni tat-Tqarbin. Fl-ewwel waħda nġorru l-ħobż ta' bnedmin li aħna; fit-tieni waħda mmorru biex nirċievu l-ħobż ta' Alla.

Bil-preżentazzjoni ta' l-offerti u t-talba: "Imbierek int ..." aħna mistednin biex ngħixu ħajjitna bħala sehem fir-"radd ta' ħajr". Fi kliem ieħor, il-liturġija tistedinna biex ma nħarsux lejn il-jiem tagħna fuq din l-art bħala jiem li għandna ngħaddu fid-dwejjaq imma li ngħixuhom bis-sens, billi waqt li nduqu t-tjubija tiegħu, nagħmlu ħidmiet ta' tjubija u ngħixu "b'radd il-ħajr" lill-Mulej.

2. Il-ġabra: ġest ta' mħabba bejn l-aħwa.

Dan huwa l-mument tajjeb għal ġabra ta' flus. Xi wħud ma tantx togħġobhom din il-ġabra waqt il-quddiesa, din il-preokkupazzjoni bil-flus kull nhar ta' Ħadd.

Imma huwa rit antik ħafna , li jissemma fit-Testment il-Ġdid u fil-kitba ta' Missirijiet il-Knisja ta' l-ewwel sekli. Huwa ġest ta' mħabba bejn l-aħwa, huwa l-mument li fih nagħtu attenzjoni lill-aħwa "l-aktar żgħar" ta' Ġesù: il-fqar, il-morda, il-minsijin ... Tiċċelebra l-Ewkaristija jfisser tgħix fl-istorja u bil-kontribut tiegħek tagħmilha "storja ta' salvazzjoni".

It-tħejjija ta' l-offerti hija l-waqt li fih mhux biss jinġiebu lejn l-altar il-ħobż u l-inbid, imma wkoll il-mument li fih aħna nqegħdu ħajjitna fuq l-altar fis-sinjal tal-ħobż u l-inbid. Hemm ħajjitna titħejja biex tkun offruta mal-ħajja ta' Ġesù lill-Missier u hekk aħna nsiru ħaġa waħda ma' Kristu.

Għalhekk, nistgħu nifhmu kemm hu importanti li l-assemblea tkun tista' titqarben bil-ħobż u l-inbid li jkunu nġibu fuq l-altar fit-tħejjija ta' l-offerti. Jekk ma jsirx hekk, dan il-mument jitlef it-tifsira tiegħu kollha u jirrendi ruħu għal rit li ma jikkorrispondix għar-realta', għax id-doni offruti fit-tqarbin ma jkunux dawk li fihom aħna stajna nidentifikaw il-ħajja tagħna, offruta mibdula fi Kristu.

għand Alla bil-vuċi tas-saċerdot; hija t-talba li tat l-istess isem lill-quddiesa fl-epoka appostolika. Infatti l-kelma Ewkaristija tfisser trodd ħajr, tirringrazzja. Ir-Riforma liturġika toffrilna mhux anqas minn erbatax-il Talba Ewkaristika, fosthom tlieta li huma maħsuba biex jintużaw fiċ-ċelebrazzjonijiet mat-tfal.

X'fiha t-Talba Ewkaristika? Kif inhi mibnija? Billi hija talba rikka u komplessa, jaqbel li neħduha biċċa biċċa. Qegħdin nagħżlu t-tieni Talba Ewkaristika mhux biss għax hija l-iqsar waħda imma għax hija l-aktar waħda antika u fil-qosor tagħha hija sabiħa ħafna.

**1. Radd il-ħajr**

*Il-Mulej magħkom.*
*U miegħek ukoll.*

*Nerfgħu qlubna 'l fuq.*
*Nerfgħuhom lejn il-Mulej.*

*Niżżu ħajr lill-Mulej, Alla tagħna.*
*Hekk sewwa u xieraq.*

Imbagħad jissemmew ir-raġunijiet li għalihom hija ħaġa sewwa u xierqa li nroddu ħajr lil Alla. L-ewwel mottiv: Ġesù, l-Iben ta' Alla li l-Missier tas-sema joffrilna bħala rigal: *Sewwa u xieraq tassew, Missier qaddis tajjeb u ta' ġid għas-salvazzjoni tagħna, li dejjem u kullimkien irroddulek ħajr b'Ibnek il-għażiż, Ġesù Kristu.*

It-tieni mottiv li għandu jgħinna biex inroddu ħajr huwa r-rigal tal-ħolqien:
*Hu l-Verb tiegħek li bih għamilt kollox.*

Imbagħad insibu stedina biex inroddu ħajr għar-rigal tal-Fidwa:
*U li int bgħattulna bħala Salvatur u Feddej.*

Biex din il-fidwa sseħħ kien hemm bżonn li t-tieni persuna tat-Trinita' ssir bniedem:
*magħmul bniedem mill-Ispirtu*

*s-Santu u mwieled minn Marija Verġni.*

Ġesù fdiena billi miet u rxoxta għalina:
*Huwa temm ir-rieda tiegħek,*
*u kiseb għalik poplu qaddis:*
*u fil-passjoni tiegħu fetaħ idejh fuq is-salib, biex iħollna mill-irbit tal-mewt*
*u jurina l-qawmien għall-ħajja.*

L-aħħar taqsima tat-talba ta' radd il-ħajr iddaħħalna fil-kant tal-Qaddis, li bih ningħaqdu ma' l-anġli, mal-qaddisin, mal-Knisja tas-sema biex bil-kant tagħna nesprimu l-ferħ ta' dak li Alla għamel għalina:
*Għalhekk flimkien ma' l-Anġli u l-Qaddisin kollha, inxandru l-glorja tiegħek u b'leħen wieħed intennu*

## 2. Akklamazzjoni (Qaddis)

L-Assemblea kollha, flimkien ma' l-anġli u l-Qaddisin tkanta lil Alla. Il-*Qaddis* huwa innu kompost minn żewġ siltiet mill-Bibbja. L-ewwel waħda hija dwar il-magħruf kor li l-profeta Isaija sama' fl-ewwel viżjoni li kellu (Is 6, 3):
*Qaddis, qaddis, qaddis hu l-Mulej tal-eżerċti. L-art kollha mimlija bil-glorja tiegħu.*

It-tieni parti hija l-kant tal-folla meta ħadet sehem fid-dħul trijonfali ta' Ġesù f'Ġerusalemm: (Mt 21,9)
*Imbierek minn ġej f'isem il-Mulej.*
*Hosanna fl-għoli tas-smewwiet!'*

Il-glorja ta' Alla ma tidhirx iktar fit-tempju imma fil-Verb li ħa l-ġisem u għammar fostna.

## 3. L-ewwel Epiklesi

Is-saċerdot jitlob lill-Missier jibgħat lill-Ispirtu s-Santu fuq l-offerti, biex dawn jinbidlu fil-Ġisem u fid-Demm ta' Ġesù. Hu u jgħid din it-talba, is-saċerdot jifrex idejh fuq l-offerti.
*Qaddis tassew, int, Mulej:*
*Inti l-għajn ta' kull qdusija, qaddes għalhekk nitolbuk, dawn l-offerti bil-barka ta' l-Ispirtu tiegħek, biex isiru għalina il-Ġisem u d-Demm ta' Sidna Ġesù Kristu.*

## 4. Rakkont ta' l-Istituzzjoni (il-Konsagrazzjoni)

Kull ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija hija fidila għall-kmand tal-Mulej u tirrepeti dak li Ġesù qal u għamel fl-Aħħar Ċena. Ir-rakkont ta' dawn il-ġrajjiet huwa fih innifsu l-bażi ta' dak li l-Knisja qegħda tiċċelebra. Il-kliem tat-talba flimkien mal-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, jġibu dak li jgħidu: il-ħobż u l-inbid isiru l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu offruti b'sagrifiċċju għalina fuq is-salib. Hija r-raba' preżenza ta' Kristu fiċ-ċelebrazzjoni liturġika; il-preżenza tiegħu speċjali u reali fl-aqwa sens, mhux għax il-preżenzi l-oħra huma anqas reali, imma għax din il-preżenza fir-rigal ta' l-Ewkaristija tibqa' magħna wkoll meta tispiċċa ċ-Ċelebrazzjoni. Infakkru li l-Mulej hu preżenti fl-Assemblea li tinġabar f'ismu, fis-Saċerdot li jippresedi ċ-Ċelebrazzjoni u fil-Kelma tiegħu li aħna nisimgħu u naqsmu bejnietna.

Dwar dak li għamel u qal Ġesù bil-ħobż jingħad li:
*Meta kien se jingħata biex minn rajh ibati,ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasam, ta lid-dixxipli tiegħu, u qal:*
*ĦUDU U KULU LKOLL MINN DAN: GĦAX DAN HUWA ĠISMI LI JINGĦATA GĦALIKOM*

Il-ħobż ikkonsagrat, il-Ġisem ta' Kristu, jiġi offrut għall-adorazzjoni tal-fidili. Imbagħad jiġi rrakkuntat dak li qal u għamel Ġesù bil-kalċi ta' l-inbid:
*Hekk ukoll, wara l-ikla, ħa l-Kalċi, reġa' radd il-ħajr, ta lid-dixxipli tiegħu, u qal:*
*ĦUDU U IXORBU MINNU LKOLL: GHAX DAN HUWA L-KALĊI TA' DEMMI TAL-PATT IL-ĠDID LI JIBQA' GĦAL DEJJEM: ID-DEMM LI JIXXERRED GĦALIKOM U GĦALL-BNEDMIN KOLLHA GĦALL-MAĦFRA TAD-DNUBIET.*

Il-kalċi tad-demm ta' Ġesù jiġi wkoll offrut għall-qima ta' dawk li jemmnu. F'dan il-mument, niftakru wkoll fil-kmand ta' Ġesù li nfakkru dan il-misteru li hu waqqaf:
*'Agħmlu dan b'tifkira tiegħi.'*

Issa fuq stedina tas-saċerdot, il-ġemgħa hija mistiedna tħabbar il-fidi tagħha fis-sagrament li waqqaf Kristu għalina :
*Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej, inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek, nistennewk sa ma tiġi fil-glorja.*
Ħaġa sabiħa li bħala proklamazzjoni mhux dejjem tintuża l-istess waħda, imma ssir l-għażla minn fost it-tlieta li tipproponilna l-liturġija.

## 5. Anamnesis jew tifkira

Iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika mhix ħaġ'oħra għajr l-ubbidjenza għall-kmand ta' Ġesù : 'Agħmlu dan b'tifkira tiegħi.' Il-Knisja, filwaqt li tistenna l-miġja mill-ġdid tal- Mulej, tiċċelebra l-Ewkaristija bħala rit-tifkira tal-Għid tiegħu:
*Għalhekk, aħna u nagħmlu dan b'tifkira tal-mewt u l-qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu,*

### 6. Offerta

Minħabba li ċ-ċelebrazzjoni tat-tifkira Ewkaristika tagħmel preżenti l-Għid tal-Mulej, il-Knisja toffri lill-Missier is-sagrifiċċju waħdieni li jogħġob lilu: dak ta' Ġesù Kristu:
*noffrulek, Mulej, il-ħobż tal-ħajja u l-Kalċi tas-salvazzjoni,*

Imma mhux biżżejjed li noffru s-sagrifiċċju ta' Ġesù. Flimkien ma' dak ta' Ġesù, il-komunità toffri s-sagrifiċċju tagħha, l-offerta ta' qalb fidila għall-imħabba ta' Alla u ta' l-aħwa. Hekk il-ġemgħa tpoġġi fil-prattika s-saċerdozju komuni li rċeviet fil-magħmudija:
*u nroddulek ħajr għax għoġbok tilqagħna hawn quddiemek biex naqduk.*

### 7. It-tieni epiklesi

F'dan il-waqt nerġgħu nitolbu lill-Missier biex l-Ispirtu s-Santu, din id-darba jinżel mhux fuq l-offerti li issa ġew imqaddsa imma fuq il-ġemgħa sabiex filwaqt li jieħdu sehem mill-Ġisem u d-Demm ta' Kristu isiru ġisem wieħed. It-tqarbin sagramentali mhux biss tqarbin personali ma' Kristu imma wkoll għaqda mal-aħwa li magħhom niffurmaw il-ġisem ta' Kristu, li tiegħu Kristu huwa r-ras u aħna l-membri. Is-sehem fl-ikla ewkaristika jagħtina l-istess Spirtu, l-Ispirtu tal-imħabba, l-Ispirtu ta' Kristu li jagħmilna ulied Missier wieħed u aħwa bejnietna.
*U miċ-ċokon tagħna nitolbu li l-Ispirtu s-Santu jgħaqqadna f'ġisem wieħed lilna li nieħdu sehem mill-Ġisem u d-Demm ta' Kristu.*

### 8. Interċessjoni

Il-komunità li tiċċelebra l-Ewkaristija ma tingħalaqx fiha nnifisha imma tinfetaħ għall-Knisja u għad-dinja. L-ewwel u qabel kollox titlob għall-aħwa kollha li jemmnu fi Kristu Ġesù, immexxija mill-Papa, mill-isqfijiet u minn dawk li għandhom xi ministeru fil-knisja:
*Ftakar, Mulej, fil-Knisja tiegħek imxerrda mad-dinja kollha, wettaqha fl-imħabba, flimkien mal-Papa Benedittu, ma' l-Isqof tagħna Ġużeppi u mal-ministri tiegħek kollha.*

Titlob għall-insara kollha mejtin:
*Ftakar ukoll f'ħutna li raqdu bit-tama tal-qawmien:*

Titlob għal kulħadd il-ferħ tal-ġenna:
*ftakar fil-mejtin kollha:daħħalhom quddiemek fid-dawl tas-sebħ tiegħek.*

Titlob ukoll għal dawk kollha miġbura madwar l-altar sabiex, filwaqt li jibqgħu sħaħ sal-aħħar fis-sewwa, ikun jistħoqqilhom jieħdu sehem fl-ikla tal-ferħ ta' dejjem:
*ħenn għalina lkoll, nitolbuk: agħti lilna wkoll il-wirt tal-ħajja ta' dejjem.*

### 9. Dossoloġija ta' l-aħħar

Is-Saċerdot, filwaqt li jgħolli l-offerti 'l fuq lejn il-Missier, f'isem il-ġemgħa jfaħħar lil Alla li fi Kristu uriena t-tjieba tiegħu għalina.

*Bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu, jingħata lilek, Alla Missier li tista' kollox, flimkien mal-Ispirtu s-Santu, kull ġieħ u glorja għal dejjem ta' dejjem.*

Il-ġemgħa li tkun ħadet sehem fit-talba Ewkaristika bi smigħ attiv u diversi tweġibiet u akklamazzjonijiet, issa tagħlaq din it-talba bl-Amen li hi l-aktar waħda importanti fil-Quddiesa kollha:
*AMEN!*





# IL-KOMUNJONI MA' KRISTU U BEJNIETNA

## IR-RITI TAT-TQARBIN

**1. Fis-sinjal tal-ħobż il-komunjoni ma' Kristu**

Dak li jġegħlna nistagħġbu quddiem l-Ewkaristija huwa s-sempliċita' tas-sinjal: daqsxejn ta' ħobż. Iġagħlna nistagħġbu l-kobor ta' Alla li jsir preżenti f'sinjal hekk fqir bħalma hu l-ħobż. Għaliex għażel il-Mulej li jkun f'nofsna fis-sinjal tal-ħobż ikkonsagrat?

Il-ħobż jindika l-ġuħ li għandu l-bniedem minn ġewwa, ġuħ kbir: ġuħ ta' paċi, ta' ġustizzja, ta' mħabba, ta' dinjita', ta' tama, ta' fiduċja. Il-ħobż ifakkarna wkoll fil-ġuħ għall-ikel materjali li tant minn ħutna qegħdin ibatu fid-dinja. U Alla li jsir ħobż jgħidilna li għalih hu possibbli li jaqta' l-ġuħ u jxabba' dawk il-ħtiġijiet kbar li jintebaħ bihom il-bniedem. Huwa l-ħobż għax-xewqat tagħna, għall-ħolm tagħna, għal dak li nistennew li naqilgħu mingħandu.

Imma l-ħobż ta' Ġesù mhuwiex biss ħobż li jingħata imma wkoll ħobż li jinqasam u jingħata b'rigal. Dak il-ġest ta' l-aħħar ċena jiġbor fih il-ħajja kollha ta' Ġesù. L-eżistenza

tiegħu kienet tfisser qsim bla ma jaqta' għall-qadi ta' l-oħrajn. Ġesù qasam l-eżistenza tiegħu mal-bniedem; meta ħa ġisem bħal tagħna aċċetta l-ħajja, l-istorja, l-għejja u t-tbatija tal-bniedem. Qasam magħna n-natura divina tiegħu biex isir jixbaħ lilna f'kollox.

Qasam il-ħin tiegħu ma' dawk kollha li kien jiltaqa' magħhom u jersaq lejhom, kien żmien maħsub minn Alla bħala turija tas-salvazzjoni ... ma' xi wħud qagħad ħin fit-tul, kiel magħhom.

Jaqsam is-setgħa tiegħu biex ifejjaq lill-morda, jagħti d-dawl mill-ġdid lill-għomja, is-smigħ lit-torox, il-ferħ li jaqbeż u jogħla lil min kien bilqiegħda fil-ġenb tat-triq, jitlob il-karita'.

Jaqsam il-komprensjoni u s-setgħa tiegħu li jaħfer ma' dak li żbaljaw u li għandhom bżonn li jinfetħilhom bieb li jagħti konsistenza lix-xewqa tagħhom ta' tiġdid.

Jaqsam it-tħabbira tas-saltna ma' min għandu l-ġuħ u għatx tal-ġustizzja. Il-ħobż maqsum fl-aħħar ċena huwa l-ġest ta' l-aħħar ta' mixja twila u ta' għejja: tana kollox; jonqsu biss jagħtina ħajtu.

L-Ewkaristija mhux biss tirrakkuntalna dwar din l-imħabba hekk kbira imma ddaħħalna fiha. F'dan is-sens hija ta' għajnuna l-aħħar parti tas-silta dwar iż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws:
"U waqt li kien fuq il-mejda magħhom, qabad il-ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom. Imbagħad infetħulhom għajnejhom u għarfuh, iżda hu għab minn quddiemhom."

Sa dak il-waqt kienu qagħdu bilqiegħda ħdejn Ġesù, kienu d-dixxipli tiegħu, kienu mxew miegħu, kienu tkellmu miegħu ...

Imma kienu għadhom ma daħlux f'komunjoni sħiħa miegħu. F'ħafna sensi, huwa kien għadu "l-ieħor", dak li jgħix ħdejhom. Imma meta huma jieklu l-ħobż li jagħtihom u jagħrfuh, dak l-għarfien huwa għarfien spiritwali: hu issa qed jgħix fihom, jitkellem fihom. Meta jieklu l-ħobż li jagħtihom hu, ħajjithom tinbidel f'ħajtu. Mhumiex sempliċiment huma li qed jgħixu imma Ġesù Kristu li jgħix fihom.

Għalhekk meta jgħib minn quddiemhom, ma jibqgħux imdejqin: ma jistgħux jarawh ħdejhom imma qiegħed jgħix fihom! Ma tilfuhx, għall-maqlub: huma sabuh.

## 2. Il-Komunjoni mal-Knisja, il-Ġisem ta' Kristu

Għalhekk, meta nieħdu sehem fl-Ewkaristija, aħna stess insiru "ġisem ta' Kristu", "Ewkaristija", jiġifieri nippermettu li l-ħajja tagħna tinbidel f'radd ta' ħajr hekk li aħna stess insiru sinjal effikaci tal-Mulej li jsalvana: b'ġesti ta' qadi, attenzjoni u djalogu.

Imma l-Ewkaristija tqegħdna wkoll f'komunjoni mal-Knisja. Hija l-Ewkaristija li niċċelebraw li tagħmilna nħobbu lill-Knisja tagħna, kif inhi - il-Knisja tagħna lokali u l-Knisja tagħna parrokkjali. Jekk inhu veru li fil-komunjoni ma' l-Ewkaristija jiena nsir "ġisem ta' Kristu", huwa wkoll veru li din il-preżenza ta' Kristu Rxoxt ma tiqafx miegħi biss.

L-Appostlu San Pawl iffakarna: "Issa l-ġisem m'huwiex membru wieħed, imma magħmul minn ħafna membri ... Intom il-ġisem ta' Kristu, u kull wieħed minnkom biċċa minnu." (1 Kor 12, 14.27)

Jekk Kristu huwa s-Salvatur tiegħi, propju din il-Knisja bil-limiti kollha tagħha, issir għalija l-preżenza ta' Kristu Rxoxt, l-attwalizzazzjoni tas-salvazzjoni. Għalhekk qabel ma l-ewwel nakkuża lil ħuti fil-fidi għax ma jweġbux għall-ideali tal-Vanġelu u mbagħad nakkuża lil Alla għax jaċċetta u jħobb komunita' ta' din ix-xorta u fl-aħħar nispiċċa nakkuża lili nnifsu għax ma nafx nilqa' u nħobb lill-persuni u sitwazzjonijiet kif inhuma ... l-Ewkaristija tistedinni biex inrodd ħajr lil Alla għal dak li ġa qed iseħħ fina, biex inroddlu ħajr għax qed jagħtini b'rigal lil ħuti li qed jgħixu miegħi s-sejħa u l-ħniena tiegħu.

L-Ewkaristija tgħallimni nħobb din il-Knisja lokali, għax hawn, fost dawn il-persuni, Kristu jgħix u juri lilu nnifsu bħala dak li qam mill-mewt.

U hekk integħmu s-sbuħija u l-qawwa tat-talba ta' Ġesù: hija t-"talba tiegħu Ewkaristika" ta' l-aħħar cena, hija l-offerta tiegħu ta' "ħajja Ewkaristika".
"Nitolbok, li jkunu lkoll ħaġa waħda. Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni. Il-glorja li int tajt lili jiena tajtha lilhom, biex ikunu ħaġa waħda bħalma aħna ħaġa waħda: jiena fihom u inti fija, biex isiru ħaġa waħda għal kollox, ħalli d-dinja tagħraf li inti bgħattni u li ħabbejt lilhom kif ħabbejt lili." (Ġw 17, 21-23).

# MESSAĠĠ TAL-PAPA BENEDITTU XVI

## FL-OKKAŻJONI TA' L-GĦELUQ TAL-KUNGRESS EWKARISTIKU NAZZJONALI FIL-GŻEJJER MALTIN

**Lill-Venerabbli Ħuna Wisq Reverendu Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta**

Insellem bil-ferħ lilek u lill-isqfijiet, saċerdoti, reliġjużi u lajċi kollha li nġbartu flimkien biex tiċċelebraw il-Kungress Ewkaristiku Nazzjonali f'Malta. Nibgħat ix-xewqat tajba kordjali tiegħi wkoll lid-dinjitarji ċivili preżenti fiċ-ċerimonja ta' l-għeluq u lin-nies kollha tal-gżejjer għeżież tagħkom. Maħbubin uliedi, il-paċi magħkom!

*Ave verum corpus*, Insellmu lill-ġisem veru ta' Kristu. Dan il-kliem minn antifona antika jfakkarna li Kristu hu realment preżenti fl-Ewkaristija. Verament hu jagħtina ġismu biex nikluh fix-xbieha tal-ħobż, il-ħobż li hu mimli b'kull ħlewwa. Intom għażiltu li tirriflettu fuq l-importanza tal-Preżenza Reali ta' Kristu fl-Ewkaristija bħala għajn ta' ħajja għall-Knisja. L-Iben ta' Alla jagħti lilu nnifsu lilna bħala ikel tas-sema, u hekk jagħtina l-qawwa għall-vjaġġ tagħna. Nitlob li l-poplu kollu ta' Malta jikber kuljum fis-sens ta' stagħġib tiegħu quddiem il-misteru straordinarju ta' l-Ewkaristija, dan il-ħobż tas-sema li jagħti ħajja eterna lil dawk li jirċievuh.

Iċ-ċerimonja ta' l-għeluq tagħkom qed issir fl-istess jum tal-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, meta l-Knisja kollha tiċċelebra l-misteru ta' l-imħabba ta' Kristu. Fl-ilma u d-demm li ħareġ mill-ġerħa ta' ġenbu kif kien imdendel fuq is-Salib aħna naraw sinjal ta' dik l-imħabba li ħierġa mis-sagrament tal-Magħmudija u ta' l-Ewkaristija. Nistieden lill-poplu ta' Malta biex iġedded id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija u jixrob dejjem iktar mill-għajn tal-grazzja li hija l-ħajja sagramentali tal-Knisja.

Filwaqt li nirrikmanda l-poplu kollu tagħkom għall-interċessjoni materna ta' Marija, il-Mara ta' l-Ewkaristija, minn qalbi nagħti l-Barka Apostolika lilkom miġburin għal din l-okkażjoni u lill-familji u l-maħbubin tagħkom.

*Mill-Vatikan, 03 ta' Ġunju 2005*
*Benedictus XVI*

***To my Venerable Brother The Most Reverend Joseph Mercieca, Archbishop of Malta***

*With joy I greet you and all the bishops, priests, religious and laity who have come together to celebrate the National Eucharistic Congress in Malta. I send cordial good wishes also to the civil dignitaries present at the closing ceremony and to all the people of your beloved islands.* Maħbubin uliedi, il-paċi magħkom!

Ave verum corpus, *Hail true body of Christ. These words of an ancient antiphon remind us that Christ is really present in the Eucharist. Truly he gives us his flesh to eat in the form of bread, the bread that is full of all sweetness. You have chosen to reflect on the importance of Christ's real presence in the Eucharist as a source of life for the Church. The Son of God gives himself to us as heavenly food, providing us with strength for our journey. I pray that all the people of Malta may grow daily in their sense of wonder at the extraordinary mystery of the Eucharist, at this bread from heaven that gives eternal life to those who receive it.*

*Your closing ceremony takes place on the feast of the Most Sacred Heart of Jesus, when the whole Church celebrates the mystery of Christ's love. In the water and the blood that flowed from his wounded side as he hung upon the Cross, we see a sign of that love issuing forth in the sacraments of Baptism and the Eucharist. I invite the people of Malta to renew their devotion to the Eucharist and to drink ever more deeply from the life-giving fountain of grace that is the Church's sacramental life.*

*Commending all your people to the maternal intercession of Mary, Woman of the Eucharist, I cordially impart my Apostolic Blessing upon those gathered for this occasion and upon their families and loved ones.*

*From the Vatican, 3 June 2005*
*Benedictus XVI*

# MESSAĠĠ TA' ĦAJR MILL-ARĊISQOF TA' MALTA

## LILL-PAPA BENEDITTU XVI FL-OKKAŻJONI TA' L-GĦELUQ TAL-KUNGRESS EWKARISTIKU NAZZJONALI FIL-GŻEJJER MALTIN

Santità,
L-Arċisqof ta' Malta u President tal-Konferenza Episkopali Maltija, l-Isqfijiet l-oħra Maltin, miġburin flimkien għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, mas-saċerdoti, reliġjużi, Awtoritajiet ċivili u għadd kbir ta' lajċi fl-okkażjoni ta' l-Għeluq tal-Kungress Ewkaristiku Nazzjonali f'din is-Sena ta' l-Ewkaristija, jilqgħu bil-ferħ u jroddu ħajr lill-Qdusija Tiegħek għall-Messaġġ u l-Barka Apostolika li għoġbok tibgħat lill-poplu Malti u Għawdxi fil-bidu tal-Pontifikat tiegħek.

Waqt li jġeddu t-twemmin tagħhom fil-Misteru ta' l-Ewkaristija, iwegħdu li jibqgħu jżommu l-għaqda tagħhom mal-Maġisteru tas-Suċċessur ta' San Pietru bħala wlied denji ta' l-Apostlu Missierna San Pawl. Ilkoll għalenija jsellmulek bil-kliem li għallimna l-Beatu Ġorġ Preca: *Salve Papa noster* - Sliem għalik Missier tagħna, *Salve Petra Fidei* - Sliem għalik blata tal-Fidi, *Salve coeli janitor* - Sliem għalik muftieħ tas-sema, *et Dominus sit tecum* - u l-Mulej ikun miegħek. Jitolbu lill-Mulej ikompli jseddaq il-Ministeru Universali tal-Qdusija Tiegħek bi frott spiritwali kbir ta' għaqda u qdusija b'riżq l-insara kollha kif ukoll ta' paċi u solidarjeta' fost il-popli kollha tad-dinja.

✠ *Ġużeppi Mercieca*
*Arċisqof ta' Malta*

*Your Holiness,*
*The Archbishop of Malta and President of the Maltese Episcopal Conference, the Bishop of Gozo and the other Maltese Bishops, gathered for the celebration of the Holy Eucharist together with priests, religious, Civil Authorities and a large number of laity on the occasion of the conclusion of the National Eucharistic Congress during this Eucharistic year, receive with joy and thank Your Holiness for the Message and Apostolic Blessing which you have sent to the Maltese people, at the beginning of your Universal Ministry.*

*Whilst renewing their faith in the Mystery of the Eucharist, as faithful children of our Father the Apostle Saint Paul, they promise, to continue to uphold their unity with the Magisterium of the Successor of Peter. They heartily salute you with the words which Blessed Ġorġ Preca taught us:* Salve Papa noster, Salve Petra Fidei, Salve coeli janitor et Dominus sit tecum. *They pray to the Lord to continue to sustain Your Holiness' Universal Ministry with great spiritual fruit of unity and holiness for the benefit of all Christians, as well as peace and solidarity amongst peoples of all nations.*

✠ *Joseph Mercieca*
*Archbishop of Malta*



**Ave verum corpus,**

***Insellmu lill-ġisem veru ta' Kristu. Dan il-kliem minn antifona antika jfakkarna li Kristu hu realment preżenti fl-Ewkaristija. Verament hu jagħtina ġismu biex nikluh fix-xbieha tal-ħobż, il-ħobż li hu mimli b'kull ħlewwa***

**Benedittu XVI**